



Ġabra tal-ġurisprudenza

SENTENZA TAL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA (Awla Manja)

13 ta' Lulju 2023 ^{*i}

Werrej

Il-kuntest ġuridiku	4
Ir-Regolament (KE) Nru 139/2004	4
Ir-Regolament Nru 802/2004	9
Il-Linji Gwida dwar il-konċentrazzjonijiet orizzontali	10
Il-fatti li wasslu għall-kawża u d-Deċiżjoni kontenzjuża	12
Il-proċedura quddiem il-Qorti Ġenerali u s-sentenza appellata	14
Il-proċedura quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja	15
It-talbiet tal-partijiet	15
Fuq l-Appell	16
Fuq l-ewwel aggravju	16
L-argumenti tal-partijiet	16
Il-kunsiderazzjonijiet tal-Qorti tal-Ġustizzja	18
Fuq it-tieni aggravju	21
Fuq l-ewwel parti	21
– L-argumenti tal-partijiet	21
– Il-kunsiderazzjonijiet tal-Qorti tal-Ġustizzja	22
Fuq it-tieni parti	22
– L-argumenti tal-partijiet	22

* Lingwa tal-kawża: l-Ingliż.

– Il-kunsiderazzjonijiet tal-Qorti tal-Ġustizzja	23
Fuq it-tielet aggravju	25
Fuq l-ewwel parti	25
– L-argumenti tal-partijiet	25
– Il-kunsiderazzjonijiet tal-Qorti tal-Ġustizzja	26
Fuq it-tieni parti	28
– L-argumenti tal-partijiet	28
– Il-kunsiderazzjonijiet tal-Qorti tal-Ġustizzja	29
Fuq it-tielet parti	32
– L-argumenti tal-partijiet	32
– Il-kunsiderazzjonijiet tal-Qorti tal-Ġustizzja	34
Fuq ir-raba' aggravju	36
Fuq l-ewwel parti	36
– L-argumenti tal-partijiet	36
– Il-kunsiderazzjonijiet tal-Qorti tal-Ġustizzja	37
Fuq it-tieni parti	40
– L-argumenti tal-partijiet	40
– Il-kunsiderazzjonijiet tal-Qorti tal-Ġustizzja	41
Fuq il-ħames aggravju	43
L-argumenti tal-partijiet	43
Il-kunsiderazzjonijiet tal-Qorti tal-Ġustizzja	44
Fuq is-sitt aggravju	46
Fuq in-natura effettiva tas-sitt aggravju	46
– L-argumenti tal-partijiet	46
– Il-kunsiderazzjonijiet tal-Qorti tal-Ġustizzja	47
Fuq l-ewwel parti	47
– L-argumenti tal-partijiet	47

– Il-kunsiderazzjonijiet tal-Qorti tal-Ġustizzja	49
Fuq it-tieni parti	51
– L-argumenti tal-partijiet	51
– Il-kunsiderazzjonijiet tal-Qorti tal-Ġustizzja	52
Fuq il-kawża mibgħuta lura lill-Qorti Ġenerali	54
Fuq l-ispejjeż	55

“Appell – Kompetizzjoni – Regolament (KE) Nru 139/2004 – Kontroll tal-konċentrazzjonijiet ta’ impriżi – Servizzi ta’ telekomunikazzjonijiet mobbli – Deċiżjoni li tiddikjara konċentrazzjoni inkompatibbli mas-suq intern – Suq oligopolistiku – Tfixkil sinjifikattiv għal kompetizzjoni effettiva – Effetti mhux ikkoordinati – Livell ta’ prova – Marġni ta’ diskrezzjoni tal-Kummissjoni Ewropea fil-qasam ekonomiku – Limiti tal-istħarriġ ġudizzjarju – Linji Gwida dwar il-konċentrazzjonijiet orizzontali – Fatturi rilevanti sabiex jintwera tfixkil sinjifikattiv għal kompetizzjoni effettiva – Kunċetti ta’ ‘mutur importanti tal-kompetizzjoni’ u ta’ ‘kompetituri mill-qrib’ – Prossimità tal-kompetizzjoni bejn il-partijiet fil-konċentrazzjoni – Analiżi kwantitattiva tal-effetti tal-konċentrazzjoni pplanata fuq il-prezzijiet – Żieda fl-effikaċja – Żnaturament – Ilment imqajjem *ex officio* mill-Qorti Ġenerali tal-Unjoni Ewropea – Annullament”

Fil-Kawża C-376/20 P,

li għandha bħala suġġett appell skont l-Artikolu 56 tal-Istatut tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea, ippreżentat fis-7 ta’ Awwissu 2020,

Il-Kummissjoni Ewropea, irrappreżentata inizjalment minn G. Conte, M. Farley, J. Szczodrowski u C. Urraca Caviedes, sussegwentement minn F. Castillo de la Torre, G. Conte, M. Farley, J. Szczodrowski u C. Urraca Caviedes, bħala aġenti,

rikorrenti,

sostnuta minn:

L-Awtorità tas-Sorveljanza EFTA, irrappreżentata inizjalment minn C. Simpson, M. Sánchez Rydelski u C. Zatschler, sussegwentement minn C. Simpson u M. Sánchez Rydelski, bħala aġenti,

intervenjenti fl-appell,

il-partijiet l-oħra fil-kawża li huma:

CK Telecoms UK Investments Ltd, stabbilita f’Londra (Ir-Renju Unit), irrappreżentata inizjalment minn J. Aitken, K. Asakura, A. Coe, M. Davis, S. Prichard, solicitors, O. W. Brouwer, advocaat, B. Kennelly, SC, A. Müller, advocate, u T. Wessely, Rechtsanwalt, sussegwentement minn J. Aitken, K. Asakura, A. Coe, M. Davis, solicitors, O. W. Brouwer, advocaat, B. Kennelly, SC, A. Müller, advocate, u T. Wessely, Rechtsanwalt,

rikorrenti fl-ewwel istanza,

Ir-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq, irrappreżentat inizjalment minn S. Brandon, sussegwentement minn F. Shibli, bħala aġenti,

EE Ltd, stabbilita f'Hatfield (Ir-Renju Unit),

intervenjenti fl-ewwel istanza,

IL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA (Awla Manja),

komposta minn K. Lenaerts, President, L. Bay Larsen, Viċi President, A. Arabadjiev (Relatur), A. Prechal, M. Safjan, P. G. Xuereb, D. Gratsias u M. L. Arastey Sahún, Presidenti ta' Awla, J.-C. Bonichot, S. Rodin, F. Biltgen, J. Passer u Z. Csehi, Imħallfin,

Avukat Ġenerali: J. Kokott,

Reġistratur: M. Longar, Amministratur,

wara li rat il-proċedura bil-miktub u wara s-seduta tal-14 ta' Ġunju 2022,

wara li semgħet il-konklużjonijiet tal-Avukata Ġenerali ppreżentati fis-seduta tal-20 ta' Ottubru 2022,

tagħti l-preżenti

Sentenza

- 1 Permezz tal-appell tagħha, il-Kummissjoni Ewropea titlob l-annullament tas-sentenza tal-Qorti Ġenerali tal-Unjoni Ewropea tat-28 ta' Mejju 2020, *CK Telecoms UK Investments vs Il-Kummissjoni* (T-399/16, iktar 'il quddiem is-“sentenza appellata”, EU:T:2020:217), li permezz tagħha din annullat id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni C(2016) 2796 final tal-11 ta' Mejju 2016 li tiddikjara konċentrazzjoni inkompatibbli mas-suq intern (Każ COMP/M.7612 – Hutchison 3G UK/Telefónica UK), ippubblikata fil-forma ta' sommarju f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* tad-29 ta' Settembru 2016 (ĠU 2016, C 357, p. 15, iktar 'il quddiem id-“Deċiżjoni kontenzjuża”).

Il-kuntest ġuridiku

Ir-Regolament (KE) Nru 139/2004

- 2 Il-premessi 5, 6, 24, 25, 28 u 29 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 tal-20 ta' Jannar 2004 dwar il-kontroll ta' konċentrazzjonijiet bejn impriżi (ir-Regolament tal-KE dwar l-Għaqdiet) (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 8, Vol. 3, p. 40), jistipulaw.

- “(5) Madankollu, għandu jkun assigurat li l-proċess ta’ riorganizzazzjoni ma jwassalx għal ħsara fil-kompetizzjoni li ddum tinħass; il-liġi Komunitarja għandha, għaldaqstant, tinkludi dispożizzjonijiet li jirregolaw dawk il-konċentrazzjonijiet li jistgħu jfixklu b’mod sinifikanti l-kompetizzjoni effettiva fis-suq komuni jew f’parti sostanzjali minnu.
- (6) Għaldaqstant, hemm il-bżonn ta’ strument legali speċifiku li jippermetti li jsir kontroll effettiv tal-konċentrazzjonijiet kollha skond l-effett tagħhom fuq l-istruttura tal-kompetizzjoni fil-Komunità. Dan l-istrument għandu jkun l-uniku strument li japplika għal dawn il-konċentrazzjonijiet. Ir-Regolament [tal-Kunsill] (KEE) Nru 4064/89 [tal-21 ta’ Diċembru 1989 dwar il-kontroll ta’ konċentrazzjonijiet bejn impriżi (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 8, Vol. 1, p. 31)] ippermetta li tiżviluppa politika Komunitarja f’dan il-qasam. Madankollu, fid-dawl ta’ l-esperjenza, dan ir-Regolament għandu issa jinkiteb mill-ġdid fl-leġislazzjoni miktuba apposta sabiex tilqa’ l-isfidi ta’ suq aktar integrat u tat-tkabbir ta’ l-Unjoni Ewropea fil-futur. Skond il-prinċipji ta’ sussidjarjetà u ta’ proporzjonalità, kif stabbiliti fl-Artikolu 5 [TUE], dan ir-Regolament ma jaqbiżx il-limiti ta’ dak li huwa meħtieġ sabiex jintlaħaq l-għan li jkun assigurat li l-kompetizzjoni fis-suq komuni ma tkunx imfixkla, dejjem skond il-prinċipju ta’ l-ekonomija ta’ suq miftuħ b’kompetizzjoni ħielsa.

[...]

- (24) Dan ir-Regolament għandu jippermetti kontroll effettiv tal-konċentrazzjonijiet kollha mill-aspett ta’ l-effett tagħhom fuq il-kompetizzjoni fil-Komunità sabiex jassigura sistema ta’ kompetizzjoni mingħajr tfixkil fis-suq komuni u dan bħala avvanz ta’ politika mħaddna skond il-prinċipju ta’ ekonomija tas-suq miftuħa f’kompetizzjoni ħielsa. Għalhekk, ir-Regolament [...] Nru 4064/89 stabbilixxa l-prinċipju li konċentrazzjoni b’dimensjoni Komunitarja li toħloq jew issaħħaħ pożizzjoni dominanti, liema pożizzjoni twassal għal tfixkil sostanzjali fil-kompetizzjoni effettiva fis-suq komuni jew f’parti sostanzjali tiegħu, għandha tkun dikjarata bħala inkompatibbli mas-suq komuni.
- (25) Fid-dawl tal-konsegwenzi li jista’ jkollhom konċentrazzjonijiet fi strutturi ta’ suq oligopolistiku, huwa meħtieġ aktar minn f’sitwazzjonijiet oħra li tinżamm kompetizzjoni effettiva f’suq ta’ dan it-tip. Ħafna mis-swieq oligopolistiċi għandhom livell tajjeb ta’ kompetizzjoni. Madankollu, konċentrazzjonijiet li jinvolvu t-tneħħija ta’ kontrolli kompetittivi importanti li l-partijiet li jingħaqdu kienu jeżerċitaw fuq xulxin u li jinvolvu wkoll tnaqqis fil-persjoni maħluqa mill-kompetizzjoni fuq il-kompetituri li jifdal, jistgħu, f’ċerti ċirkostanzi, joħolqu tfixkil sostanzjali għal kompetizzjoni effettiva. Dan jista’ jiġri anki meta ma jkunx hemm riskju ta’ kordinazzjoni bejn il-membri ta’ l-oligopolija. Madankollu, sal-ġurnata tal-lum, il-qrati tal-Komunità għadhom ma interpretawx b’mod espress ir-Regolament [...] Nru 4064/89 bħala li jitlob li konċentrazzjonijiet li joħolqu dawn l-effetti mingħajr kordinazzjoni jkunu dikjarati bħala inkompatibbli mas-suq komuni. Għalhekk, fl-interess taċ-ċertezza legali, għandu jkun ċar li dan ir-Regolament jippermetti kontroll effettiv ta’ dawn il-konċentrazzjonijiet kollha billi jistabbilixxi li kull konċentrazzjoni li ħa tfixkel b’mod sinifikanti kompetizzjoni effettiva fis-suq komuni jew f’parti sostanzjali minnu, għandha tkun dikjarata bħala inkompatibbli mas-suq komuni. L-espressjoni ‘tfixkil sinifikanti għal kompetizzjoni effettiva’ fl-Artikolu 2(2) u (3) għandha tkun interpretata bħala li tapplika lil hinn mill-kunċett ta’ dominanza, iżda biss fir-rigward ta’ effetti ta’ konċentrazzjoni li jmorru kontra l-kompetizzjoni u li jirriżultaw minn imġieba mingħajr kordinazzjoni ta’ impriżi li ma jkollhomx pożizzjoni dominanti fis-suq konċernat.

[...]

- (28) Sabiex tkun iċċarata u spjegata l-istima tal-Kummissjoni ta' konċentrazzjonijiet taħt dan ir-Regolament, huwa xieraq li l-Kummissjoni tippubblika gwida li toffri qafas ekonomiku komplut sabiex issir stima ta' konċentrazzjonijiet bil-għan li jkun determinat jekk dawn jistgħux jkunu dikjarati bħala kompatibbli mas-suq komuni.
- (29) Sabiex ikun determinat l-impatt ta' konċentrazzjoni fuq il-kompetizzjoni fis-suq komuni, huwa xieraq li jkunu kunsidrati l-effiċjenzi sostanzjali u probabbli li jkunu imqajma mill-impriżi konċernati. Jista' jkun li l-effiċjenzi li jirriżultaw mill-konċentrazzjoni jgħall-effetti fuq il-kompetizzjoni, u b'mod partikolari, l-ħsara potenzjali għall-konsumaturi, li jista' jkollha din il-konċentrazzjoni. Jista' jkun li minħabba f'hekk il-konċentrazzjoni ma tfixkilx b'mod sinifikanti l-kompetizzjoni effettiva fis-suq komuni jew f'parti sostanzjali minnu, b'mod partikolari b'riżultat tal-ħolqien jew tat-tisħiħ ta' pożizzjoni dominanti. Il-Kummissjoni għandha tippubblika gwida dwar il-kundizzjonijiet li fuqhom hi tista' tikkonsidera effiċjenzi meta tkun qiegħda tagħmel stima ta' konċentrazzjoni."

3 L-Artikolu 2 ta' dan ir-regolament, intitolat "Stima tal-konċentrazzjonijiet", jiddisponi:

"1. Konċentrazzjonijiet li jaqgħu fl-ambitu ta' dan ir-Regolament għandhom ikunu stmata skond l-għanijiet ta' dan ir-Regolament u d-dispożizzjonijiet li ġejjin bil-għan li jkun stabbilit jekk humiex kompatibbli mas-suq komuni jew le.

Meta tkun qiegħda tagħmel din l-istima, il-Kummissjoni għandha tqis:

- (a) il-bżonn li tinżamm u li tkun żviluppata kompetizzjoni effettiva fis-suq komuni, u dan minħabba, fost l-oħrajn, l-istruttura ta' l-iswieq konċernati u l-kompetizzjoni attwali u potenzjali minn impriżi li qegħdin fil-jew barra mill-Komunità;
- (b) il-pożizzjoni ta' l-impriżi konċernati fis-suq u s-saħħa ekonomika u finanzjarja tagħhom, l-alternattivi disponibbli għall-fornituri u għall-konsumaturi, l-aċċess li għandhom għal provisti jew swieq, xi barrieri legali jew barrieri oħra li jfixklu d-dħul fis-suq, tendenzi fil-provista u fit-talba għall-merkanzija u għas-servizzi rilevanti, l-interessi tal-konsumaturi - kemm dawk intermedjarji u kif ukoll dawk finali - u l-iżvilupp ta' progress tekniku u ekonomiku sakemm dan ikun fl-interess tal-konsumaturi u ma jkunx ta' tfixkil għall-kompetizzjoni.
2. Konċentrazzjoni li mhix ħa tkun ta' tfixkil sinifikanti għall-kompetizzjoni effettiva fis-suq komuni jew f'parti sostanzjali minnu, b'mod partikolari minħabba l-ħolqien ta' jew minħabba t-tisħiħ ta' pożizzjoni dominanti, għandha tkun dikjarata bħala kompatibbli mas-suq komuni.
3. Konċentrazzjoni li ħa tkun ta' tfixkil sinifikanti għall-kompetizzjoni effettiva fis-suq komuni jew f'parti sostanzjali minnu, b'mod partikolari minħabba l-ħolqien ta' jew minħabba t-tisħiħ ta' pożizzjoni dominanti, għandha tkun dikjarata bħala inkompatibbli mas-suq komuni.
4. Safejn il-ħolqien ta' joint venture li tammonta għal konċentrazzjoni skond l-Artikolu 3 jkollu bħala l-għan jew l-effett tiegħu il-kordinazzjoni ta' l-imġieba kompetittiva ta' l-impriżi li jibqgħu indipendenti, din il-kordinazzjoni għandha tkun stmata skond il-kriterji ta' l-Artikolu [101](1) u (3) [TFUE] bil-għan li jkun stabbilit jekk l-operazzjoni hix kompatibbli mas-suq komuni jew le.

5. Meta tkun qiegħda tagħmel din l-istima, il-Kummissjoni għandha tqis, b'mod partikolari:

- jekk tnejn jew aktar kumpanniji prinċipali żammewx, b'mod sinifikanti, attivitajiet fl-istess suq bħall-joint venture jew f'suq li huwa downstream jew upstream minn dak tal-joint venture jew f'suq fil-qrib li huwa relatat ħafna ma' dan is-suq,
- jekk il-kordinazzjoni li hija l-konsegwenza diretta tal-ħolqien tal-joint venture tħallix lill-impriżi konċernati l-possibbiltà li jeliminaw il-kompetizzjoni fir-rigward ta' parti sostanzjali mill-prodotti jew mis-servizzi konċernati.”

4 L-Artikolu 3 tal-imsemmi regolament, intitolat “Definizzjoni ta' konċentrazzjoni”, jistabbilixxi fil-paragrafu 1(b) tiegħu li:

“Għandu jitqies li hemm konċentrazzjoni meta jkun hemm bidla fil-kontroll fuq bażi dewwiema, liema bidla tkun ir-riżultat ta’:

[...]

(b) l-akkwist, minn persuna jew minn aktar minn persuna waħda li diġa tikkontrolla jew jikkontrollaw mill-anqas impriża waħda, jew minn impriża jew minn aktar minn impriża waħda, ta' kontroll dirett jew indirett ta' impriża jew ta' aktar minn impriża waħda, jew ta' partijiet minn impriża jew minn aktar minn impriża waħda. Dan l-akkwist jista' jsir kemm permezz tax-xiri ta' titoli jew ta' assi, permezz ta' kuntratt jew permezz ta' kull mezz ieħor.”

5 L-Artikolu 4 tal-istess regolament, intitolat “Notifika minn qabel ta' konċentrazzjonijiet u riferenza qabel in-notifika fuq talba tal-partijiet li jagħmlu n-notifika”, jipprevedi, fl-ewwel subparagrafu tal-paragrafu 1 tiegħu:

“Konċentrazzjoni b'dimensjoni Komunitarja definiti f'dan ir-Regolament għandhom ikunu notifikati lill-Kummissjoni qabel ma jiġu implimentati u wara l-konklużjoni tal-ftehim, id-dikjarazzjoni ta' l-offerta pubblika, jew l-akkwist ta' interess li għandu kontroll.”

6 L-Artikolu 6 tar-Regolament Nru 139/2004, intitolat “Eżaminazzjoni tan-notifika u l-bidu tal-proċeduri”, jiddisponi, fil-paragrafi 1 u 2 tiegħu:

“1. Il-Kummissjoni għandha teżamina n-notifika malli tirċeviha.

(a) Meta l-Kummissjoni tikkonkludi li l-konċentrazzjoni notifikata ma taqgħax fl-ambitu ta' dan ir-Regolament, hija għandha tiddikjara dak li sabet permezz ta' deċiżjoni.

(b) Meta l-Kummissjoni ssib illi l-konċentrazzjoni notifikata, għalkemm taqa' fl-ambitu ta' dan ir-Regolament, ma toħloqx dubji serji dwar jekk hix kompatibbli mas-suq komuni, hija għandha tiddeċiedi li ma topponihex u għandha tiddikjaraha bħala kompatibbli mas-suq komuni.

Deċiżjoni li tiddikjara konċentrazzjoni bħala waħda kompatibbli għandha titqies li tkopri restrizzjonijiet relatati u meħtieġa direttament għall-implimentazzjoni tal-konċentrazzjoni.

(ċ) Mingħajr preġudizzju għall-paragrafu 2, meta l-Kummissjoni ssib illi l-konċentrazzjoni notifikata taqa' fl-ambitu ta' dan ir-Regolament u toħloq dubji serji dwar il-kompatibilità tagħha mas-suq komuni, hija għandha tiddeċiedi li tibda proċeduri. Mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 9, dawn il-proċeduri għandhom jingħalqu permezz ta' deċiżjoni skond l-Artikolu 8(1) sa (4), sakemm l-impriżi konċernati ma jikkonvinċux lill-Kummissjoni li huma abbandunaw il-konċentrazzjoni.

2. Meta l-Kummissjoni ssib li, wara bidliet mill-impriżi konċernati, konċentrazzjoni notifikata ma baqgħetx toħloq dubji serji fis-sens tal-paragrafu 1(c), hija għandha tiddikjara li l-konċentrazzjoni hija kompatibbli mas-suq komuni skond il-paragrafu 1(b).

Mad-deċiżjoni tagħha taħt il-paragrafu 1(b), il-Kummissjoni tista' żżid kundizzjonijiet u obbligi maħsuba sabiex jassiguraw li l-impriżi konċernati jirrispettaw ir-rabtiet li jkunu daħlu għalihom fir-rigward tal-Kummissjoni bil-għan li l-konċentrazzjoni ssir kompatibbli mas-suq komuni.”

7 L-Artikolu 7 ta' dan ir-regolament, intitolat “Sospensjoni ta' konċentrazzjonijiet”, jistabbilixxi, fil-paragrafu 1 tiegħu:

“Konċentrazzjoni b'dimensjoni Komunitarja [...] ma għandhiex tkun implimentata qabel tkun notifikata jew qabel ma tkun dikjarata kompatibbli mas-suq komuni permezz ta' deċiżjoni skond l-Artikoli 6(1)(b), 8 (1) jew 8 (2), jew a bażi ta' preżunzjoni skond l-Artikolu 10(6).”

8 L-Artikolu 8 tal-imsemmi regolament, intitolat “Poteri tal-Kummissjoni biex tiegħu deċiżjoni”, jipprevedi fil-paragrafi 1 sa 3 tiegħu:

“1. Meta l-Kummissjoni ssib li konċentrazzjoni notifikata tissodisfa l-kriterju stabbilit fl-Artikolu 2(2) u, fil-każijiet imsemmija fl-Artikolu 2(4), il-kriterji stabbiliti fl-Artikolu [101](3) [TFUE], hija għandha toħroġ deċiżjoni li fiha tiddikjara li l-konċentrazzjoni hija kompatibbli mas-suq komuni.

Deċiżjoni li tiddikjara konċentrazzjoni bħala waħda kompatibbli għandha titqies li tkopri restrizzjonijiet relatati u meħtieġa direttament għall-implimentazzjoni tal-konċentrazzjoni.

2. Meta l-Kummissjoni ssib li, wara bidliet mill-impriżi konċernati, konċentrazzjoni notifikata tissodisfa l-kriterju stabbilit fl-Artikolu 2(2) u, fil-każijiet imsemmija fl-Artikolu 2(4), il-kriterji stabbiliti fl-Artikolu [101](3) [TFUE], hija għandha toħroġ deċiżjoni li fiha tiddikjara li l-konċentrazzjoni hija kompatibbli mas-suq komuni.

Mad-deċiżjoni tagħha, l-Kummissjoni tista' tinkludi kundizzjonijiet u obbligi maħsuba biex jassiguraw li l-impriżi konċernati jirrispettaw ir-rabtiet li jkunu daħlu għalihom fir-rigward tal-Kummissjoni bil-għan li l-konċentrazzjoni tkun kompatibbli mas-suq komuni.

Deċiżjoni li tiddikjara konċentrazzjoni bħala waħda kompatibbli għandha titqies li tkopri restrizzjonijiet relatati u meħtieġa direttament għall-implimentazzjoni tal-konċentrazzjoni.

3. Meta l-Kummissjoni ssib li konċentrazzjoni tissodisfa l-kriterji definiti fl-Artikolu 2(3) jew, fil-każijiet imsemmija fl-Artikolu 2(4), ma jissodisfawx il-kriterji stabbiliti fl-Artikolu [101](3) [TFUE], hija għandha toħroġ deċiżjoni li fiha tiddikjara li l-konċentrazzjoni mhix kompatibbli mas-suq komuni.”

- 9 L-Artikolu 10 tal-istess regolament, intitolat “Perjodi perentorji għall-bidu ta’ proċeduri u għal deċiżjonijiet”, jiddisponi, fil-paragrafu 6 tiegħu:

“Meta l-Kummissjoni ma tieħux deċiżjoni skond l-Artikoli 6(1)(b), (c), 8(1), (2) jew (3) fiż-żmien stipulat fil-paragrafi 1 u 3 rispettivament, il-konċentrazzjoni għandha titqies bħallikeku kienet dikjarata inkompatibbli mas-suq komuni [...]”

- 10 L-Artikolu 21 tar-Regolament Nru 139/2004, intitolat “Applikazzjoni tar-Regolament u ġurisdizzjoni”, jipprevedi, fil-paragrafu 2 tiegħu:

“Il-Kummissjoni biss għandha jkollha ġurisdizzjoni biex tiegħu d-deċiżjonijiet imsemmija f’dan ir-Regolament. Dan iżda bla ħsara għal reviżjoni mill-Qorti tal-Ġustizzja.”

Ir-Regolament Nru 802/2004

- 11 L-Artikolu 3 tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 802/2004 tal-21 ta’ April 2004 li jimplementa r-Regolament [Nru 139/2004] (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 8, Vol. 3, p. 88), kif emendat bir-Regolament ta’ Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 1269/2013 tal-5 ta’ Diċembru 2013 (ĠU 2013, L 336, p. 1) (iktar ’il quddiem ir-“Regolament Nru 802/2004”), jipprevedi li, għall-finijiet tal-kontroll tal-konċentrazzjonijiet, il-komunikazzjonijiet għandhom jiġu ppreżentati bil-mod stabbilit fil-Formola CO li tinsab fl-Anness I ta’ dan ir-regolament.

- 12 It-Taqsima 9 ta’ dan l-Anness I, intitolata “L-effiċjenzi”, hija fformulata kif ġej:

“Jekk tixtieq li l-Kummissjoni tqis b’mod speċifiku mill-bidu nett [...] jekk il-gwadanni fl-effiċjenza ġġenerati mill-konċentrazzjoni aktarx li jsaħħu l-ħila u l-inċentiv tal-entità l-ġdida biex taġixxi b’mod proattiv għall-benefiċċju tal-konsumatur, ipprovi deskrizzjoni ta’, u dokumenti ta’ appoġġ relatat ma’, kull effiċjenza (inkluż l-iffrankar fi spejjeż, introduzzjonijiet ta’ prodotti ġodda u titjib fis-servizzi jew fil-prodotti) li l-partijiet jantiċipaw li se tirriżulta mill-konċentrazzjoni proposta relatata ma’ kwalunkwe prodott rilevanti [...]

Għal kull dikjarazzjoni ta’ effiċjenza, ipprovi:

- (i) spjegazzjoni dettaljata dwar kif il-konċentrazzjoni proposta tippermetti lill-entità l-ġdida tikseb l-effiċjenza. Speċifika l-passi li l-partijiet jantiċipaw li jieħdu biex jiksbu l-effiċjenza, ir-riskji involuti biex tinkiseb l-effiċjenza u ż-żmien u l-ispejjeż meħtieġa biex tinkiseb;
- (ii) fejn dan ikun raġonevolment possibbli, ipprovi kwantifikazzjoni tal-effiċjenza u spjegazzjoni dettaljata ta’ kif ġiet ikkalkolata l-kwantifikazzjoni. Fejn din tkun rilevanti, ipprovi wkoll stima tal-importanza tal-effiċjenzi relatati mal-introduzzjonijiet ta’ prodotti ġodda jew titjib fil-kwalità. Għal effiċjenzi li jinvolvu ffrankar tal-ispejjeż, iddikjara b’mod separat l-iffrankar tal-ispejjeż fissi ta’ darba, l-iffrankar tal-ispejjeż fissi rikorrenti, u l-iffrankar tal-ispejjeż varjabbli (f’EUR għal kull unità u f’EUR fis-sena);
- (iii) kemm il-klijenti aktarx li se jibbenefikaw mill-effiċjenza u spjegazzjoni dettaljata ta’ kif intlaħqet dik il-konklużjoni; u
- (iv) ir-raġuni għaliex il-parti jew partijiet ma setgħux jiksbu l-effiċjenza b’mod simili b’xi mod ieħor minbarra permezz tal-konċentrazzjoni proposta, u b’mod li aktarx ma jqajjimx tħassib dwar il-kompetizzjoni.”

Il-Linji Gwida dwar il-konċentrazzjonijiet orizzontali

- 13 Il-komunikazzjoni tal-Kummissjoni, intitolata “Linji ta’ gwida fuq l-istima jew kalkolu ta’ l-għaqdiet orizzontali taħt ir-Regolament tal-Kunsill dwar il-kontroll tal-konċentrazzjonijiet bejn l-intrapriżi” (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 8, Vol. 3, p. 10, iktar ’il quddiem il-“Linji Gwida dwar il-konċentrazzjonijiet orizzontali”), f’taqsima dwar l-effetti mhux ikkoordinati, tistabbilixxi:

“Effetti li m’humix ikkoordinati [...]

24. Għaqda tista’ sinjifikament timpedexxi Kompetizzjoni effettiva f’suq billi tneħħi dawk ir-restrizzjonijiet importanti fuq il-Kompetizzjoni fuq bejjiegħ wieħed jew iktar, li konsegwentament żied il-qawwa fis-suq. L-aktar effett dirett ta’ għaqda jkun it-telf tal-Kompetizzjoni bejn id-ditti magħquda. Per eżempju, jekk qabel l-għaqda waħda mid-ditti magħquda żiedet il-Prezzijiet tagħha, hi tkun tilfet xi bejgħ a favur tad-ditti l-oħra. L-għaqda tneħħi din ir-restrizzjoni partikolari. Ditti mhux magħquda fl-istess suq jistgħu wkoll jibbenefikaw mit-tnaqqis tal-pressjoni fuq il-Kompetizzjoni li tirriżulta mill-għaqda, minħabba li ż-żieda fil-prezzijiet tad-ditti magħquda jistgħu jitfgħu d-domanda fuq id-ditta rivali, li, min-naħa tagħha, tista’ ssib li huwa ta’ profitt li żżid il-Prezzijiet tagħha [...]. It-tnaqqis f’dawn ir-restrizzjonijiet Kompetittivi jistgħu jwasslu għal żieda sinjifikanti fil-Prezzijiet tas-suq rilevanti.
25. Ġeneralment, għaqda li tagħti lok għal dawn l-effetti li m’humix ikkoordinati jistgħu sinjifikament jimpedexxu il-Kompetizzjoni effettiva billi joħlqu jew isaħħu l-posizzjoni dominanti ta’ ditta waħda, li tipikament, ikollha sehem tas-suq li huwa ikbar minn dak tal-kompetitur li jidħol wara l-formazzjoni ta’ l-għaqda. Ma’ dan għandu jingħad, illi għaqdiet fi swieq oligopolistiċi [...] li jinvolvu l-eliminazzjoni ta’ restrizzjonijiet importanti fuq il-kompetizzjoni li qabel il-partijiet magħquda flimkien kienu jeżerċitaw fuq xulxin, flimkien mat-tnaqqis fil-pressjoni kompetittiva fuq il-kompetituri li jibqgħu, jistgħu wkoll, anki meta hemm possibilità żgħira ħafna ta’ kordinament bejn il-membri tal-oligopolija, jirriżultaw f’impediment sinjifikanti lill-kompetizzjoni. Ir-Regolament dwar l-għaqdiet jiċċara l-punt li l-għaqdiet kollha li jagħtu lok għal dawn l-effetti li m’humix ikkoordinati għandhom ukoll jiġu ddikjarati inkompatibbli mas-suq komuni [...].
26. Numru ta’ fatturi, li jekk meħuda separatament m’humix neċessarjament deċisivi, jistgħu jinfluwenzaw jekk effetti sinjifikanti li m’humix ikkoordinati jistgħu x’aktarx jirriżultaw minn għaqda. M’hemmx bżonn li l-fatturi kollha jkun preżenti sabiex dawn l-effetti ikunu possibbli. Lanqas din m’għandha tiġi meqjusa bħala ‘exhaustive list’ jew lista spurgativa.

Ditti magħquda għandhom ishma akbar tas-suq

27. Aktar mas-sehem tas-suq ikun kbir, aktar id-ditta jkollha qawwa fis-suq. U aktar maż-żieda tas-sehem tas-suq tkun kbira, aktar huwa possibli li l-għaqda twassal għal aktar żieda sinjifikanti fil-qawwa tas-suq. Aktar ma tkun kbira ż-żieda fil-bażi tal-bejgħ wara ż-żieda fil-Prezzijiet fuq x’hiex il-marġnijiet qegħdin jiġu aktar mgawda, aktar hija kbira l-possibilità li d-ditti magħquda jsibu din iż-żieda fil-Prezzijiet aktar ta’ profitt xorta waħda għalkemm din tiġi akkumpanjata man-nuqqas fil-ħruġ. Għalkemm l-ishma tas-suq u ż-żidiet fl-ishma tas-suq jipprovdu biss l-ewwel indikazzjonijiet tal-qawwa tas-suq u tikber fil-qawwa tas-suq, dawn normalment huma fatturi importanti għall-istima [...].

Ditti maqgħuda huma Kompetituri fil-qrib jew viċini

28. Prodotti jistgħu jiġu differenzati [...] f'suq rilevanti b'mod li ċertu Prodotti huma sostituti eqreb minn oħra [...]. Aktar mal-grad ta' sostituzzjoni bejn il-prodotti tad-ditti maqgħuda jkun għoli, aktar id-ditti maqgħuda jżidu il-Prezzijiet b'mod sinjifikattiv [...]. Per eżempju, għaqda bejn żewġ Produtturi li joffru Prodotti li numru sostanzjali ta' klijenti jqisu bħala l-ewwel u t-tieni għażla tista' toħloq żieda sinjifikanti fil-Prezz. B'hekk, il-fatt li r-rivalità bejn il-partijiet kienet sors importanti ta' kompetizzjoni fis-suq jista' jkun fattur ċentrali fl-analiżi [...]. Marġnijiet għolja qabel il-formazzjoni ta' l-għaqda [...] x'aktarx jistgħu wkoll jagħmlu żidiet sinjifikanti fil-Prezzijiet. L-inċentiv tad-ditta' maqgħuda li tgħolli l-Prezzijiet x'aktarx hija aktar ristretta meta ditti rivali jipproduċu sostituti li huma qrib għall-Prodotti tad-ditti maqgħuda milli meta huma joffru sostituti li huma inqas fil-qrib [...]. Għalhekk x'aktarx għaqda ma timpedixxix b'mod sinjifikanti l-Kompetizzjoni effettiva, speċjalment bil-ħolqien jew bit-tiżni ta' posizzjoni dominanti, meta hemm grad għoli ta' sostituzzjoni bejn il-Prodotti tad-ditti maqgħuda u dawk furniti mill-produtturi rivali.
29. Meta informazzjoni qiegħda għad-disposizzjoni, il-grad ta' sostitwibilità tista' tiġi valutata mill-istħarriġ fuq il-preferenza tal-klijent, mill-analiżi ta' patterns ta' xiri, mill-istima tal-elastiċità bejn prezz u ieħor tal-Prodotti involuti [...], jew mir-rati ta' diversjoni [...]. Fi swieq fejn hemm l-offerti huwa possibli li tkejjel jekk storikament l-offerti mogħtija minn waħda mill-partijiet maqgħuda ġiet ristretta bil-presenza tal-parti maqgħuda l-oħra [...].
30. F'ċertu swieq tista' tkun relattivament faċli u mhux daqshekk kostuż jew għoli għal ditti li huma attivi biex jerrgħu jagħtu posizzjoni lil Prodotti tagħhom jew li jestendu il-portafoll tal-prodotti tagħhom. B'mod partikolari, il-Kummissjoni teżamina jekk il-possibilità li l-kompetituri jew il-partijiet maqgħuda jerrgħu jagħtu pożizzjoni jew jipproduċu linja ta' estensjoni tista' tinfluwenza l-inċentiv ta' l-entità maqgħuda milli żżid il-Prezzijiet. Madankollu, prodotti li qegħdin jerrgħu jiġu posizzjonati jew estensjoni ta' linja ta' prodotti spiss iġorru magħhom riskji u spejjeż kbar li jaqgħu/jinżlu [...] u jistgħu joffru profitt inqas mill-linja attwali.

[...]

Għaqda tellimina forza kompetittiva importanti

37. Ċertu ditti għandhom aktar influwenza fuq il-proċess tal-kompetizzjoni minn kif jista' jiġi suġġerit minn ishma tas-suq jew miżuri simili. Għaqda li tinvolvi ditta bħal din tista' tbiddel sinjifikament id-dinamiċi tal-kompetizzjoni b'mod anti-kompetittiv, b'mod partikolari meta s-suq huwa diġa' kkonċentrat [...]. Bħala eżempju, ditta li tista' tkun għada kemm daħlet reċentament, jista' jiġi pretiż minnha li teżerċita pressjoni kompetittiva sinjifikativa fil-futur fuq id-ditti l-oħra fis-suq.
38. Fi swieq fejn l-innovazzjoni hija forza kompetittiva importanti, għaqda tista' żżid il-kapaċità tad-ditti u l inċentiv sabiex isiru innovazzjonijiet ġodda fis-suq u, b'hekk, il-pressjoni kompetittiva fuq ir-rivali li jinnovaw f'dak is-suq. Minflok, kompetizzjoni effettiva tista' sinjifikament tiġi impedita minħabba għaqda bejn żewġ innovaturi importanti, bħal per eżempju bejn żewġ kumpanniji bi prodotti 'pipeline' li huma relatati ma' prodott speċifiku fis-suq. Bl-istess mod, ditta li għandha sehem relattivament żgħir fis-suq tista' xorta waħda tkun forza kompetittiva importanti jekk għandha prodotti 'pipeline' li għandhom il-potenzal illi jirnexxu fil-futur [...].”

Il-fatti li wasslu għall-kawża u d-Deċiżjoni kontenzjuża

- 14 Il-fatti li wasslu għall-kawża huma esposti fil-punti 1 sa 25 tas-sentenza appellata u jistgħu jiġu miġbura fil-qosor kif ġej.
- 15 Fil-11 ta' Settembru 2015, il-Kummissjoni rċeviet komunikazzjoni, konformement mal-Artikolu 4 tar-Regolament Nru 139/2004, ta' abbozz ta' konċentrazzjoni (iktar 'il quddiem il-"konċentrazzjoni ppjanata") li permezz tagħha CK Hutchison Holdings Ltd, permezz tas-sussidjarja indiretta tagħha Hutchison 3G UK Investments Ltd, li saret CK Telecoms UK Investments Ltd (iktar 'il quddiem "CK Telecoms"), kellha takkwista, fis-sens tal-Artikolu 3(1)(b) tal-imsemmi regolament, il-kontroll esklużiv ta' Telefónica Europe plc (iktar 'il quddiem "O2").
- 16 Erba' operaturi ta' network mobbli kienu f'dak iż-żmien preżenti fis-suq tal-bejgħ bl-imnut tas-servizzi ta' telekomunikazzjonijiet mobbli fir-Renju Unit (iktar 'il quddiem is-"suq bl-imnut"), jiġifieri EE Ltd, sussidjarja ta' BT Group plc, akkwistata minn din tal-aħħar fl-2016 (iktar 'il quddiem, "BT/EE"), O2, Vodafone u Hutchison 3G UK Ltd (iktar 'il quddiem "Three"), sussidjarja indiretta ta' CK Hutchison Holdings, fejn il-partijiet tas-suq f'termini ta' abbonati kienu rispettivament ta' madwar bejn 30 % u 40 %, bejn 20 % u 30 %, bejn 10 % u 20 % u bejn 10 % u 20 %. Wara l-konċentrazzjoni ppjanata, Three u O2 rrappreżentaw madwar bejn 30 % u 40 % tas-suq tal-bejgħ bl-imnut u setgħu għalhekk isiru l-attur prinċipali ta' dan is-suq, quddiem l-operatur storiku preċedenti BT/EE u Vodafone.
- 17 Is-suq tal-bejgħ bl-imnut kellu wkoll diversi operaturi ta' networks mobbli virtwali li ma kinux proprjetarji ta' network mobbli, bħal Tesco Mobile, kumpannija miżmuma f'partijiet ugwali minn Tesco u O2, Virgin Mobile u TalkTalk. Dawn l-operaturi kienu kkonkludew ftehimiet ma' operaturi ta' network mobbli sabiex ikollhom aċċess għan-networks tagħhom bi prezzijiet bl-ingrossa. Is-suq tal-bejgħ bl-imnut kellu wkoll bejjiegħa mill-ġdid u bejjiegħa bl-imnut indipendenti, bħal Dixons.
- 18 Is-suq tal-bejgħ bl-imnut kellu bħala karatteristika li BT/EE u Three, minn naħa, u Vodafone u O2, min-naħa l-oħra, kienu kkonkludew ftehimiet ta' kondiviżjoni tan-network, rispettivament imsejħa MBNL u Beacon, li kienu jippermettulhom jaqsmu l-ispejjeż ta' installazzjoni tan-networks tagħhom filwaqt li jkomplu jikkompetu bejniethom fis-suq bl-imnut.
- 19 Fit-2 ta' Ottubru 2015, ir-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq talab lill-Kummissjoni, permezz tal-Competition and Markets Authority (l-Awtorità tal-Kompetizzjoni u s-Swieq, ir-Renju Unit), li l-konċentrazzjoni ppjanata tiġi riferuta lill, fuq il-bażi tal-Artikolu 9(2)(a) tar-Regolament Nru 139/2004. Ir-Renju Unit sostna li din il-konċentrazzjoni kienet thedded li tfixkel b'mod sinjifikattiv il-kompetizzjoni fis-suq tal-bejgħ bl-imnut kif ukoll fis-suq tal-bejgħ bl-ingrossa tal-aċċess u tal-orijini ta' telefonati fuq in-networks mobbli pubbliċi fir-Renju Unit (iktar 'il quddiem is-"suq tal-bejgħ bl-ingrossa"). Ir-Renju Unit sostna, barra minn hekk, li kien fl-aħjar pożizzjoni sabiex jittratta l-imsemmija konċentrazzjoni.
- 20 Permezz tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni C(2015) 8534 final tal-4 ta' Diċembru 2015 dwar l-Artikolu 9 tar-Regolament Nru 139/2004 fil-Każ M.7612 Hutchison 3G UK/Telefónica UK, din it-talba għal rinviju ġiet miċħuda. Insostenn ta' din id-deċiżjoni, il-Kummissjoni invokat, b'mod partikolari, in-neċessità li jkun hemm koerenza u uniformità fl-evalwazzjoni tal-konċentrazzjonijiet fis-settur tat-telekomunikazzjonijiet fi Stati Membri differenti kif ukoll l-esperjenza kunsiderevoli li hija kisbet fl-evalwazzjoni tal-konċentrazzjonijiet fis-swieq Ewropej tat-telekomunikazzjonijiet mobbli.

- 21 Minħabba dubji serji dwar il-kompatibbiltà tal-konċentrazzjoni ppjanata mas-suq intern, il-Kummissjoni, fit-30 ta' Ottubru 2015, iddeċidiet li tibda l-proċedura prevista fl-Artikolu 6(1)(ċ) tar-Regolament Nru 139/2004.
- 22 Fl-4 ta' Frar 2016, il-Kummissjoni adottat dikjarazzjoni tal-oġġezzjonijiet. Fis-26 ta' Frar 2016, CK Telecoms ressqet l-osservazzjonijiet bil-miktub tagħha dwar din id-dikjarazzjoni tal-oġġezzjonijiet.
- 23 Fit-2 ta' Marzu 2016, sabiex jiġu solvuti l-problemi ta' kompetizzjoni esposti fid-dikjarazzjoni tal-oġġezzjonijiet, CK Telecoms ippreżentat l-ewwel sensiela ta' impenji.
- 24 Fuq talba ta' CK Telecoms, inżammet seduta fis-7 ta' Marzu 2016.
- 25 Fil-15 ta' Marzu 2016, CK Telecoms ippreżentat impenji emendati (iktar 'il quddiem it-“tieni sensiela ta' impenji”).
- 26 Fis-17 u fit-23 ta' Marzu 2016, il-Kummissjoni indirizzat lil CK Telecoms ittri li fihom hija enfasizzat provi ġodda li kienu jinsabu fil-fajl tagħha u li kienu mehmuża mal-konklużjonijiet preliminari tad-dikjarazzjoni tal-oġġezzjonijiet. Fid-29 ta' Marzu u fl-4 ta' April 2016, CK Telecoms ippreżentat osservazzjonijiet bil-miktub bi tweġiba għal dawn l-ittri.
- 27 Fis-6 ta' April 2016, CK Telecoms issottomettiet it-tielet sensiela ta' impenji.
- 28 Fis-27 ta' April 2016, il-Kumitat Konsultattiv dwar il-konċentrazzjonijiet ta' opinjoni favorevoli fir-rigward tal-abbozz ta' deċiżjoni tal-Kummissjoni.
- 29 Fil-11 ta' Mejju 2016, il-Kummissjoni adottat id-Deċiżjoni kontenzjuża, li hija bbażata fuq l-identifikazzjoni taż-żewġt iswieq rilevanti, jiġifieri s-suq bl-imnut u s-suq bl-ingrossa.
- 30 Il-Kummissjoni żviluppat tliet teoriji tad-dannu, li kollha huma bbażati fuq l-eżistenza ta' effetti mhux ikkoordinati f'suq oligopolistiku.
- 31 L-ewwel teorija tad-dannu hija relatata mal-eżistenza ta' effetti mhux ikkoordinati fis-suq tal-bejgħ bl-imnut marbuta mal-eliminazzjoni ta' restrizzjonijiet kompetittivi qawwija. Essenzjalment, skont il-Kummissjoni, it-tnaqqis qawwi tal-kompetizzjoni li kien jirriżulta mill-konċentrazzjoni ppjanata kien probabbilment iwassal għal żieda fil-prezzijiet tas-servizzi ta' telefonija mobbli fir-Renju Unit u limitazzjoni tal-għażla għall-konsumaturi.
- 32 It-tieni teorija tad-dannu tikkonċerna l-eżistenza ta' effetti mhux ikkoordinati fis-suq tal-bejgħ bl-imnut marbuta mal-kondiviżjoni tan-network. Skont il-Kummissjoni, il-konċentrazzjoni ppjanata setgħet tinflwenza negattivament il-kwalità tas-servizzi għall-konsumaturi peress li tfixxkel l-iżvilupp tal-infrastruttura ta' network mobbli fir-Renju Unit.
- 33 It-tielet teorija tad-dannu tikkonċerna l-eżistenza ta' effetti mhux ikkoordinati marbuta mal-eliminazzjoni ta' restrizzjonijiet kompetittivi qawwija fis-suq tal-bejgħ bl-ingrossa. F'dan is-suq, l-erba' operatori ta' network mobbli jipprovdu servizzi ta' hosting lill-operaturi li ma humiex proprjetarji ta' network mobbli, li, min-naħa tagħhom, joffru servizzi ta' bejgħ bl-imnut lill-abbonati. B'mod partikolari, il-konċentrazzjoni ppjanata tirriskja, skont id-Deċiżjoni kontenzjuża, li jkollha effetti mhux ikkoordinati sinjifikattivi fis-suq tal-bejgħ bl-ingrossa li jirriżultaw minn tnaqqis fin-numru ta' operatori ta' network mobbli minn erbġħa għal tlieta,

l-eliminazzjoni ta' Three bħala “mutur importanti tal-kompetizzjoni”, it-tneħħija tar-restrizzjonijiet kompetittivi sinjifikattivi li fil-passat il-partijiet kienu jimponu fuq xulxin u tnaqqis tal-perssonijiet kompetittivi fuq l-atturi li jifdal.

- 34 Fir-rigward taż-żieda fl-effikaċja allegata minn CK Telecoms, il-Kummissjoni qieset li din la kienet verifikabbli, la speċifika għall-konċentrazzjoni u lanqas setgħet tkun ta' benefiċċju għall-konsumaturi.
- 35 Fl-aħħar taqsima tad-Deċiżjoni kontenzjuża, il-Kummissjoni eżaminat l-impenji proposti minn CK Telecoms. Hija kkunsidrat, essenzjalment, li t-tieni u t-tielet sensiela ta' impenji ma jneħħux, jew ma jneħħux kompletament, il-problemi kollha ta' kompetizzjoni identifikati.
- 36 Konsegwentement, il-Kummissjoni ddikjarat il-konċentrazzjoni ppjanata bħala inkompatibbli mas-suq intern.

Il-proċedura quddiem il-Qorti Ġenerali u s-sentenza appellata

- 37 Permezz ta' att ippreżentat fir-Reġistru tal-Qorti Ġenerali fil-25 ta' Lulju 2016, CK Telecoms ippreżentat rikors intiż għall-annullament tad-Deċiżjoni kontenzjuża.
- 38 Insostenn tar-rikors tagħha, CK Telecoms invokat ħames motivi.
- 39 L-ewwel u r-raba' motiv jirrigwardaw rispettivament l-ewwel u t-tielet teorija tad-dannu, dwar it-tneħħija tal-kompetizzjoni bejn Three u O2, rispettivament, fis-suq tal-bejgħ bl-imnut u fis-suq tal-bejgħ bl-ingrossa. It-tieni motiv kien jirrigwarda l-evalwazzjoni tax-xenarju ta' ksar imwettqa mill-Kummissjoni, li fuqha kienet tibbaża l-evalwazzjoni tas-swieq tal-bejgħ bl-imnut u bl-ingrossa. It-tielet motiv kien jirrigwarda t-tieni teorija tad-dannu dwar is-suq tal-bejgħ bl-imnut, dwar il-kondiviżjoni tan-network, u dwar l-impenji relatati mal-kondiviżjoni tan-network. Il-ħames motiv kien relatat mal-impenji l-oħra ssottomessi minn CK Telecoms.
- 40 Il-Qorti Ġenerali, fl-ewwel lok, eżaminat suċċessivament l-ewwel, it-tielet u r-raba' motiv u, fit-tieni lok, it-tieni u l-ħames motiv.
- 41 Permezz tas-sentenza appellata, il-Qorti Ġenerali, qabelxejn, laqgħet, essenzjalment, l-ewwel parti tal-ewwel motiv dwar l-intensità tal-istħarriġ ġudizzjarju fil-qasam tal-konċentrazzjonijiet, fil-kuntest ġuridiku applikabbli wara l-adozzjoni tar-Regolament Nru 139/2004, fuq l-oneru tal-prova u r-rekwiżiti ta' prova li għandha l-Kummissjoni meta hija għandha tagħti prova ta' tfixkil sinjifikattiv għal kompetizzjoni effettiva, konformement mal-Artikolu 2(3) ta' dan ir-regolament. Barra minn hekk, hija laqgħet it-tieni parti tal-ewwel motiv, dwar il-klassifikazzjoni ta' Three bħala “mutur importanti tal-kompetizzjoni”, kif ukoll it-tielet u l-ħames parti ta' dan il-motiv, relatati rispettivament, mal-evalwazzjoni tal-prossimità tal-kompetizzjoni u mal-evalwazzjoni tal-effetti kwantitattivi tal-konċentrazzjoni ppjanata fuq il-prezzijiet. Barra minn hekk, il-Qorti Ġenerali laqgħet l-argument ta' CK Telecoms li jagħmel parti mis-seba' parti tal-imsemmi motiv li l-Kummissjoni ma ppreċiżatx fid-Deċiżjoni tagħha fuq liema bażi hija kkonkludiet li l-allegat tfixkil għall-kompetizzjoni li jirriżulta mill-konċentrazzjoni huwa sinjifikattiv. Sussegwentement, hija laqgħet l-ewwel, it-tielet, ir-raba', il-ħames u s-sitt parti tat-tielet motiv, ibbażat fuq żbalji fir-rigward tal-effetti orizzontali mhux ikkoordinati prodotti

mill-kondiviżjoni tan-network. Fl-aħħar nett, il-Qorti Ġenerali laqgħet l-ewwel tliet partijiet tar-raba' motiv li jirrigwardaw l-effetti mhux ikkoordinati fis-suq tal-bejgħ bl-ingrossa. Konsegwentement, il-Qorti Ġenerali annullat id-Deċiżjoni kontenzjuża.

Il-proċedura quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja

- 42 Permezz ta' att ippreżentat fir-Reġistru tal-Qorti tal-Ġustizzja fis-7 ta' Awwissu 2020, il-Kummissjoni ppreżentat dan l-appell.
- 43 Permezz ta' att separat ippreżentat f'din id-data, il-Kummissjoni talbet lill-Qorti tal-Ġustizzja tirriżerva, fir-rigward ta' EE, waħda miż-żewġ intervenjenti fl-ewwel istanza, trattament kunfidenzjali għal ċerti partijiet minn dan l-appell li jinkludu informazzjoni koperta mis-sigriet kummerċjali u li kienu jikkorrispondu għal informazzjoni li għaliha l-Qorti Ġenerali kienet tat trattament kunfidenzjali. Permezz ta' digriet tal-1 ta' Ottubru 2020, Il-Kummissjoni vs CK Telecoms UK Investments (C-376/20 P, EU:C:2020:789), il-President tal-Qorti tal-Ġustizzja laqa' din it-talba. Għalhekk, hija biss verżjoni mhux kunfidenzjali tal-imsemmi appell li ġiet innotifikata lil EE.
- 44 Permezz ta' att ippreżentat fir-Reġistru tal-Qorti tal-Ġustizzja fl-20 ta' Novembru 2020, CK Telecoms talbitha lill-Qorti tal-Ġustizzja tirriżerva, fir-rigward ta' EE, trattament kunfidenzjali għal ċerta informazzjoni li tinsab fir-risposta tagħha li kienet koperta mis-sigriet kummerċjali, u f'dan ir-rigward, ma kellhiex tiġi kkomunikata lil EE, u li kienet tikkorrispondi għal informazzjoni li għaliha l-Qorti Ġenerali kienet tat trattament kunfidenzjali fir-rigward ta' EE. Permezz ta' digriet tas-26 ta' Jannar 2021, Il-Kummissjoni vs CK Telecoms UK Investments (C-376/20 P, EU:C:2021:81), il-President tal-Qorti tal-Ġustizzja rriżerva, fir-rigward ta' EE, trattament kunfidenzjali għal din in-nota, għalhekk hija biss verżjoni mhux kunfidenzjali tagħha li ġiet innotifikata lilha.
- 45 Permezz ta' att ippreżentat fir-Reġistru tal-Qorti tal-Ġustizzja fl-24 ta' Marzu 2021 abbażi tat-tielet paragrafu tal-Artikolu 40 tal-Istatut tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea u tal-Artikolu 130 tar-Regoli tal-Proċedura tal-Qorti tal-Ġustizzja, applikabbli għall-proċedura ta' appell bis-saħħa tal-Artikolu 190(1) ta' dawn ir-regoli, l-Awtorità ta' Sorveljanza EFTA talbet li tiġi ammessa tintervjeni f'din il-kawża insostenn tat-talbiet tal-Kummissjoni. Permezz tad-digriet tal-4 ta' Ġunju 2021, Il-Kummissjoni vs CK Telecoms UK Investments (C-376/20 P, EU:C:2021:488), il-President tal-Qorti tal-Ġustizzja laqa' din it-talba, u awtorizzaha tippreżenta l-osservazzjonijiet tagħha waqt is-seduta għas-sottomissjonijiet orali. Kopja tal-atti proċedurali kollha ġiet innotifikata lil din l-awtorità.
- 46 Wara talba tal-Kummissjoni tat-12 ta' Frar 2021, il-President tal-Qorti tal-Ġustizzja awtorizzaha tippreżenta replika.
- 47 Wara l-preżentata tal-kontroreplika ta' CK Telecoms, il-fażi bil-miktub tal-proċedura f'din il-kawża ngħalqet fid-19 ta' Mejju 2021.

It-talbiet tal-partijiet

- 48 Il-Kummissjoni titlob li l-Qorti tal-Ġustizzja jogħġobha:
- tannulla s-sentenza appellata;

- tibgħat lura l-kawża quddiem il-Qorti Ġenerali;
- tikkundanna lil CK Telecoms għall-ispejjeż marbuta ma’ dan l-appell, u
- tirriżerva l-ispejjeż tal-proċedura fl-ewwel istanza.

49 CK Telecoms titlob li l-Qorti tal-Ġustizzja jogħġobha:

- tiċħad l-appell u
- tikkundanna lill-Kummissjoni u lill-intervenjenti għall-ispejjeż kemm quddiem il-Qorti Ġenerali kif ukoll quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja.

Fuq l-Appell

50 Insostenn tal-appell tagħha, il-Kummissjoni tqajjem sitt aggravji. L-ewwel aggravju huwa bbażat fuq żball ta’ liġi sa fejn il-Qorti Ġenerali applikat rekwiżit ta’ prova iktar strett minn dak li jirriżulta mill-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja fil-qasam tal-konċentrazzjonijiet. It-tieni aggravju huwa bbażat fuq interpretazzjoni żbaljata tal-Artikolu 2(3) tar-Regolament Nru 139/2004. It-tielet aggravju huwa bbażat fuq il-fatt li l-Qorti Ġenerali marret lil hinn mil-limiti tal-istħarriġ ġudizzjarju peress li interpretat il-kunċetti ta’ “mutur importanti tal-kompetizzjoni” u ta’ “kompetituri mill-qrib”, adottat interpretazzjoni żbaljata ta’ dawn il-kunċetti u wettqet żnaturament kemm tad-Deċiżjoni kontenzjuża kif ukoll tar-risposta tal-Kummissjoni. Ir-raba’ aggravju huwa bbażat fuq żnaturament tal-argument tal-Kummissjoni dwar l-analiżi kwantitattiva tal-effetti tal-konċentrazzjoni ppjanata fuq il-prezzijiet u fuq żbalji ta’ liġi mwettqa mill-Qorti Ġenerali fl-evalwazzjoni tagħha ta’ din l-analiżi u, il-ħames aggravju, huwa bbażat fuq il-fatt li l-Qorti Ġenerali ma evalwatx il-fatturi rilevanti kollha. Is-sitt aggravju huwa bbażat fuq żbalji li jikkonċernaw il-kondiviżjoni tan-network.

Fuq l-ewwel aggravju

L-argumenti tal-partijiet

- 51 Permezz tal-ewwel aggravju tagħha, il-Kummissjoni ssostni li, peress li kkunsidrat, fil-punt 118 tas-sentenza appellata, li hija kienet marbuta tipproduċi provi suffiċjenti sabiex turi bi probabbiltà serja l-eżistenza ta’ tfixkil sinjifikattiv għal kompetizzjoni effettiva, il-Qorti Ġenerali applikat rekwiżit ta’ prova partikolarment għoli, li jmur lil hinn minn dak li jirriżulta mill-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja fil-qasam tal-kontroll tal-konċentrazzjonijiet, u, b’dan il-mod, wettqet żball ta’ liġi. Dan l-iżball wassal lill-Qorti Ġenerali sabiex tikkonstata, fil-punti 119, 172, 216, 268, 281 u 396 tas-sentenza appellata, li l-Kummissjoni ma pprovatx b’mod suffiċjenti fid-dritt li l-konċentrazzjoni kienet ser twassal għal tfixkil sinjifikattiv għal kompetizzjoni effettiva.
- 52 F’dan ir-rigward, mill-punt 52 tas-sentenza tal-10 ta’ Lulju 2008, Bertelsmann u Sony Corporation of America vs Impala (C-413/06 P, EU:C:2008:392), jirriżulta li, meta titressaq quddiemha konċentrazzjoni, il-Kummissjoni hija, bħala prinċipju, obbligata tieħu pożizzjoni jew fis-sens

tal-approvazzjoni ta' din il-konċentrazzjoni, jew f'dak tal-projbizzjoni tagħha, skont l-evalwazzjoni tal-iżvilupp ekonomiku attribwibbli lill-konċentrazzjoni kkomunikata li huwa l-iktar probabbli.

- 53 Issa, il-livell ta' prova meħtieġ mill-Qorti Ġenerali fil-punt 118 tas-sentenza appellata sabiex tiġi stabbilita l-eżistenza eventwali ta' tfixkil sinjifikattiv għal kompetizzjoni effettiva jagħti neċessarjament natura asimetrica lill-ħtieġa ta' prova li tista' tiġi dedotta mill-Artikolu 2(2) u (3) tar-Regolament Nru 139/2004, peress li din id-dispożizzjoni la tistabbilixxi preżunzjoni ġenerali ta' kompatibbiltà u lanqas preżunzjoni ġenerali ta' inkompatibbiltà mas-suq intern ta' konċentrazzjoni kkomunikata.
- 54 CK Telecoms tirribatti, fl-ewwel lok, li l-ewwel aggravju huwa ineffettiv.
- 55 Fil-fatt, mis-sentenza appellata jirriżulta b'mod partikolari li l-Kummissjoni wettqet żbalji ta' liġi dwar l-interpretazzjoni tal-kunċetti ta' "mutur importanti tal-kompetizzjoni" u ta' "kompetituri mill-qrib" fi stadju tal-evalwazzjoni tagħha qabel l-eżami tal-provi li wassluha sabiex tikkonstata l-eżistenza ta' tfixkil sinjifikattiv għal kompetizzjoni effettiva. Dawn l-iżbalji għalhekk ma humiex affettwati mil-livell ta' prova allegatament żbaljat rikjest mill-Qorti Ġenerali.
- 56 Barra minn hekk, il-Kummissjoni ma werietx li livell ta' prova inqas għoli minn dak meħtieġ mill-Qorti Ġenerali kien iwassal għal riżultat differenti.
- 57 Fit-tieni lok, CK Telecoms issostni li l-livell ta' prova meħtieġ mill-Qorti Ġenerali huwa konformi mal-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja.
- 58 Hija ssostni li, fis-sentenza tal-10 ta' Lulju 2008, Bertelsmann u Sony Corporation of America vs Impala (C-413/06 P, EU:C:2008:392), il-Qorti tal-Ġustizzja ma segwietx il-konklużjonijiet tal-Avukata Ġenerali Kokott u ma adottatx l-"ibbilanċjar tal-probabbiltajiet" bħala livell ta' prova meħtieġ sabiex tiġi kkonstatata l-eżistenza ta' tfixkil sinjifikattiv għal kompetizzjoni effettiva.
- 59 Tali livell ta' prova jimplika li jkun biżżejjed għall-Kummissjoni li tibbaża ruħha fuq provi li ma humiex partikolarment koerenti jew solidi sabiex turi li l-eżistenza ta' tfixkil sinjifikattiv għal kompetizzjoni effettiva hija iktar probabbli milli improbabli.
- 60 Issa, mill-punti 27, 39, 41 u 45 tas-sentenza tal-15 ta' Frar 2005, Il-Kummissjoni vs Tetra Laval (C-12/03 P, EU:C:2005:87), jirriżulta li, sabiex jiġi kkonstatat tfixkil sinjifikattiv għal kompetizzjoni effettiva, il-provi għandhom ikunu sodi sabiex jikkonvinċu l-fondatezza tat-teżi li tinsab f'deċiżjoni fil-qasam tal-kontroll tal-konċentrazzjonijiet, li jimplika l-verifika tal-eżattezza materjali, tal-affidabbiltà u tal-koerenza ta' dawn il-provi.
- 61 CK Telecoms issostni li għalkemm il-Kummissjoni għandha tapplika l-istess livell ta' prova kemm sabiex tawtorizza kif ukoll sabiex tipprojbixxi konċentrazzjoni, xorta jibqa' l-fatt li l-impożizzjoni fuq din l-istituzzjoni ta' livell ta' prova ogħla mis-sempliċi "bbilanċjar tal-probabbiltajiet" sabiex turi l-eżistenza eventwali ta' tfixkil sinjifikattiv għal kompetizzjoni effettiva ma jippreġudikax in-newtralità stabbilita fl-Artikolu 2(2) u (3) tar-Regolament Nru 139/2004.
- 62 F'dawn iċ-ċirkustanzi, CK Telecoms issostni li, peress li rreferiet, fil-punt 118 tas-sentenza appellata, għal qari *a contrario* tal-punti 209 sa 211 tal-konklużjonijiet tal-Avukata Ġenerali Kokott fil-kawża Bertelsmann u Sony Corporation of America vs Impala (C-413/06 P, EU:C:2007:790), u peress li kkunsidrat li r-rekwiżit ta' prova applikabbli għall-Kummissjoni kien iktar strett mis-sempliċi "bbilanċjar tal-probabbiltajiet", il-Qorti Ġenerali ma wettqitx żball ta' liġi.

Il-kunsiderazzjonijiet tal-Qorti tal-Ġustizzja

- 63 Fir-rigward tal-argument ta' CK Telecoms li dan l-ewwel aggravju huwa ineffettiv, għandu jiġi rrilevat li, b'mod partikolari, mill-punti 119, 172, 216, 281, 282, 372 u 396 tas-sentenza appellata jirriżulta li l-Qorti Ġenerali ddeċidiet dwar l-eżistenza eventwali ta' tfixkil sinjifikattiv għal kompetizzjoni effettiva, peress li rrikorriet b'mod partikolari għall-kunċetti ta' "mutur importanti tal-kompetizzjoni" u ta' "kompetituri mill-qrib", fir-rigward tal-livell ta' prova stabbilit fil-punt 118 ta' dik is-sentenza. Għalhekk, indipendentement mill-kwistjoni dwar jekk, kif tallega l-Kummissjoni fil-kuntest tat-tielet aggravju tagħha, l-interpretazzjoni ta' dawn il-kunċetti hijiex ivvizzjata bi żbalji ta' liġi, din l-istituzzjoni tista' wkoll validament tikkritika lill-Qorti Ġenerali talli eżiġiet livell ta' prova oġġla minn dak li jirriżulta mill-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja fil-qasam tal-konċentrazzjonijiet.
- 64 Barra minn hekk, għandu jiġi miċħud l-argument ta' CK Telecoms li jgħid li l-Kummissjoni ma stabbilixxietx li livell ta' prova differenti minn dak applikat mill-Qorti Ġenerali kien iwassal għal riżultat differenti. Fil-fatt, minn naħa, bħala prinċipju, hija CK Telecoms li għandha turi li l-ewwel aggravju huwa ineffettiv. Issa, min-naħa l-oħra, peress li, kif juru l-punti 118 u 119 tas-sentenza appellata, ir-rekwiżit ta' probabbiltà serja marbuta mal-eżistenza ta' tfixkil sinjifikattiv għal kompetizzjoni effettiva ġie applikat mill-Qorti Ġenerali għall-provi kollha eżaminati minnha, ma jistax jiġi eskluż *a priori* li l-applikazzjoni ta' livell ta' prova inqas eżiġenti setgħet twassal għaċ-ċaħda tar-rikors fl-ewwel istanza.
- 65 Konsegwentement, l-argument ta' CK Telecoms ibbażat fuq in-natura ineffettiva tal-ewwel aggravju għandu jiġi miċħud u għandha tiġi eżaminata l-fondatezza ta' dan l-aggravju.
- 66 F'dan ir-rigward, għandu jitfakkar li mill-premessa 5 tar-Regolament Nru 139/2004 jirriżulta, b'mod partikolari, li dan huwa intiż sabiex jiżgura li r-ristrutturazzjonijiet tal-impriża ma jwasslux għal dannu dewwiem għall-kompetizzjoni.
- 67 Barra minn hekk, għandu jitfakkar li, minn naħa, l-Artikolu 2(2) ta' dan ir-regolament jipprevedi li konċentrazzjoni li ma tfixkilx b'mod sinjifikattiv kompetizzjoni effettiva għandha tiġi ddikjarata kompatibbli mas-suq intern. Min-naħa l-oħra, mill-Artikolu 2(3) tal-imsemmi regolament jirriżulta li, fil-każ oppost, konċentrazzjoni li jkollha tali effett għandha tiġi ddikjarata inkompatibbli mas-suq intern.
- 68 Konsegwentement, il-leġiżlatur tal-Unjoni ppreveda, fl-Artikolu 8(1) tar-Regolament Nru 139/2004, li, meta l-Kummissjoni tikkonstata li konċentrazzjoni kkomunikata tissodisfa l-kriterju ddefinit fl-Artikolu 2(2) ta' dan ir-regolament, hija għandha tieħu deċiżjoni li tiddikjara din il-konċentrazzjoni kompatibbli mas-suq intern. Għall-kuntrarju, kif jirriżulta mill-Artikolu 8(3) tal-imsemmi regolament, meta l-Kummissjoni tikkonstata li konċentrazzjoni tissodisfa l-kriterju ddefinit fl-Artikolu 2(3) tal-istess regolament, hija għandha tieħu deċiżjoni li tiddikjara l-imsemmija konċentrazzjoni inkompatibbli mas-suq intern.
- 69 Għaldaqstant, mill-formulazzjoni kemm tal-Artikolu 2(2) u (3) tar-Regolament Nru 139/2004 kif ukoll tal-Artikolu 8(1) u (3) tiegħu jirriżulta li dawn id-dispożizzjonijiet huma ta' natura simetrika fir-rigward tar-rekwiżiti ta' prova imposti fuq il-Kummissjoni sabiex jintwera li konċentrazzjoni kkomunikata tfixkel jew le b'mod sinjifikattiv kompetizzjoni effettiva u għandha għalhekk tiġi ddikjarata inkompatibbli jew kompatibbli mas-suq intern.

- 70 F'dan ir-rigward, għandu, fl-ewwel lok, jiġi rrilevat li mill-kliem ta' dawn id-dispożizzjonijiet ma jirriżultax li r-Regolament Nru 139/2004 jimponi rekwiżiti ta' prova differenti fil-qasam tad-deċizzjonijiet li japprovaw konċentrazzjoni, minn naħa, u ta' deċizzjonijiet li jipprojbixxu tali konċentrazzjoni, min-naħa l-oħra (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tal-10 ta' Lulju 2008, Bertelsmann u Sony Corporation of America vs Impala (C-413/06 P, EU:C:2008:392, punt 46).
- 71 F'dan il-kuntest, ebda preżunzjoni ġenerali ta' kompatibbiltà jew ta' inkompatibbiltà mas-suq intern ta' konċentrazzjoni kkomunikata ma tista' tiġi dedotta minn dan ir-regolament (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tal-10 ta' Lulju 2008, Bertelsmann u Sony Corporation of America vs Impala, C-413/06 P, EU:C:2008:392, punt 48).
- 72 Għalkemm huwa minnu li l-Artikolu 10(6) tal-imsemmi regolament jipprevedi li konċentrazzjoni kkomunikata titqies kompatibbli mas-suq intern meta l-Kummissjoni ma tkunx ħadet, fit-terminu rilevanti, deċiżjoni dwar il-kompatibbiltà ta' din il-konċentrazzjoni, xorta jibqa' l-fatt li din id-dispożizzjoni, minn naħa, hija espressjoni speċifika tar-rekwiżit ta' ħeffa li jikkarakterizza l-istruttura ġenerali tar-regolament u, min-naħa l-oħra, tikkostitwixxi eċċezzjoni għall-istruttura ġenerali tar-regolament li abbażi tagħha l-Kummissjoni tiddeċiedi espressament fuq il-konċentrazzjonijiet li jiġu kkomunikati lilha (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tal-10 ta' Lulju 2008, Bertelsmann u Sony Corporation of America vs Impala, C-413/06 P, EU:C:2008:392, punt 49).
- 73 F'dawn iċ-ċirkustanzi, għandu jiġi kkunsidrat li l-Kummissjoni ma hijiex obligata tikkonforma ruħha ma' rekwiżiti ta' prova oġġla fil-qasam ta' deċiżjonijiet li jipprojbixxu konċentrazzjonijiet milli f'dak li jirrigwarda deċiżjonijiet li japprovaw tali konċentrazzjonijiet (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tal-10 ta' Lulju 2008, Bertelsmann u Sony Corporation of America vs Impala, C-413/06 P, EU:C:2008:392, punt 51).
- 74 Minn dan isegwi li r-rekwiżiti fil-qasam tal-amministrazzjoni tal-prova, inkluż il-livell ta' prova, ma jvarjawx skont it-tip ta' deċiżjoni adottata mill-Kummissjoni fil-qasam tal-kontroll tal-konċentrazzjonijiet.
- 75 Fit-tieni lok, mill-ġurisprudenza jirriżulta li d-deċiżjonijiet tal-Kummissjoni dwar il-kompatibbiltà tal-konċentrazzjonijiet mas-suq intern għandhom ikunu sostnuti minn elementi suffiċjentement sinjifikattivi u konkordanti (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tal-10 ta' Lulju 2008, Bertelsmann u Sony Corporation of America vs Impala, C-413/06 P, EU:C:2008:392, punt 50 u l-ġurisprudenza ċċitata).
- 76 Ċertament, il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li, fil-kuntest tal-analiżi ta' konċentrazzjoni tat-tip "konglomerat", il-kwalità tal-provi prodotti mill-Kummissjoni sabiex tistabbilixxi jekk huwa neċessarju li tiġi adottata deċiżjoni li tiddikjara din il-konċentrazzjoni inkompatibbli mas-suq intern hija partikolarment importanti (sentenza tal-15 ta' Frar 2005, Il-Kummissjoni vs Tetra Laval, C-12/03 P, EU:C:2005:87, punt 44).
- 77 Madankollu, il-Qorti tal-Ġustizzja ppreċiżat li din il-ġurisprudenza tirrifletti biss il-funzjoni essenzjali tal-prova, li hija li tikkonvinċi l-fondatezza ta' teżi jew, bħal fil-qasam tal-kontroll tal-konċentrazzjonijiet, li ssostni l-evalwazzjonijiet li fuqhom huma bbażati d-deċiżjonijiet tal-Kummissjoni (ara, f'dan is-sens, is-sentenzi tal-15 ta' Frar 2005, Il-Kummissjoni vs Tetra Laval, C-12/03 P, EU:C:2005:87, punt 41, u tal-10 ta' Lulju 2008, Bertelsmann u Sony Corporation of America vs Impala, C-413/06 P, EU:C:2008:392, punt 51 kif ukoll il-ġurisprudenza ċċitata). Ir-rekwiżiti partikolari dwar il-kwalità tal-provi għalhekk ma għandhomx, bħala prinċipju, effett fuq il-livell ta' prova meħtieġ.

- 78 Barra minn hekk, il-Qorti tal-Ġustizzja ppreċiżat ukoll li l-kumplessità intrinsika ta' teorija ta' tfixkil għall-kompetizzjoni mressqa fir-rigward ta' konċentrazzjoni kkomunikata tikkostitwixxi element li għandu jittieħed inkunsiderazzjoni fl-evalwazzjoni tal-plawżibbiltà tad-diversi konsegwenzi ta' din il-konċentrazzjoni, sabiex tiġi identifikata dik li hija l-iktar probabbli, iżda tali kumplessità, ma għandhiex, fiha nnifisha, influwenza fuq il-livell ta' prova meħtieġ (sentenza tal-10 ta' Lulju 2008, Bertelsmann u Sony Corporation of America vs Impala, C-413/06 P, EU:C:2008:392, punt 51).
- 79 Kif l-Avukata Ġenerali rrilevat, essenzjalment, fil-punt 59 tal-konklużjonijiet tagħha, għandu għalhekk jiġi kkonstatat li l-livell ta' prova, għall-finijiet tal-applikazzjoni tal-Artikolu 2(2) u (3) tar-Regolament Nru 139/2004, la jvarja skont it-tip ta' konċentrazzjoni eżaminata mill-Kummissjoni u lanqas skont il-kumplessità intrinsika ta' teżi ta' tfixkil għall-kompetizzjoni mressqa fir-rigward ta' konċentrazzjoni kkomunikata.
- 80 Fit-tielet u l-aħħar lok, mill-Artikolu 4(1) tar-Regolament Nru 139/2004, li jimponi li tiġi kkomunikata konċentrazzjoni qabel l-implimentazzjoni tagħha, u mill-Artikolu 7(1) ta' dan ir-regolament, li jipprevedi obbligu li din il-konċentrazzjoni ma tiġix implimentata qabel il-komunikazzjoni u l-awtorizzazzjoni tagħha, jirriżulta li l-imsemmi regolament jistabbilixxi sistema ta' kontroll preventiv tal-konċentrazzjonijiet.
- 81 Konsegwentement, dan l-istħarriġ huwa differenti mill-istħarriġ *ex post* tal-ftehimiet bejn impriżi, tad-deċiżjonijiet ta' assoċjazzjoni ta' impriżi u tal-prattiki miftiehma msemmija fl-Artikolu 101 TFUE kif ukoll tal-abbuż minn pożizzjoni dominanti msemmija fl-Artikolu 102 TFUE.
- 82 Fil-kuntest tal-eżerċizzju ta' dan il-kontroll *ex ante* tal-konċentrazzjonijiet, il-Kummissjoni għandha marġni ta' diskrezzjoni fil-qasam ekonomiku għall-finijiet tal-applikazzjoni tar-regoli sostantivi tar-Regolament Nru 139/2004, b'mod partikolari tal-Artikolu 2 tiegħu (sentenza tal-10 ta' Lulju 2008, Bertelsmann u Sony Corporation of America vs Impala, C-413/06 P, EU:C:2008:392, punt 144), peress li hija twettaq analiżijiet ekonomiċi prospettivi intiżi sabiex tiġi ddeterminata l-probabbiltà ta' ċerti żviluppi fis-suq rilevanti f'perijodu ta' żmien prevedibbli.
- 83 Issa, dawn l-analiżi prospettivi, li ta' spiss ikunu ta' natura kumplessa, huma neċessarjament iktar inċerti mill-analiżi *ex post*.
- 84 Fil-fatt, l-analiżi prospettiva neċessarja fil-qasam tal-kontroll tal-konċentrazzjonijiet, li tikkonsisti f'li jiġi eżaminat kif tali konċentrazzjoni tista' tbiddel il-parametri tal-kompetizzjoni fis-swieq affettwati sabiex jiġi vverifikat jekk minn dan jirriżultax tfixkil sinjifikattiv għal kompetizzjoni effettiva, teħtieġ li jiġu mbassra diversi xejriet ta' kawża u effett, sabiex jiġi stabbilit dak li huwa l-iktar probabbli (sentenzi tal-15 ta' Frar 2005, Il-Kummissjoni vs Tetra Laval, C-12/03 P, EU:C:2005:87, punt 43; tal-10 ta' Lulju 2008, Bertelsmann u Sony Corporation of America vs Impala, C-413/06 P, EU:C:2008:392, punt 47; kif ukoll tas-16 ta' Jannar 2019, Il-Kummissjoni vs United Parcel Service, C-265/17 P, EU:C:2019:23, punt 32). Din l-analiżi prospettiva taqa' taħt il-marġni ta' diskrezzjoni fil-qasam ekonomiku li għandha l-Kummissjoni għall-finijiet tal-applikazzjoni tar-regoli sostantivi tar-Regolament Nru 139/2004, b'mod partikolari tal-Artikolu 2 tiegħu, li jiġġustifika li l-istħarriġ mill-qorti tal-Unjoni ta' deċiżjoni tal-Kummissjoni fil-qasam ta' konċentrazzjonijiet ikun limitat għall-verifika tal-eżattezza materjali tal-fatti u għall-assenza ta' żball manifest ta' evalwazzjoni (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tal-10 ta' Lulju 2008, Bertelsmann u Sony Corporation of America vs Impala, C-413/06 P, EU:C:2008:392, punt 144 kif ukoll il-ġurisprudenza ċċitata).

- 85 Ċertament, tali analiżi teħtieġ li ssir b'attenzjoni kbira, peress li ma hijiex kwistjoni li jiġu eżaminati l-avvenimenti tal-imġhod, li dwarhom spiss ikun hemm disponibbli bosta elementi ta' prova li jippermettu li wieħed jifhem il-kawżi taġġhom, u lanqas ta' avvenimenti kurrenti, iżda teħtieġ li jiġu mbassra avvenimenti li ser iseħħu fil-ġejjieni, fuq bażi ta' probabbiltà pjuttost qawwija, jekk ma tiġix adottata deċiżjoni li tipprojbixxi l-konċentrazzjoni pplanata jew li tistabbilixxi l-kundizzjonijiet għaliha (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tal-15 ta' Frar 2005, Il-Kummissjoni vs Tetra Laval, C-12/03 P, EU:C:2005:87, punt 42).
- 86 Madankollu, in-natura prospettiva tal-analiżi ekonomika li għandha twettaq il-Kummissjoni tipprekludi li din l-istituzzjoni, sabiex turi li konċentrazzjoni tfixkel jew, għall-kuntrarju, ma tfixkilx, b'mod sinjifikattiv kompetizzjoni effettiva, tkun obbligata tosserva livell ta' prova partikolarment għoli.
- 87 F'dawn iċ-ċirkustanzi, fid-dawl, b'mod partikolari, tal-istruttura simetrika tal-Artikolu 2(2) u (3) tar-Regolament Nru 139/2004 u tan-natura prospettiva tal-analiżi ekonomiċi tal-Kummissjoni fil-qasam tal-kontroll tal-konċentrazzjonijiet, hemm lok li jiġi kkunsidrat li, sabiex jiġi ddikjarat li konċentrazzjoni hija inkompatibbli jew kompatibbli mas-suq intern, huwa biżżejjed li l-Kummissjoni turi, permezz ta' elementi suffiċjentement sinjifikattivi u konkordanti, li huwa iktar probabbli milli improbabbli li l-konċentrazzjoni kkonċernata tfixkel jew le b'mod sinjifikattiv kompetizzjoni effettiva fis-suq intern jew f'parti sostanzjali minnu.
- 88 Għaldaqstant, peress li kkunsidrat, fil-punt 118 tas-sentenza appellata, li l-Kummissjoni hija obbligata turi "bi probabbiltà serja l-eżistenza ta' tfixkil sinjifikattiv" għal kompetizzjoni effettiva wara l-konċentrazzjoni u li "r-rekwiżit ta' prova applikabbli f'dan il-każ huwa, konsegwentement, iktar strett minn dak li permezz tiegħu tfixkil sinjifikattiv għal kompetizzjoni effettiva jkun 'iktar probabbli milli improbabbli'", il-Qorti Ġenerali applikat rekwiżit ta' prova li ma jirriżultax mir-Regolament Nru 139/2004, kif interpretat mill-Qorti tal-Ġustizzja, u għalhekk wettqet żball ta' liġi.
- 89 Għalhekk, dan l-ewwel aggravju għandu jiġi milqugħ.

Fuq it-tieni aggravju

- 90 It-tieni aggravju jinkludi żewġ partijiet, li permezz taġġhom il-Kummissjoni tikkontesta l-interpretazzjoni li l-Qorti Ġenerali tat lill-Artikolu 2(3) tar-Regolament Nru 139/2004 fis-sentenza appellata.

Fuq l-ewwel parti

– L-argumenti tal-partijiet

- 91 Permezz tal-ewwel parti tat-tieni aggravju taġġha, il-Kummissjoni ssostni li, fil-punt 90 tas-sentenza appellata, il-Qorti Ġenerali assimilat il-kundizzjonijiet meħtieġa sabiex jitqies li konċentrazzjoni tista' tipproduċi effetti mhux ikkoordinati ma' dawk meħtieġa sabiex tintwera l-eżistenza ta' pożizzjoni dominanti.

- 92 Il-Kummissjoni tippreċiża li hija ma tikkontestax li l-grad ta' dannu meħtieġ sabiex jintwera tfixkil sinjifikattiv għal kompetizzjoni effettiva minħabba effetti mhux ikkoordinati huwa l-istess bħal dak meħtieġ sabiex jintwera tali tfixkil minħabba l-ħolqien jew it-tiġh ta' pożizzjoni dominanti. Madankollu, permezz tal-espressjoni "hija stess", użata fil-punt 90 tas-sentenza appellata flimkien mal-espressjoni "entità li tirriżulta mill-konċentrazzjoni", il-Qorti Ġenerali qieset li l-Kummissjoni tista' ttipprojbixxi konċentrazzjoni biss jekk hija tista' tistabbilixxi li din l-entità ser tibbenefika minn setgħa fis-suq ekwivalenti għal dik li tiżgura pożizzjoni dominanti.
- 93 CK Telecoms tirribatti li l-Kummissjoni tikkontesta osservazzjoni ġenerali tal-Qorti Ġenerali li ma servietx bħala bażi għal analiżi *in concreto* u li, għaldaqstant, l-ewwel parti tat-tieni aggravju tal-Kummissjoni hija ineffettiva.

– *Il-kunsiderazzjonijiet tal-Qorti tal-Ġustizzja*

- 94 Fil-punt 90 tas-sentenza appellata, il-Qorti Ġenerali ddeċidiet li l-Artikolu 2(3) tar-Regolament Nru 139/2004 "[j]ippermetti lill-Kummissjoni ttipprojbixxi, f'ċerti ċirkustanzi, fi swieq oligopolistiċi, konċentrazzjonijiet li, għalkemm ma jagħtux lok għall-ħolqien jew għat-tiġh ta' pożizzjoni dominanti individwali jew kollettiva, jistgħu jaffettwaw il-kundizzjonijiet tal-kompetizzjoni fis-suq b'mod komparabbli ma' dak attribwibbli għal tali pożizzjonijiet, billi tagħti lill-entità li tirriżulta mill-konċentrazzjoni setgħa li tippermettilha tiddetermina, hija stess, il-parametri tal-kompetizzjoni u, b'mod partikolari, tiffissa l-prezzijiet minflok taċċettahom".
- 95 Issa, għandu jiġi rrilevat li, kif osservat CK Telecoms, l-imsemmi punt 90 jinkludi kunsiderazzjoni ġenerali tal-Qorti Ġenerali, mingħajr ma jstabbilixxi rabta ma' żball li allegatament wettqet il-Kummissjoni fl-applikazzjoni tal-kunċett ta' "tfixkil sinjifikattiv għal kompetizzjoni effettiva", fis-sens tal-Artikolu 2(3) tar-Regolament Nru 139/2004. Barra minn hekk, kif irrilevat l-Avukata Ġenerali fil-punt 70 tal-konklużjonijiet tagħha, il-Kummissjoni ma tidentifika ebda punt tas-sentenza appellata li huwa bbażat fuq din il-kunsiderazzjoni.
- 96 F'dan ir-rigward, minn ġurisprudenza stabbilita tal-Qorti tal-Ġustizzja jirriżulta li lmenti indirizzati kontra motivi superfluwi f'deċiżjoni tal-Qorti Ġenerali ma jistgħux iwasslu għall-annullament ta' din id-deċiżjoni u għaldaqstant huma ineffettivi (sentenza tat-23 ta' Marzu 2023, PV vs Il-Kummissjoni, C-640/20 P, EU:C:2023:232, punt 191 u l-ġurisprudenza ċċitata). Issa, anki jekk jitqies li l-ewwel parti tat-tieni aggravju hija fondata, din ma hijiex ta' natura li tinvalida s-sentenza appellata, peress li din il-parti tirrigwarda motiv tagħha li ma ġiex stabbilit li jikkontribwixxi sabiex isostni d-dispożittiv tal-imsemmija sentenza.
- 97 Minn dan isegwi li l-ewwel parti tat-tieni aggravju għandha tiġi miċħuda għaliex ineffettiva.

Fuq it-tieni parti

– *L-argumenti tal-partijiet*

- 98 Permezz tat-tieni parti tat-tieni aggravju tagħha, il-Kummissjoni ssostni li, fil-punti 95 u 96 tas-sentenza appellata, il-Qorti Ġenerali wettqet żball ta' liġi meta kkunsidrat li l-Artikolu 2(3) tar-Regolament Nru 139/2004, moqri fid-dawl tal-premessa 25 tiegħu, għandu jiġi interpretat fis-sens li, fl-assenza ta' ħolqien jew ta' tiġh ta' pożizzjoni dominanti wara konċentrazzjoni, tfixkil sinjifikattiv għal kompetizzjoni effettiva jista' jiġi stabbilit biss jekk iż-żewġ kundizzjonijiet

kumulattivi previsti f'din il-premessa jkunu ssodisfatti, jiġifieri, minn naħa, l-eliminazzjoni tar-restrizzjonijiet kompetittivi qawwija li l-partijiet fil-konċentrazzjoni kienu jeżerċitaw fuq xulxin u, min-naħa l-oħra, it-tnaqqis tal-pressjonijiet kompetittivi fuq il-kompetituri l-oħra.

- 99 Skont il-Kummissjoni, tali interpretazzjoni tikkomprometti l-għan ta' kontroll effettiv tal-konċentrazzjonijiet stabbilit fil-premessa 24 ta' dan ir-regolament u jkollha l-effett, b'mod partikolari, li tipprekludiha milli tiżviluppa teoriji tad-dannu li ma jissodisfawx il-kundizzjonijiet stabbiliti fil-punt 96 tas-sentenza appellata, bħal, pereżempju, it-tieni teorija tad-dannu mressqa f'dan il-każ, ibbażata fuq tnaqqis tal-pressjoni kompetittiva eżerċitata mill-kompetituri l-oħra fuq l-entità li tirriżulta mill-imsemmija konċentrazzjoni, minħabba l-pożizzjoni fis-suq ta' din l-entità wara l-konċentrazzjoni.
- 100 CK Telecoms tirribatti li mill-kliem tal-premessa 25 tar-Regolament Nru 139/2004, b'mod partikolari mill-konġunzjoni "u li jinvolvu ukoll", li ġiet riprodotta fil-Linji Gwida dwar il-konċentrazzjonijiet orizzontali kif ukoll fid-Deċiżjoni kontenzjuża, jirriżulta li l-imsemmija premessa tistabbilixxi żewġ kundizzjonijiet kumulattivi. Interpretazzjoni kuntrarja tippermetti lill-Kummissjoni tipprobixxi l-konċentrazzjonijiet orizzontali kollha, peress li dawn iwasslu neċessarjament għal tnaqqis tal-kompetizzjoni bejn il-partijiet ikkonċernati.

– *Il-kunsiderazzjonijiet tal-Qorti tal-Ġustizzja*

- 101 Il-Qorti Ġenerali, essenzjalment, qieset, fil-punt 96 tas-sentenza appellata, li l-Artikolu 2(3) tar-Regolament Nru 139/2004 għandu jiġi interpretat fid-dawl tal-premessa 25 ta' dan ir-regolament. F'dan ir-rigward, hija telqet mill-premessa li din il-premessa tipprevedi żewġ kundizzjonijiet kumulattivi sabiex l-effetti mhux ikkoordinati li jirriżultaw minn konċentrazzjoni, f'ċerti ċirkustanzi, ikun jista' jkollhom bħala konsegwenza tfixkil sinjifikattiv għal kompetizzjoni effettiva, jiġifieri, minn naħa, l-eliminazzjoni tar-restrizzjonijiet kompetittivi qawwija li l-partijiet fil-konċentrazzjoni kienu jeżerċitaw fuq xulxin u, min-naħa l-oħra, it-tnaqqis tal-pressjonijiet kompetittivi fuq il-kompetituri l-oħra.
- 102 Fil-punt 97 tal-imsemmija sentenza, il-Qorti Ġenerali ddeduċiet minn dan li "l-uniku effett ta' tnaqqis tal-pressjonijiet kompetittivi fuq il-kompetituri l-oħra ma huwiex, bħala prinċipju, suffiċjenti, waħdu, sabiex juri tfixkil sinjifikattiv għal kompetizzjoni effettiva fil-kuntest ta' teorija tad-dannu bbażata fuq effetti mhux ikkoordinati."
- 103 Huwa fid-dawl ta' din l-interpretazzjoni tal-Artikolu 2(3) tar-Regolament Nru 139/2004 li l-Qorti Ġenerali eżaminat l-ewwel, it-tielet u r-raba' motiv, kif jirriżulta mill-punt 105 tas-sentenza appellata.
- 104 F'dan ir-rigward, għandu jitfakkar, qabelxejn, li l-preambolu ta' att tal-Unjoni jista' jippreċiża l-kontenut tad-dispożizzjonijiet ta' dan l-att u li l-premessi ta' tali att jikkostitwixxu, fil-fatt, elementi importanti ta' interpretazzjoni, li huma ta' natura li jiċċaraw ir-rieda tal-awtur tal-imsemmi att (sentenza tad-19 ta' Diċembru 2019, Puppinck *et vs* Il-Kummissjoni, C-418/18 P, EU:C:2019:1113, punt 75 kif ukoll il-ġurisprudenza ċċitata).
- 105 Madankollu, il-preambolu ta' att tal-Unjoni ma għandux valur legali vinkolanti u ma jistax jiġi invokat la sabiex issir deroga mid-dispożizzjonijiet stess tal-att ikkonċernat u lanqas sabiex dawn id-dispożizzjonijiet jiġu interpretati b'mod manifestament kuntrarju għall-formulazzjoni tagħhom (sentenza tad-19 ta' Diċembru 2019, Puppinck *et vs* Il-Kummissjoni, C-418/18 P, EU:C:2019:1113, punt 76 kif ukoll il-ġurisprudenza ċċitata).

- 106 Kif jirriżulta mill-premessi 6 u 24 tar-Regolament Nru 139/2004, dan huwa intiż sabiex jistabbilixxi kontroll effettiv tal-konċentrazzjonijiet kollha skont l-effett tagħhom fuq l-istruttura tal-kompetizzjoni fl-Unjoni, b'mod partikolari, sabiex tiġi ggarantita kompetizzjoni effettiva u mhux distorta fis-suq intern u sabiex tiġi żgurata politika segwita konformement mal-prinċipju ta' ekonomija ta' suq miftuħ b'kompetizzjoni libera.
- 107 F'dan ir-rigward, mill-premessa 25 ta' dan ir-regolament jirriżulta, essenzjalment, li dan jirrigwarda wkoll l-inkompatibbiltà mas-suq intern ta' konċentrazzjoni bejn impriżi li joperaw f'suq oligopolistiku meta din il-konċentrazzjoni tkun tikkostitwixxi tfixkil sinjifikattiv għal kompetizzjoni effettiva mingħajr ma l-entità li tirriżulta minn din il-konċentrazzjoni jkollha pożizzjoni dominanti.
- 108 B'mod iktar partikolari, mill-imsemija premessa 25 jirriżulta li għalkemm “[h]afna mis-swieq oligopolistiċi għandhom livell tajjeb ta' kompetizzjoni [xorta jibqa' l-fatt li], konċentrazzjonijiet li jinvolvu t-tneħħija ta' kontrolli kompetittivi importanti li l-partijiet li jingħaqdu kienu jeżerċitaw fuq xulxin u li jinvolvu wkoll tnaqqis fil-pressjoni maħluqa mill-kompetizzjoni fuq il-kompetituri li jifdal, jistgħu, f'ċerti ċirkostanzi, joħolqu tfixkil sostanzjali għal kompetizzjoni effettiva.”
- 109 Issa, essenzjalment, mis-sentenza ta' qabel tal-aħħar tal-istess premessa 25 jirriżulta li l-kontroll effettiv previst mir-Regolament Nru 139/2004 jestendi għal kull konċentrazzjoni li tfixkel b'mod sinjifikattiv kompetizzjoni effettiva, fis-suq intern jew f'parti sostanzjali minnu, inklużi l-konċentrazzjonijiet li jagħtu lok għal effetti mhux ikkoordinati. Dan il-kontroll effettiv jaqa' taħt l-għan ġenerali tar-Regolament Nru 139/2004, rifless fil-premessa 5 tiegħu, li jikkonsisti f'li jiġi evitat li proċess ta' ristrutturazzjoni jwassal għal dannu fit-tul għall-kompetizzjoni fis-suq intern jew f'parti sostanzjali minnu.
- 110 Sabiex jiggarantixxi kompetizzjoni effettiva u mingħajr distorsjoni fis-suq intern u sabiex jiżgura politika segwita konformement mal-prinċipju ta' ekonomija ta' suq miftuħ b'kompetizzjoni libera, ir-Regolament Nru 139/2004 huwa intiż li jistabbilixxi kontroll effettiv tal-konċentrazzjonijiet kollha li jfixklu b'mod sinjifikattiv kompetizzjoni effettiva, inklużi dawk li jwasslu għal effetti mhux ikkoordinati fi swieq oligopolistiċi. Għalhekk, minbarra l-fatt li premessa ta' dan ir-regolament ma tistax, fi kwalunkwe każ, tillimita l-portata tad-dispożizzjonijiet tal-imsemmi regolament, ma jistax jitqies li l-kontroll effettiv tal-konċentrazzjonijiet imwettqa f'tali swieq li jistgħu jagħtu lok għal effetti mhux ikkoordinati għandu jkun limitat għas-sitwazzjonijiet li jirriżultaw fl-istess ħin miż-żewġ każijiet imsemija fil-premessa 25 tal-istess regolament.
- 111 Kif l-Avukata Ġenerali rrilevat, essenzjalment, fil-punti 74 sa 76 tal-konklużjonijiet tagħha, il-konġunzjoni “u li jinvolvu ukoll” ma hijiex biżżejjed sabiex tinvalida din l-interpretazzjoni. Fil-fatt, l-interpretazzjoni tal-Artikolu 2(3) tar-Regolament Nru 139/2004, moqri fid-dawl tal-premessa 25 ta' dan ir-regolament, fis-sens li dawn iż-żewġ każijiet huma kundizzjonijiet kumulattivi sabiex jiġi kkonstatat tfixkil sinjifikattiv għal kompetizzjoni effettiva li jirriżulta minn konċentrazzjoni li għandha effetti mhux ikkoordinati f'suq oligopolistiku jkollha l-konsegwenza li tnaqqas l-effettività tal-kontroll ta' dan it-tip ta' konċentrazzjonijiet għall-każijiet biss li fihom il-Kummissjoni tista' turi li l-konċentrazzjoni kkonċernata tista' kemm telimina restrizzjonijiet kompetittivi qawwija bejn il-partijiet f'din il-konċentrazzjoni kif ukoll tnaqqas pressjonijiet kompetittivi fuq il-kompetituri l-oħra li jaġixxu fis-suq ikkonċernat.

- 112 Għalhekk, tali interpretazzjoni timplika li l-eliminazzjoni tar-restrizzjonijiet kompetittivi qawwija li l-partijiet fil-konċentrazzjoni kienu jeżerċitaw fuq xulxin u ż-żieda unilaterali tal-prezzijiet li jistgħu jirriżultaw ma jkunu qatt, waħedhom, suffiċjenti sabiex juru tfixkil sinjifikattiv għal kompetizzjoni effettiva.
- 113 Issa, tali interpretazzjoni restrittiva tal-Artikolu 2(3) tar-Regolament Nru 139/2004 tkun inkompatibbli mal-għan ta' dan ir-regolament, imfakkar fil-punt 109 ta' din is-sentenza, li jiġi stabbilit kontroll effettiv tal-konċentrazzjonijiet kollha li jfixklu b'mod sinjifikattiv kompetizzjoni effettiva, fis-suq intern jew f'parti sostanzjali minnu, inklużi dawk li jagħtu lok għal effetti mhux ikkoordinati.
- 114 F'dawn iċ-ċirkustanzi, peress li ddeċidiet, fil-punt 96 tas-sentenza appellata, li l-Artikolu 2(3) tar-Regolament Nru 139/2004, moqri fid-dawl tal-premessa 25 ta' dan ir-regolament, għandu jiġi interpretat fis-sens li, fl-assenza ta' ħolqien jew ta' tishiġ ta' pożizzjoni dominanti wara konċentrazzjoni f'suq oligopolistiku, tfixkil sinjifikattiv għal kompetizzjoni effettiva jista' jiġi stabbilit biss jekk il-Kummissjoni turi li żewġ kundizzjonijiet kumulattivi huma ssodisfatti, jiġifieri, minn naħa, l-eliminazzjoni tar-restrizzjonijiet kompetittivi qawwija li l-partijiet fil-konċentrazzjoni kienu jeżerċitaw fuq xulxin u, min-naħa l-oħra, it-tnaqqis tal-pressjonijiet kompetittivi fuq il-kompetituri l-oħra, il-Qorti Ġenerali wettqet żball ta' liġi.
- 115 Fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet preċedenti, it-tieni parti tat-tieni aggravju għandha tiġi miċħuda.
- 116 Minn dan isegwi li t-tieni aggravju, ibbażat fuq interpretazzjoni żbaljata tal-Artikolu 2(3) tar-Regolament Nru 139/2004, huwa fondat.

Fuq it-tielet aggravju

- 117 It-tielet aggravju jinkludi erba' partijiet, ibbażati, l-ewwel, fuq il-fatt li l-Qorti Ġenerali marret lil hinn mil-limiti tal-istħarriġ ġudizzjarju li hija għandha billi interpretat il-kunċetti ta' "mutur importanti tal-kompetizzjoni" u ta' "kompetituri mill-qrib", it-tieni, fuq żnaturament kemm tad-Deċiżjoni kontenzjuża u tar-risposta tal-Kummissjoni kif ukoll fuq interpretazzjoni żbaljata tal-kunċett ta' "mutur importanti tal-kompetizzjoni", it-tielet, fuq interpretazzjoni żbaljata tal-kunċett ta' "kompetituri mill-qrib" u fuq żnaturament tad-Deċiżjoni kontenzjuża, u r-raba', invokata sussidjarjament, fuq ksur tal-obbligu ta' motivazzjoni fir-rigward tal-eventwali inkompatibbiltà tal-Linji Gwida dwar il-konċentrazzjonijiet orizzontali mar-Regolament Nru 139/2004.

Fuq l-ewwel parti

– L-argumenti tal-partijiet

- 118 Permezz tal-ewwel parti tat-tielet aggravju tagħha, il-Kummissjoni ssostni, essenzjalment, li, peress li wettqet, fil-punti 174 u 242 tas-sentenza appellata, interpretazzjoni tal-kunċetti ta' "mutur importanti tal-kompetizzjoni" u ta' "kompetituri mill-qrib", il-Qorti Ġenerali tbiegħdet mid-definizzjonijiet ta' dawn il-kunċetti ekonomiċi li jinsabu fil-Linji Gwida dwar il-konċentrazzjonijiet orizzontali kif ukoll tal-qafas ekonomiku stabbilit fihom. Konsegwentement, hija kisret il-marġni ta' diskrezzjoni tal-Kummissjoni fil-qasam ekonomiku u

ssostitwixxiet l-evalwazzjoni ekonomika tagħha għal dik tal-Kummissjoni. B'dan il-mod, din il-qorti marret lil hinn mil-limiti tal-istħarriġ ġudizzjarju ta' deċiżjonijiet tal-Kummissjoni li jiddikjaraw konċentrazzjoni kompatibbli jew inkompatibbli mas-suq intern.

- 119 B'mod partikolari, il-Kummissjoni ssostni li l-Qorti Ġenerali la għandha l-kompetenza u lanqas l-għarfien espert sabiex titbiegħed mill-kunċetti ekonomiċi li jinsabu fil-Linji Gwida dwar il-konċentrazzjonijiet orizzontali u sabiex issegwi approċċ ekonomiku differenti minn dak stabbilit fihom. Skont din l-istituzzjoni, il-kompetenza tal-Qorti Ġenerali hija limitata għall-istħarriġ tal-legalità tal-imsemmija linji gwida.
- 120 CK Telecoms tirribatti li l-Qorti Ġenerali ma marritx lil hinn mil-limiti tal-istħarriġ ġudizzjarju fl-interpretazzjoni u l-applikazzjoni tiegħu tal-kunċetti ta' "mutur importanti tal-kompetizzjoni" u ta' "kompetituri mill-qrib". Għall-kuntrarju, fis-sentenza appellata, hija evalwat il-provi peress li applikat il-kriterju li jirriżulta minn ġurisprudenza stabbilita sew, li jgħid li l-marġni ta' diskrezzjoni tal-Kummissjoni fil-qasam ekonomiku huwa bla ħsara għall-ġurisdizzjoni tal-qorti tal-Unjoni sabiex tistħarreġ l-interpretazzjoni minnha ta' data ta' natura ekonomika.

– *Il-kunsiderazzjonijiet tal-Qorti tal-Ġustizzja*

- 121 Skont il-premessa 28 tar-Regolament Nru 139/2004, sabiex tikkjarifika u tispjega l-evalwazzjoni tal-konċentrazzjonijiet magħmula mill-Kummissjoni fir-rigward ta' dan ir-regolament, il-Kummissjoni għandha tohrög linji gwida li għandhom jistabbilixxu qafas ekonomiku sod għall-evalwazzjoni tal-konċentrazzjonijiet sabiex jiġi ddeterminat jekk dawn jistgħux jiġu ddikjarati kompatibbli mas-suq intern.
- 122 Għaldaqstant, il-Kummissjoni adottat il-Linji Gwida dwar il-konċentrazzjonijiet orizzontali, li jiddeterminaw il-metodoloġija li l-Kummissjoni imponiet fuqha nnifisha għall-finijiet tal-evalwazzjoni tagħha dwar l-eżistenza eventwali ta' tfixkil sinjifikattiv għal kompetizzjoni effettiva, fis-sens tar-Regolament Nru 139/2004.
- 123 Madankollu, minkejja li l-Kummissjoni ma tistax titbiegħed minn tali linji gwida mingħajr ġustifikazzjoni, għaliex inkella tiġi ssanzjonata, jekk ikun il-każ, minħabba ksur tal-prinċipji ġenerali tad-dritt, dawn ma jistgħux jiġu kklassifikati bħala regola ta' dritt li l-amministrazzjoni hija, fi kwalunkwe każ, obbligata tosserva u ma jikkostitwixxux il-bażi legali tad-deċiżjonijiet meħuda mill-Kummissjoni fil-qasam ikkonċernat (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tat-28 ta' Ġunju 2005, Dansk Rørindustri *et vs* Il-Kummissjoni, C-189/02 P, C-202/02 P, C-205/02 P sa C-208/02 P u C-213/02 P, EU:C:2005:408, punti 209, 211 u 213). Madankollu, il-qorti tal-Unjoni tibqa' kompetenti sabiex tinterpretahom, b'mod partikolari, meta, fid-deċiżjonijiet tagħha li jawtorizzaw jew li jipprojbixxu konċentrazzjoni, il-Kummissjoni bbażat ruħha fuq l-imsemmija linji gwida sabiex tiddetermina jekk il-konċentrazzjoni kkonċernata kinitx ser twassal jew le għal tfixkil sinjifikattiv għal kompetizzjoni effettiva.
- 124 Ċertament, kif tfakkar fil-punt 84 ta' din is-sentenza, il-Kummissjoni għandha marġni ta' diskrezzjoni fil-qasam ekonomiku għall-finijiet tal-applikazzjoni tar-regoli sostantivi tar-Regolament Nru 139/2004, b'mod partikolari tal-Artikolu 2 tiegħu li jiġġustifika li l-istħarriġ mill-qorti tal-Unjoni ta' deċiżjoni tal-Kummissjoni fil-qasam ta' konċentrazzjonijiet ikun limitat għall-verifika tal-eżattezza materjali tal-fatti u għall-assenza ta' żball manifest ta' evalwazzjoni.

- 125 Madankollu, dan ma jfissirx li l-qorti tal-Unjoni għandha tastjeni milli tistħarreġ l-interpretazzjoni, magħmula mill-Kummissjoni, ta' data ta' natura ekonomika. Fil-fatt, il-qorti tal-Unjoni, li, kif fakkret l-Avukata Ġenerali fil-punti 73 u 85 tal-konklużjonijiet tagħha, ma tistax tkun marbuta bil-Linji Gwida dwar il-konċentrazzjonijiet orizzontali bħala tali, għandha b'mod partikolari tivverifika mhux biss l-eżattezza materjali tal-provi invokati, l-affidabbiltà tagħhom u l-koerenza tagħhom, iżda għandha wkoll tistħarreġ jekk dawn il-provi jikkostitwixxux id-data kollha rilevanti li għandha tittieħed inkunsiderazzjoni sabiex tiġi evalwata sitwazzjoni kumplessa u jekk humiex ta' natura li jsostnu l-konklużjonijiet misluta minnhom (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tal-10 ta' Lulju 2008, Bertelsmann u Sony Corporation of America vs Impala, C-413/06 P, EU:C:2008:392, punt 145 kif ukoll l-ġurisprudenza ċċitata).
- 126 L-imsemmi marġni ta' diskrezzjoni tal-Kummissjoni lanqas ma jimplika li l-qorti tal-Unjoni għandha tastjeni milli tistħarreġ l-interpretazzjoni, mill-Kummissjoni, tal-kunċetti ta' natura ekonomika, jiġifieri tal-kunċetti tad-dritt tal-Unjoni li jeħtieġu analiżi ekonomika waqt l-implimentazzjoni tagħhom.
- 127 F'dan ir-rigward, għandu jittfakkar li l-qorti tal-Unjoni diġà interpretat diversi drabi kunċetti ta' natura ekonomika fil-qasam tad-dritt tal-kompetizzjoni, bħall-kunċett ta' "pożizzjoni dominanti" (sentenza tal-14 ta' Frar 1978, United Brands u United Brands Continentaal vs Il-Kummissjoni, 27/76, EU:C:1978:22, punti 65 u 66), il-kunċett ta' "suq rilevanti" (sentenzi tad-9 ta' Novembru 1983, Nederlandsche Banden-Industrie-Michelin vs Il-Kummissjoni, 322/81, EU:C:1983:313, punt 37, u tas-6 ta' Ottubru 1994, Tetra Pak vs Il-Kummissjoni, T-83/91, EU:T:1994:246, punt 63), u l-kunċett ta' "pressjoni fuq il-marġni tal-kompetituri" (sentenza tal-25 ta' Marzu 2021, Slovak Telekom vs Il-Kummissjoni, C-165/19 P, EU:C:2021:239, punt 73 u l-ġurisprudenza ċċitata).
- 128 Issa, il-kunċetti ta' "mutur importanti tal-kompetizzjoni" u ta' "kompetituri mill-qrib", li għalihom isir riferiment fil-Linji Gwida dwar il-konċentrazzjonijiet orizzontali, jinsabu fost il-fatturi li jistgħu jinfluwenzaw il-probabbiltà li konċentrazzjoni jkollha effetti mhux ikkoordinati sinjifikattivi u, konsegwentement, fuq il-konstatazzjoni tal-eżistenza eventwali ta' "tfixkil sinjifikattiv għal kompetizzjoni effettiva" fis-sens tal-Artikolu 2(2) u (3) tar-Regolament Nru 139/2004.
- 129 Minn dan isegwi li, għalkemm il-kunċetti ta' "mutur importanti tal-kompetizzjoni" u ta' "kompetituri mill-qrib" huma ta' natura ekonomika, il-qorti tal-Unjoni għandha ġurisdizzjoni sabiex tintpretahom fil-kuntest tal-eżerċizzju tal-istħarriġ tagħha fuq id-deċiżjonijiet tal-Kummissjoni meħuda fil-qasam tal-kontroll tal-konċentrazzjonijiet.
- 130 F'dawn iċ-ċirkustanzi, għandu jiġi kkonstatat li, f'dan il-każ, il-Qorti Ġenerali, peress li tat interpretazzjoni tal-kunċetti ta' "mutur importanti tal-kompetizzjoni" u ta' "kompetituri mill-qrib", ma marritx lil hinn mil-limiti tal-istħarriġ ġudizzjarju tagħha.
- 131 Minn dan isegwi li l-ewwel parti tat-tielet aggravju tal-Kummissjoni għandha tiġi miċħuda bħala infondata.

Fuq it-tieni parti

– L-argumenti tal-partijiet

- 132 Permezz tat-tieni parti tat-tielet aggravju tagħha, il-Kummissjoni tinvoka tliet ilmenti, ibbażati, l-ewwel, fuq żnaturament tad-Deċiżjoni kontenzjuża, it-tieni, fuq żnaturament tar-risposta tagħha u, it-tielet, fuq interpretazzjoni żbaljata tal-kunċett ta' "mutur importanti tal-kompetizzjoni".
- 133 Permezz tal-ewwel ilment tagħha, il-Kummissjoni tikkritika lill-Qorti Ġenerali li fil-punt 171 tas-sentenza appellata, qieset b'mod żbaljat li, fid-Deċiżjoni kontenzjuża, kien jirriżulta li l-fatt li parti fil-konċentrazzjoni tkun ikklassifikata bħala "mutur importanti tal-kompetizzjoni" f'suq oligopolistiku huwa suffiċjenti sabiex jiġi kkunsidrat li l-konċentrazzjoni inkwistjoni ser tagħti lok għal tfixkil sinjifikattiv għal kompetizzjoni effettiva. Din il-konstatazzjoni tal-Qorti Ġenerali hija kontradetta mill-punt 155 ta' dik is-sentenza li skontha mill-kliem tad-Deċiżjoni kontenzjuża, b'mod partikolari mill-premessa 777 tagħha, jirriżulta li l-fatt li "Three tikkostitwixxi mutur importanti tal-kompetizzjoni fis-suq tal-bejgħ bl-imnut [...], fis-sens tal-punt 37 tal-Linji Gwida, jew fi kwalunkwe każ restrizzjoni kompetittiva qawwija fuq dan is-suq" huwa biss wieħed mill-fatturi użati mill-Kummissjoni sabiex tikkonkludi li l-konċentrazzjoni tagħti lok għal effetti mhux ikkoordinati sinjifikattivi.
- 134 Permezz tat-tieni lment tagħha, il-Kummissjoni ssostni li, fil-punt 170 tal-imsemmija sentenza, il-Qorti Ġenerali żnaturat il-punt 39 tar-risposta tagħha, li wassal lil din l-qorti sabiex toħloq id-definizzjoni tagħha stess tal-kunċett ta' "mutur importanti tal-kompetizzjoni", li huwa differenti minn dik stabbilit fil-punt 37 tal-Linji Gwida dwar il-konċentrazzjonijiet orizzontali. Issa, jirriżulta, b'mod partikolari, mill-imsemmi punt 39 tar-risposta kif ukoll mill-punt 13 tal-kontroreplika tal-Kummissjoni li din tal-aħħar kienet tagħti eżempju wieħed biss f'dawn tal-aħħar, mingħajr ma tafferma li "mutur importanti tal-kompetizzjoni" għandu neċessarjament jikkompeti b'mod partikolarment aggressiv u jġiegħel lill-kompetituri tagħha jsegwu dan l-aġir.
- 135 Madankollu, mill-punti 170 u 216 tas-sentenza appellata jirriżulta li l-Qorti Ġenerali rriproduċiet dan l-eżempju u biddlitu f'definizzjoni tal-kunċett ta' "mutur importanti tal-kompetizzjoni".
- 136 Permezz tat-tielet u l-aħħar ilment tagħha, il-Kummissjoni tikkritika lill-Qorti Ġenerali talli b'mod żbaljat imponitilha, fil-punti 170 u 216 tas-sentenza appellata, rekwiżiti eċċessivi għall-finijiet tal-klassifikazzjoni ta' impriża bħala "mutur importanti tal-kompetizzjoni", li jgħidu li l-impriża kkonċernata għandha tiddistingwi ruħha mill-kompetituri tagħha f'termini ta' impatt fuq il-kompetizzjoni u, b'mod partikolari, toffri kompetizzjoni partikolarment aggressiva f'termini ta' prezzijiet u li hija sforzat lill-atturi l-oħra fis-suq jallinjaw ruħhom mal-prezzijiet tagħha.
- 137 Fir-rigward tal-ewwel ilment tal-Kummissjoni, CK Telecoms tirribatti li, fil-prassi preċedenti tagħha u b'mod partikolari fil-kawża msemmiya fil-punt 164 tas-sentenza appellata, il-Kummissjoni kklassifikat waħda jew tnejn mill-partijiet fil-konċentrazzjonijiet eżaminati bħala "mutur(i) importanti tal-kompetizzjoni", fejn din il-konstatazzjoni kienet biżżejjed sabiex jiġi kkunsidrat li l-konċentrazzjoni kkonċernata tista' twassal għal tfixkil sinjifikattiv għal kompetizzjoni effettiva.
- 138 Fir-rigward tat-tieni lment tal-Kummissjoni, CK Telecoms issostni li l-punt 39 tar-risposta tal-Kummissjoni ma kienx limitat sabiex jaġġi eżempju ta' "mutur importanti tal-kompetizzjoni".

- 139 Fir-rigward tat-tielet u l-aħħar ilment tal-Kummissjoni, CK Telecoms issostni li l-Qorti Ġenerali ma tbeġħditx mil-Linji Gwida dwar il-konċentrazzjonijiet orizzontali u ġustament ikkonstatat li “mutur importanti tal-kompetizzjoni” kellu jiddistingwi ruħu mill-kompetituri tiegħu f’termini ta’ impatt fuq il-kompetizzjoni.
- 140 Fil-fatt, ir-rekwiżit li “mutur importanti tal-kompetizzjoni” ikun differenti mill-kompetituri tiegħu f’termini ta’ impatt fuq il-kompetizzjoni huwa l-minimu meħtieġ sabiex jiġi kkunsidrat li, f’suq oligopolistiku, impriża tista’ taqa’ taħt dan il-kunċett. Li kieku dan ma kienx il-każ, kull kompetitur li jaġixxi f’suq oligopolistiku jkun jista’ jiġi kklassifikat bħala “mutur importanti tal-kompetizzjoni” u l-Kummissjoni tkun f’pożizzjoni li topponi kważi l-konċentrazzjonijiet orizzontali kollha.
- 141 Għalhekk, sabiex impriża tiġi kklassifikata bħala “mutur importanti tal-kompetizzjoni” f’suq oligopolistiku, għandu jintwera li hija teżerċita restrizzjonijiet partikolarment qawwija fuq il-kompetituri l-oħra.
- *Il-kunsiderazzjonijiet tal-Qorti tal-Ġustizzja*
- 142 Fir-rigward tal-ewwel ilment, ibbażat fuq żnaturament tad-Deċiżjoni kontenzjuża, għandu jittfakkar li, skont ġurisprudenza stabbilita tal-Qorti tal-Ġustizzja, żnaturament għandu jidher b’mod manifest mill-atti tal-proċess, mingħajr ma jkun meħtieġ li ssir evalwazzjoni ġdida tal-fatti u tal-provi (sentenza tal-25 ta’ Lulju 2018, Orange Polska vs Il-Kummissjoni, C-123/16 P, EU:C:2018:590, punt 75).
- 143 F’dan il-każ, il-Qorti Ġenerali kkonstatat, fil-punt 171 tas-sentenza appellata, li “[m]id-deċiżjoni [kontenzjuża] jirriżulta li, fir-rigward tal-eliminazzjoni ta’ ‘mutur importanti tal-kompetizzjoni’, il-Kummissjoni hija tal-fehma li s-sempliċi tnaqqis fil-persjoni kompetittiva li jirriżulta, b’mod partikolari, mit-tmiem ta’ impriża li għandha rwol ikbar milli jagħtu x’tifhem il-partijiet tas-suq tagħha huwa biżżejjed, fih innifsu, sabiex jagħti prova ta’ tfixkil sinjifikattiv għal kompetizzjoni effettiva”.
- 144 Il-Qorti Ġenerali bbażat din il-konstatazzjoni fuq qari tal-premessi kollha tad-Deċiżjoni kontenzjuża ddedikati, b’mod partikolari, għan-natura tal-kunċett ta’ “mutur importanti tal-kompetizzjoni”.
- 145 Issa, kuntrarjament għal dak li kkonstatat il-Qorti Ġenerali fl-imsemmi punt 171, mid-Deċiżjoni kontenzjuża ma jirriżultax li l-Kummissjoni kkunsidrat li l-eliminazzjoni ta’ “mutur importanti tal-kompetizzjoni” hija biżżejjed f’dan il-każ, fiha nnifisha, sabiex tipprova tfixkil sinjifikattiv għal kompetizzjoni effettiva.
- 146 Għall-kuntrarju, mill-elementi prinċipali li jinsabu fit-taqsimiet intitolati “Evalwazzjoni tal-kompetizzjoni” u “Kriterju fuq il-mertu”, u, b’mod iktar partikolari, mill-premessi 313 u 321 tad-Deċiżjoni kontenzjuża, jirriżulta li l-Linji Gwida dwar il-konċentrazzjonijiet orizzontali jistabbilixxu diversi fatturi rilevanti sabiex jiġi ddeterminat jekk konċentrazzjoni tistax twassal għal effetti mhux ikkoordinati.
- 147 Huwa minnu li, f’dawn iż-żewġ premessi, il-Kummissjoni ppreċiżat b’mod partikolari li dawn il-fatturi kollha ma għandhomx neċessarjament jiġu ssodisfatti sabiex tali effetti jkun probabbli. Madankollu, kif irrilevat l-Avukata Ġenerali fil-punt 97 tal-konklużjonijiet tagħha, il-Kummissjoni

ma ddeduċietx minn dan li l-preżenza ta' wieħed biss minn dawn il-fatturi hija biżżejjed sabiex jiġi kkonstatat li l-konċentrazzjoni eżaminata tista' twassal għal tfixkil sinjifikattiv għal kompetizzjoni effettiva.

- 148 Fil-fatt, fin-nota ta' qiegħ il-paġna 263 relatata mal-premessa 313 tad-Deċiżjoni kontenzjuża, il-Kummissjoni għamlet riferiment espliċitu għall-punt 26 tal-Linji Gwida dwar il-konċentrazzjonijiet orizzontali, li jipprovdi li l-fatt li waħda mill-partijiet fil-konċentrazzjoni tista' tiġi kklassifikata bħala “mutur importanti tal-kompetizzjoni” huwa wieħed mill-fatturi msemmija minn dawn il-linji gwida bħala li jista' jittieħed inkunsiderazzjoni sabiex jiġi ddeterminat jekk din il-konċentrazzjoni tistax twassal għal tfixkil sinjifikattiv għal kompetizzjoni effettiva.
- 149 Barra minn hekk, kif tirrileva l-Kummissjoni, il-Qorti Ġenerali, fil-punt 155 tas-sentenza appellata, tosserva hija stess li mid-Deċiżjoni kontenzjuża jirriżulta li l-klassifikazzjoni ta' Three bħala “mutur importanti tal-kompetizzjoni” hija wieħed mill-fatturi użati mill-Kummissjoni sabiex tikkonkludi li l-konċentrazzjoni tagħti lok għal effetti mhux ikkoordinati.
- 150 Minn dan isegwi li l-Qorti Ġenerali żnaturat din id-deċiżjoni fil-punt 171 tas-sentenza appellata.
- 151 Għalhekk l-ewwel ilment tat-tieni parti tat-tielet aggravju għandu jintlaqa'.
- 152 Fir-rigward tat-tieni lment, ibbażat fuq il-fatt li l-Qorti Ġenerali żnaturat, fil-punt 170 tas-sentenza appellata, il-punt 39 tar-risposta tal-Kummissjoni, li wassal lil din il-qorti sabiex tistabbilixxi eżempju ta' “mutur importanti tal-kompetizzjoni” f'definizzjoni ta' dan il-kunċett, huwa biżżejjed li jiġi kkonstatat li, anki jekk jitqies li, fl-imsemmi punt 170, il-Qorti Ġenerali żnaturat ir-risposta tal-Kummissjoni, tali żnaturament ma jistax iwassal għall-annullament tas-sentenza appellata, b'mod partikolari għaliex l-osservazzjonijiet bil-miktub tal-Kummissjoni ppreżentati fil-kuntest tal-proċedura quddiem il-Qorti Ġenerali u li jirrigwardaw il-kunċett ta' “mutur importanti tal-kompetizzjoni” ma jistgħux jitqiesu li huma deċiżivi sabiex jiġi ddeterminat il-kontenut ta' dan il-kunċett.
- 153 Isegwi li t-tieni lment tat-tieni parti tat-tielet aggravju għandu jiġi miċħud bħala ineffettiv.
- 154 Fir-rigward tat-tielet u l-aħħar ilment, ibbażat fuq il-fatt li l-Qorti Ġenerali wettqet żball ta' liġi peress li imponiet rekwiżiti eċċessivi sabiex impriża tiġi kklassifikata bħala “mutur importanti tal-kompetizzjoni”, għandu jifakkar li, fil-punti 170 u 216 tas-sentenza appellata, din il-qorti adottat definizzjoni tal-kunċett ta' “mutur importanti tal-kompetizzjoni” li tgħid li l-impriża kkonċernata għandha tkun distinta mill-kompetituri tagħha f'termini ta' impatt tal-politika tagħha tal-prezzijiet fuq id-dinamika kompetittiva fis-suq ikkonċernat u, b'mod partikolari, għandha toffri kompetizzjoni partikolarment aggressiva f'termini ta' prezzijiet u li hija sforzat lill-atturi l-oħra fis-suq jallinjaw ruħhom mal-prezzijiet tagħha.
- 155 Il-Qorti Ġenerali ppreċiżat fil-punti 173 u 175 tal-imsemmija sentenza li l-approċċ segwit mill-Kummissjoni fid-Deċiżjoni kontenzjuża jwassal fil-prattika sabiex jiġi konfuż il-kunċett ta' “tfixkil sinjifikattiv għal kompetizzjoni effettiva”, imsemmi fl-Artikolu 2(3) tar-Regolament Nru 139/2004, il-kunċett ta' “eliminazzjoni ta' restrizzjoni kompetittiva qawwija”, li jinsab fil-premessa 25 ta' dan ir-regolament, kif ukoll il-kunċett ta' eliminazzjoni ta' “mutur importanti tal-kompetizzjoni”. Tali konfużjoni twassal għal interpretazzjoni wiesgħa ta' dan l-Artikolu 2(3),

li tgħid li kull eliminazzjoni ta' "mutur importanti tal-kompetizzjoni" tkun ekwivalenti għall-eliminazzjoni ta' restrizzjoni kompetittiva qawwija li, min-naħa tagħha, tiġġustifika l-konklużjoni tal-eżistenza ta' tfixkil sinjifikattiv għal kompetizzjoni effettiva.

- 156 Barra minn hekk, fil-punt 174 tas-sentenza appellata, il-Qorti Ġenerali kkunsidrat, essenzjalment, li, jekk ma kienx meħtieġ li impriża tiddistingwi ruħha mill-kompetituri tagħha f'termini ta' impatt fuq il-kompetizzjoni sabiex tkun tista' tiġi kklassifikata bħala "mutur importanti tal-kompetizzjoni", kull impriża f'suq oligopolistiku li jeżerċita pressjoni kompetittiva tista' taqa' taħt dan il-kunċett.
- 157 F'dan il-kuntest, il-Qorti Ġenerali kkonstatat, fil-punt 216 ta' dik is-sentenza, li l-Kummissjoni ma kinitx weriet b'mod suffiċjenti fid-dritt li Three taqa' taħt l-imsemmi kunċett.
- 158 F'dan ir-rigward, l-ewwel, għandu jitfakkar li, kif jirriżulta mill-premessi 6, 24 u 25 tar-Regolament Nru 139/2004, dan huwa intiż li jistabbilixxi kontroll effettiv tal-konċentrazzjonijiet kollha li jfixklu b'mod sinjifikattiv kompetizzjoni effettiva, fis-suq intern jew f'parti sostanzjali minnu, inklużi konċentrazzjonijiet li jagħtu lok għal effetti mhux ikkoordinati.
- 159 It-tieni, kif jikkonferma l-punt 24 tal-Linji Gwida dwar il-konċentrazzjonijiet orizzontali, l-effett l-iktar dirett ta' konċentrazzjoni ser ikun l-eliminazzjoni tal-kompetizzjoni bejn il-partijiet fil-konċentrazzjoni.
- 160 It-tielet, skont qari flimkien tal-punti 26, 37 u 38 tal-Linji Gwida dwar il-konċentrazzjonijiet orizzontali, l-eliminazzjoni ta' "mutur importanti tal-kompetizzjoni" hija, bħala prinċipju, wieħed mill-fatturi li jistgħu jinfluwenzaw il-probabbiltà li konċentrazzjoni twassal għal effetti mhux ikkoordinati sinjifikattivi u li jippermettu għalhekk li jiġi evalwat, b'mod partikolari, jekk din il-konċentrazzjoni twassalx għall-eliminazzjoni tar-restrizzjonijiet kompetittivi qawwija li l-partijiet fil-konċentrazzjoni kienu jeżerċitaw fuq xulxin.
- 161 F'dan il-kuntest, għandu jitqies li r-rekwiżiti meħtieġa sabiex impriża tiġi kklassifikata bħala "mutur importanti tal-kompetizzjoni", li għandhom effett dirett fuq l-użu ta' din il-klassifikazzjoni bħala fattur rilevanti sabiex jiġi konkluż li jeżisti eventwali tfixkil sinjifikattiv għal kompetizzjoni effettiva, ma għandhomx ikunu ta' natura li jeskludu l-possibbiltà, għall-Kummissjoni, li tiddikjara inkompatibbli mas-suq intern konċentrazzjonijiet li jistgħu jagħtu lok għal effetti mhux ikkoordinati sinjifikattivi u, konsegwentement, jippreġudikaw b'mod sinjifikattiv kompetizzjoni effettiva. Fil-fatt, fil-każ kuntrarju, l-effikaċja sħiħa tal-Artikolu 2(2) u (3) tar-Regolament Nru 139/2004 u, b'mod partikolari, l-effettività ta' dawn id-dispożizzjonijiet tista' tiġi kkontestata.
- 162 F'dan ir-rigward, il-fatt li parti f'konċentrazzjoni f'suq oligopolistiku ma tiddevjax mill-kompetituri tagħha meta tkun "partikolarment aggressiva" f'termini ta' prezz ma jimplikax li konċentrazzjoni li fiha tkun parti tali impriża ma tistax tbiddel id-dinamika tal-kompetizzjoni b'mod sinjifikattiv u dannuż. Fil-fatt, huwa stabbilit li l-kontroll tal-konċentrazzjonijiet huwa intiż preċiżament sabiex jiġi eżaminat kif konċentrazzjoni tista' tbiddel il-fatturi li jiddeterminaw l-istat tal-kompetizzjoni f'suq partikolari sabiex jiġi vverifikat jekk jirriżultax tfixkil sinjifikattiv għal kompetizzjoni effettiva, mingħajr ma jkun determinanti f'dan ir-rigward li impriża li taqa' taħt l-imsemmija konċentrazzjoni tkun impriża "partikolarment aggressiva" f'dan is-suq.

- 163 Barra minn hekk, kif jikkonferma, essenzjalment, il-punt 38 tal-Linji Gwida dwar il-konċentrazzjonijiet orizzontali, ma jistax jiġi eskluż li, f'suq oligopolistiku partikolari, diversi impriżi jistgħu jiġu kklassifikati bħala “mutur importanti tal-kompetizzjoni”.
- 164 Barra minn hekk, għandu jtifakkur li l-prassi deċiżjonali preċedenti tal-Kummissjoni ma sservix bħala qafas legali applikabbli fil-qasam tal-kontroll tal-konċentrazzjonijiet u għandha biss natura indikattiva (ara, b'analoġija, is-sentenza tal-24 ta' Settembru 2009, Erste Group Bank *et vs* Il-Kummissjoni, C-125/07 P, C-133/07 P, C-135/07 P u C-137/07 P, EU:C:2009:576, punt 233 kif ukoll il-ġurisprudenza ċċitata). Għalhekk, il-fatt li l-Kummissjoni, f'deċiżjonijiet preċedenti, ikklassifikat bħala “mutur importanti tal-kompetizzjoni” ċerti impriżi li kienu uniċi fl-“aggressività” tagħhom fis-suq ikkonċernat u kienu żiedu l-preżenza tagħhom f'dan is-suq b'mod iktar mgħaġġel minn kull kompetitur ieħor, ma jimplikax li huma l-uniċi każijiet li jistgħu jagħtu lok għal tali klassifikazzjoni.
- 165 Fl-aħħar nett, il-prezz spiss ma jikkostitwixx l-uniku parametru importanti għall-evalwazzjoni tad-dinamika kompetittiva, b'mod partikolari, fi swieq ta' prodotti differenzjati li fihom il-kwalità u l-innovazzjoni jista' jkollhom rwol ewlieni fil-pożizzjonament tal-prodotti kkonċernati. Għaldaqstant, huwa neċessarjament inkomplet approċċ esklużivament iċċentrat fuq il-prezzijiet għall-finijiet tal-klassifikazzjoni ta' impriża bħala “mutur importanti tal-kompetizzjoni”.
- 166 Konsegwentement, il-kunċett ta' “mutur importanti tal-kompetizzjoni” ma jistax jiġi applikat esklużivament għal impriżi li jikkompetu b'mod partikolarment aggressiv fir-rigward tal-prezzijiet u li jġiegħlu lill-kompetituri tagħhom fis-suq jallinjaw ruħhom mal-prezzijiet tagħhom jew ma' impriżi li l-politika tal-prezzijiet tagħhom tista' tbiddel b'mod sinjifikattiv id-dinamika kompetittiva fis-suq ikkonċernat.
- 167 F'dawn iċ-ċirkustanzi, għandu jiġi kkunsidrat li, sabiex impriża tiġi kklassifikata bħala “mutur importanti tal-kompetizzjoni”, huwa biżżejjed, kif ġie espost fil-punt 37 tal-Linji Gwida dwar il-konċentrazzjonijiet orizzontali, li hija għandha rwol iktar importanti fil-kompetizzjoni milli jħallu li jiġi preżunt is-sehem tagħha tas-suq jew kull indikatur ieħor simili.
- 168 Għalhekk, f'dan il-każ, billi qieset, fil-punti 170 u 216 tas-sentenza appellata, li, sabiex Three tiġi kklassifikata bħala “mutur importanti tal-kompetizzjoni”, il-Kummissjoni għandha turi li din l-impriża kienet tikkompeti b'mod partikolarment aggressiv f'termini ta' prezz u li hija kienet ġġiegħel lill-atturi l-oħra fis-suq jallinjaw ruħhom mal-prezzijiet tagħha jew li l-politika tal-prezzijiet tagħha setgħet tbiddel, b'mod sinjifikattiv, id-dinamika kompetittiva fis-suq, il-Qorti Ġenerali wettqet żball ta' liġi.
- 169 Fid-dawl tal-konstatazzjonijiet magħmula fil-punti 151 u 168 ta' din is-sentenza, it-tieni parti tat-tielet aggravju għandha tintlaq.

Fuq it-tielet parti

– L-argumenti tal-partijiet

- 170 Permezz tat-tielet parti tat-tielet aggravju tagħha, il-Kummissjoni tinvoka żewġ ilmenti.

- 171 Permezz tal-ewwel ilment tagħha, il-Kummissjoni ssostni li, peress li imponiet fuqha, fil-punt 242 tas-sentenza appellata, li turi li l-partijiet fil-konċentrazzjoni ma humiex “kompetituri mill-qrib”, iżda “kompetituri partikolarment qrib”, il-Qorti Ġenerali imponiet rekwiżit eċċessiv f’dak li jirrigwarda l-evalwazzjoni tal-prossimità tar-relazzjoni ta’ kompetizzjoni bejn l-imsemmija partijiet.
- 172 Skont il-Kummissjoni, il-Qorti Ġenerali ppreżumiet b’mod żbaljat, fil-punt 247 tas-sentenza appellata, li f’suq oligopolistiku bħal dak tat-telekomunikazzjonijiet mobbli fir-Renju Unit, li għandu erba’ operaturi ta’ network mobbli, dawn l-operaturi kollha huma, bħala definizzjoni, kompetituri ftit jew wisq qrib.
- 173 Issa, f’dan ir-rigward, il-Kummissjoni tenfasizza li kull suq għandu dinamika li hija tiegħu. Għalhekk, f’suq oligopolistiku kkaratterizzat minn offerta ta’ prodotti differenzjati, huwa possibbli li l-prodotti offruti minn żewġ impriżi ta’ dan is-suq ikollhom grad ta’ sostitwibbiltà relattivament baxx jew ikunu diretti kważi esklużivament lejn partijiet differenti tas-suq. Għaldaqstant, dawn iż-żewġ impriżi ma jistgħux jiġu kkunsidrati bħala kompetituri mill-qrib. Għaldaqstant, fil-każ ta’ konċentrazzjoni bejniethom, il-Kummissjoni ma tistax tibbaża ruħha fuq il-prossimità tal-kompetizzjoni bħala fattur rilevanti sabiex tikkonkludi li jeżisti tfixkil sinjifikattiv għal kompetizzjoni effettiva. Għall-kuntrarju, skont il-Kummissjoni, jekk dawn iż-żewġ impriżi huma f’kompetizzjoni mill-qrib fl-istess partijiet ta’ dan is-suq oligopolistiku, u għalhekk juru li “r-rivalità [bejniethom] kienet sors importanti ta’ kompetizzjoni fis-suq” fis-sens tal-punt 28 tal-Linji Gwida dwar il-konċentrazzjonijiet orizzontali, il-Kummissjoni ma tistax tkun obbligata turi li l-partijiet fil-konċentrazzjoni huma l-“eqreb kompetituri” jew “kompetituri partikolarment qrib”.
- 174 Permezz tat-tieni lment tagħha, il-Kummissjoni tikkritika lill-Qorti Ġenerali li żnaturat id-Deċiżjoni kontenzjuża billi qieset, b’mod partikolari, fil-punt 249 tas-sentenza appellata, li hija kienet ibbażat ruħha fuq il-premessa li l-prossimità tal-kompetizzjoni bejn Three u O2 kienet suffiċjenti sabiex jiġi kkunsidrat li l-konċentrazzjoni ppjanata kienet ser tagħti lok għal tfixkil sinjifikattiv għal kompetizzjoni effettiva. Fil-fatt, kif irrilevat il-Qorti Ġenerali fil-punt 227 tas-sentenza appellata, il-prossimità tal-kompetizzjoni bejn Three u O2 hija biss wieħed mill-fatturi użati fid-Deċiżjoni kontenzjuża sabiex jiġi konkluż li l-konċentrazzjoni ppjanata tagħti lok għal effetti mhux ikkoordinati.
- 175 CK Telecoms tirribatti li l-ewwel ilment tal-Kummissjoni huwa bbażat fuq qari iżolat u żbaljat tas-sentenza appellata. Fil-fatt, il-Qorti Ġenerali ħadet debitament inkunsiderazzjoni l-Linji Gwida dwar il-konċentrazzjonijiet orizzontali u l-fatt li l-prossimità tal-kompetizzjoni bejn Three u O2 hija fattur importanti f’dan il-każ.
- 176 Madankollu, dawn il-linji gwida ma jiddeterminawx bi preċiżjoni l-grad ta’ prossimità neċessarju sabiex l-impriżi kkonċernati jiġu kklassifikati bħala “kompetituri mill-qrib”.
- 177 Barra minn hekk, il-Kummissjoni ma applikatx fid-Deċiżjoni kontenzjuża l-kriterji stabbiliti fl-imsemmija linji gwida sabiex teżamina l-prossimità tal-kompetizzjoni bejn Three u O2.
- 178 Skont CK Telecoms, ir-rekwiżit ta’ prossimità “partikolari” huwa konformi mal-kriterju ġenerali ta’ projbizzjoni ta’ tfixkil sinjifikattiv għal kompetizzjoni effettiva. Huwa biss livell partikolari ta’ prossimità tal-kompetizzjoni li jista’ jikkostitwixxi l-prova ta’ tali tfixkil.

179 Fir-rigward tat-tieni lment, CK Telecoms tqis li l-Qorti Ġenerali ma żnaturatx id-Deċiżjoni kontenzjuża fil-punt 249 tas-sentenza appellata.

– *Il-kunsiderazzjonijiet tal-Qorti tal-Ġustizzja*

180 Fir-rigward tal-ewwel ilment, ibbażat fuq il-fatt li l-Qorti Ġenerali eżiġiet b'mod żbaljat mill-Kummissjoni, b'mod partikolari, fil-punt 242 tas-sentenza appellata, li turi li, f'dan il-każ, il-partijiet fil-konċentrazzjoni huma “kompetituri partikolarment qrib”, għandu jiġi rrilevat li l-evalwazzjoni tal-Qorti Ġenerali dwar il-livell ta' prossimità tal-kompetizzjoni bejn il-partijiet fil-konċentrazzjoni tagħmel parti mill-eżami tal-ewwel teorija tad-dannu, imressqa mill-Kummissjoni fid-Deċiżjoni kontenzjuża, dwar l-effetti mhux ikkoordinati fis-suq bl-imnut.

181 Fil-punt 128 tas-sentenza appellata, il-Qorti Ġenerali osservat li, fil-kuntest ta' din it-teorija, il-Kummissjoni bbażat ruħha fuq ir-restrizzjoni kompetittiva qawwija eżerċitata minn Three u O2, fuq il-prossimità tal-kompetizzjoni bejn dawn iż-żewġ impriżi, fuq il-partijiet tagħhom tas-suq u fuq l-inċentivi għall-entità li tirriżulta mill-konċentrazzjoni ppjanata li żżid il-prezzijiet kif ukoll fuq il-kapaċità ta' kompetizzjoni tal-kompetituri tagħha, sabiex tikkonkludi, fil-premessa 1226 tad-Deċiżjoni kontenzjuża, li l-konċentrazzjoni “tista' tipproduċi effetti antikompetittivi mhux ikkoordinati fis-suq tal-bejgħ bl-imnut”.

182 F'dan il-kuntest, il-Qorti Ġenerali, l-ewwel nett, ikkonstatat, fil-punt 234 tas-sentenza appellata, li l-kunċett ta' “kompetitur mill-qrib” ma jinsabx fir-Regolament Nru 139/2004, iżda biss fil-Linji Gwida dwar il-konċentrazzjonijiet orizzontali.

183 Madankollu, fil-punti 235 u 241 ta' dik is-sentenza, il-Qorti Ġenerali qieset, essenzjalment, li l-applikabbiltà tal-Artikolu 2(3) tar-Regolament Nru 139/2004, moqri fid-dawl tal-premessa 25 ta' dan ir-regolament, teħtieġ l-eliminazzjoni tar-restrizzjonijiet kompetittivi qawwija li l-partijiet fil-konċentrazzjoni kienu jeżerċitaw fuq xulxin, li jikkostitwixxi l-effett unilaterali l-iktar dirett ta' konċentrazzjoni f'suq oligopolistiku.

184 Fil-punti 242, 247 u 249 tal-imsemmija sentenza, il-Qorti Ġenerali essenzjalment qieset li l-Kummissjoni kellha turi, fir-rigward ta' suq oligopolistiku li fih l-operaturi kollha, bħala definizzjoni, huma xi ftit jew wisq qrib, mhux li dawn il-partijiet kienu jikkostitwixxu kompetituri mill-qrib, iżda kompetituri “partikolarment qrib”.

185 Fl-aħħar nett, fil-punti 249 u 250 tas-sentenza appellata, il-Qorti Ġenerali laqgħet l-argument ta' CK Telecoms relatat mas-saħħa probatorja dgħajfa tal-analiżi tal-prossimità tar-relazzjoni ta' kompetizzjoni bejn Three u O2. Il-Qorti Ġenerali mmotivat din il-pożizzjoni bil-fatt li Three u O2 kienu biss kompetituri relattivament qrib f'parti mis-setturi ta' suq ikkonċentrat li jinkludi erba' operaturi ta' network mobbli. Issa, skont din il-qorti, dan l-element waħdu ma huwiex biżżejjed sabiex jipprova, f'dan il-każ, l-eliminazzjoni tar-restrizzjonijiet kompetittivi qawwija li l-partijiet fil-konċentrazzjoni ppjanata kienu jeżerċitaw fuq xulxin u sabiex jiġi stabbilit tfixkil sinjifikattiv għal kompetizzjoni effettiva, sakemm ma tiġix ipprojbata, bħala prinċipju, kull konċentrazzjoni li tirriżulta minn bidla minn erba' operaturi għal tlieta.

186 F'dan ir-rigward, kif ġie mfakkar fil-punt 159 ta' din is-sentenza, l-iktar effett dirett ta' konċentrazzjoni f'suq oligopolistiku ser ikun l-eliminazzjoni tal-kompetizzjoni bejn il-partijiet fil-konċentrazzjoni.

- 187 Issa, kif jikkonfermaw il-punti 26 u 28 sa 30 tal-Linji Gwida dwar il-konċentrazzjonijiet orizzontali, għalkemm il-prossimità tal-kompetizzjoni bejn il-partijiet f'konċentrazzjoni hija indizju importanti sabiex tiġi evalwata l-eliminazzjoni eventwali tar-restrizzjonijiet kompetittivi qawwija eżerċitati bejn dawn il-partijiet, din il-prossimità hija biss wieħed mill-fatturi li jippermettu li tiġi evalwata l-probabbiltà li konċentrazzjoni jkollha effetti mhux ikkoordinati sinjifikattivi.
- 188 F'dan ir-rigward, il-Kummissjoni ġustament indikat, fil-punt 28 tal-Linji Gwida dwar il-konċentrazzjonijiet orizzontali, li, fl-istess suq inkwistjoni, il-prodotti jistgħu jiġu ddifferenzjati b'tali mod li ċerti prodotti huma sostituti eqreb minn oħrajn u, li iktar ma jkun għoli l-grad ta' sostitwibbiltà bejn il-prodotti tal-partijiet f'konċentrazzjoni, iktar ikun probabbli li dawn iżidu b'mod sinjifikattiv il-prezzijiet tagħhom wara l-konċentrazzjoni. Għaldaqstant, kif l-Avukata Ġenerali rrilevat, essenzjalment, fil-punt 121 tal-konklużjonijiet tagħha, livell ta' prossimità tal-kompetizzjoni oġġla bejn il-partijiet f'konċentrazzjoni jista' jikkostitwixxi indizju li huwa iktar probabbli milli improbabli li din tfixkel b'mod sinjifikattiv kompetizzjoni effettiva fis-suq intern jew f'parti sinjifikattiva minnu, filwaqt li livell inqas ta' prossimità tal-kompetizzjoni bejn dawn il-partijiet jista' jikkostitwixxi indizju fis-sens kuntrarju.
- 189 F'dan il-kuntest, ir-reqwiżit, għall-finijiet tal-evalwazzjoni tal-prossimità tal-kompetizzjoni bejn il-partijiet f'konċentrazzjoni, li dawn ikunu kompetituri "partikolarment qrib" jimplika l-eżistenza ta' livell għoli ħafna ta' sostitwibbiltà bejn il-prodotti tal-imsemmija partijiet f'suq ta' prodotti differenti. Issa, tali livell ta' sostitwibbiltà ma huwiex neċessarjament meħtieġ. Fil-fatt, anki meta s-sostitwibbiltà bejn il-prodotti tal-partijiet fil-konċentrazzjoni ma hijiex partikolarment għolja, jista' jkun hemm livell inqas ta' sostitwibbiltà bejn il-prodotti ta' dawn il-partijiet u dawk tal-impriżi li ma humiex parti fil-konċentrazzjoni, li jista' jħeġġeġ lill-partijiet għall-imsemmija konċentrazzjoni sabiex iżidu l-prezzijiet tal-prodotti tagħhom.
- 190 Barra minn hekk, kif jistabbilixxi, essenzjalment, il-punt 28 tal-Linji Gwida dwar il-konċentrazzjonijiet orizzontali, l-eżistenza, qabel il-konċentrazzjoni, ta' marġnijiet għoljin tista' wkoll tagħmel iktar probabbli iżidiet fil-prezzijiet sinjifikattivi wara l-konċentrazzjoni. Issa, dawn il-marġni jistgħu jindikaw ukoll li l-partijiet fil-konċentrazzjoni kkonċernata ma humiex l-eqreb kompetituri u lanqas kompetituri partikolarment qrib.
- 191 Għaldaqstant, ma jistax jiġi konkluż li konċentrazzjoni biss bejn kompetituri li huma partikolarment qrib tista' tfixkel b'mod sinjifikattiv kompetizzjoni effettiva fis-suq ikkonċernat.
- 192 Għaldaqstant, peress li imponiet fuq il-Kummissjoni, b'mod partikolari fil-punti 242 u 247 tas-sentenza appellata, li turi li l-partijiet fil-konċentrazzjoni ma humiex kompetituri mill-qrib iżda kompetituri "partikolarment qrib", il-Qorti Ġenerali wettqet żball ta' liġi.
- 193 Minn dan isegwi li l-ewwel ilment tat-tielet parti tat-tielet aggravju għandu jintlaqa'.
- 194 Permezz tat-tieni lment, il-Kummissjoni, permezz tiegħu, tikkritika lill-Qorti Ġenerali li żnaturat id-Deċiżjoni kontenzjuża billi qieset, b'mod partikolari fil-punt 249 tas-sentenza appellata, li f'din id-deċiżjoni, hija kienet telqet mill-premessa li l-prossimità tal-kompetizzjoni bejn Three u O2 fis-suq oligopolistiku inkwistjoni kienet suffiċjenti, waħedha, sabiex jiġi kkunsidrat li l-konċentrazzjoni kienet ser tagħti lok għal tfixkil sinjifikattiv għal kompetizzjoni effettiva.

- 195 F'dan ir-rigward, għandu jiġi rrilevat li, fl-imsemmi punt 249, il-Qorti Ġenerali ddeċidiet li “[għ]alkemm jista’, ċertament, jiġi stabbilit li Three u O2 huma kompetituri relattivament qrib f’parti mis-setturi ta’ suq ikkonċentrat b’erba’ operaturi ta’ network mobbli, dan l-element waħdu ma huwiex biżżejjed sabiex jagħti prova, f’dan il-każ, tal-eliminazzjoni tar-restrizzjonijiet kompetittivi qawwija li l-partijiet fil-konċentrazzjoni kienu jeżerċitaw fuq xulxin u ma huwiex biżżejjed sabiex jiġi stabbilit tfixkil sinjifikattiv għal kompetizzjoni effettiva, sakemm ma tiġix ipprojbata, bħala prinċipju, kull konċentrazzjoni li tirriżulta minn bidla minn erba’ operaturi għal tlieta”.
- 196 Kif issostni l-Kummissjoni, id-Deċiżjoni kontenzjuża ma tinkludi ebda element li jafferma li l-prossimità tal-kompetizzjoni bejn Three u O2 kienet suffiċjenti, waħedha, sabiex jiġi kkunsidrat li l-konċentrazzjoni ppjanata setgħet tagħti lok għal tfixkil sinjifikattiv għal kompetizzjoni effettiva. Għall-kuntrarju, kif tfakkar fil-punt 146 ta’ din is-sentenza, il-Kummissjoni rrilevat, fil-premessi 313 u 321 tad-Deċiżjoni kontenzjuża, li l-Linji Gwida dwar il-konċentrazzjonijiet orizzontali jistabbilixxu diversi fatturi, fosthom dak tal-prossimità tal-kompetizzjoni, rilevanti sabiex jiġi stabbilit jekk konċentrazzjoni tistax twassal għal effetti mhux ikkoordinati.
- 197 Għaldaqstant, it-tieni lment għandu jintlaqa’ u, konsegwentement, it-tielet parti tat-tielet aggravju għandu jintlaqa’ fl-intier tiegħu.
- 198 Għaldaqstant, it-tieni u t-tielet parti tat-tielet aggravju għandhom jintlaqgħu, mingħajr ma hemm bżonn li tiġi eżaminata r-raba’ parti tiegħu, ippreżentata sussidjarjament.

Fuq ir-raba’ aggravju

- 199 Ir-raba’ aggravju jinkludi żewġ partijiet. L-ewwel parti hija bbażata, minn naħa, fuq żnaturament tal-argument tal-Kummissjoni dwar l-analiżi kwantitattiva tagħha tal-effetti tal-konċentrazzjoni ppjanata fuq il-prezzijiet u, min-naħa l-oħra, fuq il-fatt li l-Qorti Ġenerali kkunsidrat b’mod żbaljat li, f’dan il-każ, iż-żieda fil-prezzijiet ma kinitx sinjifikattiva. It-tieni parti hija bbażata fuq il-fatt li l-Qorti Ġenerali imponiet b’mod żbaljat fuq il-Kummissjoni li tinkludi, fl-analiżi tagħha, żieda fl-effikaċja msejħa “standard”.

Fuq l-ewwel parti

– L-argumenti tal-partijiet

- 200 Permezz tal-ewwel parti tar-raba’ aggravju tagħha, il-Kummissjoni tinvoka żewġ ilmenti.
- 201 Permezz tal-ewwel ilment tagħha, il-Kummissjoni tikkritika lill-Qorti Ġenerali li żnaturat in-noti tagħha meta kkunsidrat, fil-punt 273 tas-sentenza appellata, li kien stabbilit li ż-żieda fil-prezzijiet li tista’ tirriżulta mill-konċentrazzjoni ppjanata hija ta’ [kunfidenzjali]¹ %, filwaqt li jirriżulta kemm mill-punt 157 tar-risposta kif ukoll mill-punt 61 tal-kontrorreplica, li din l-istituzzjoni kkontestat dan l-ammont quddiem il-Qorti Ġenerali. Fil-fatt, minn dawn il-punti jirriżulta b’mod ċar li l-Kummissjoni kkontestat iċ-ċifri mressqa minn CK Telecoms u sostniet, quddiem il-Qorti Ġenerali, li din iż-żieda fil-prezzijiet kienet ta’ [kunfidenzjali] %.

¹ Data kunfidenzjali redatta.

- 202 Permezz tat-tieni lment tagħha, il-Kummissjoni tikkritika lill-Qorti Ġenerali li wettqet żball ta' liġi, fil-punt 273 tas-sentenza appellata, peress li tat x'tifhem li ż-żieda fil-prezzijiet li tista' tirriżulta mill-konċentrazzjoni ppjanata ma kinitx sinjifikattiva għaliex kienet inqas minn dawk li kienu ġew mistennija f'ċerti deċiżjonijiet preċedenti li jawtorizzaw, taħt ċerti kundizzjonijiet, konċentrazzjonijiet.
- 203 F'dan ir-rigward, il-Kummissjoni ssostni li l-Qorti Ġenerali ma kellhiex tipparaguna l-konċentrazzjoni ppjanata ma' dawk li taw lok, minn naħa, għad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni C(2014) 3561 final tat-28 ta' Mejju 2014 li tiddikjara konċentrazzjoni kompatibbli mas-suq intern u mal-Ftehim taż-ŻEE (Il-Każ M.6992 – Hutchison 3G UK/Telefónica Ireland) ippubblikata fil-forma ta' sommarju f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* tat-13 ta' Awwissu 2014 (ĠU 2014, C 264, p. 6, iktar 'il quddiem il-“każ Irlandiż”) u, min-naħa l-oħra, għad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni C(2014) 4443 final tat-2 ta' Lulju 2014 li tiddikjara konċentrazzjoni kompatibbli mas-suq intern u t-tħaddim tal-Ftehim ŻEE (Il-Każ M.7018 – Telefónica Deutschland/E-Plus) ippubblikata fil-forma ta' sommarju f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* tat-13 ta' Marzu 2015 (ĠU 2015, C 86, p. 10, iktar 'il quddiem il-“każ Ġermaniż”). Il-paragun li għamlet il-Qorti Ġenerali huwa bbażat fuq qari manifestament żbaljat tad-deċiżjonijiet tal-Kummissjoni f'dawn iż-żewġ każijiet. Fil-fatt, b'differenza minn din il-kawża, il-Kummissjoni awtorizzat il-konċentrazzjonijiet ikkonċernati mill-każ Irlandiż u mill-każ Ġermaniż, peress li l-partijiet fihom kienu pproponew miżuri korrettivi meqjusa bħala suffiċjenti sabiex jeliminaw tfixkil sinjifikattiv għal kompetizzjoni effettiva.
- 204 CK Telecoms tirribatti, fl-ewwel lok, li, permezz tal-ewwel parti tar-raba' aggravju, il-Kummissjoni tikkritika elementi ta' fatt u li, konsegwentement, l-imsemmija parti hija inammissibbli.
- 205 Fit-tieni lok, CK Telecoms issostni li l-ewwel parti tar-raba' aggravju hija ineffettiva. Fil-punti 264 sa 281 tas-sentenza appellata, il-Qorti Ġenerali wettqet evalwazzjoni li wasslitha sabiex tikkunsidra, fil-punt 282 ta' dik is-sentenza, li l-analiżi kwantitattiva mwettqa f'dan il-każ hija nieqsa minn saħħa probatorja, peress li l-Kummissjoni ma werietx li l-prezzijiet kienu ser isofru żieda sinjifikattiva wara l-eliminazzjoni tar-restrizzjonijiet kompetittivi qawwija li l-partijiet fil-konċentrazzjoni kienu jeżerċitaw fuq xulxin. CK Telecoms tippreċiża li, fil-punt 268 tas-sentenza appellata, il-Qorti Ġenerali ċaħdet il-valur probatorju tal-analiżi kwantitattiva tal-Kummissjoni, ħaġa li l-Kummissjoni ma tikkontestax.
- 206 Fit-tielet u l-aħħar lok, CK Telecoms issostni li l-Qorti Ġenerali ma wettqitx żball ta' liġi fl-evalwazzjoni tagħha tal-analiżi kwantitattiva tal-Kummissjoni. F'dan ir-rigward, hija ġġustifikat il-ħtieġa li jiġi ddefinit limitu li lil hinn minnu r-riżultat ta' din l-analiżi jista' jindika li konċentrazzjoni tista' twassal għal żidiet sinjifikattivi fil-prezzijiet.

– *Il-kunsiderazzjonijiet tal-Qorti tal-Ġustizzja*

- 207 Permezz tal-ewwel ilment tagħha, il-Kummissjoni ma tikkritikax elementi ta' fatt, iżda tinwoka l-iżnaturament tal-kontenut tan-noti tagħha fl-ewwel istanza. Għaldaqstant, dan l-ilment ma jistax jiġi miċħud bħala inammissibbli (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tad-29 ta' Novembru 2018, *Alcohol Countermeasure Systems (International) vs EUIPO*, C-340/17 P, EU:C:2018:965, punt 39).

- 208 Fir-rigward tal-ammissibbiltà tat-tieni lment, huwa biżżejjed li jiġi kkonstatat li, permezz tiegħu, il-Kummissjoni tqajjem kwistjoni ta' liġi sa fejn hija tikkritika lill-Qorti Ġenerali talli pparagunat, b'mod żbaljat, iż-żieda fil-prezzijiet li tista' tirriżulta mill-konċentrazzjoni ppjanata, ma' daww identifikati fil-każijiet Irlandiżi u Ġermaniżi li fihom il-Kummissjoni awtorizzat il-konċentrazzjonijiet inkwistjoni bil-kundizzjoni li jiġu osservati ċerti kundizzjonijiet. L-imsemmi lment huwa għalhekk ammissibbli.
- 209 Fir-rigward tan-natura effettiva tal-ewwel parti tar-raba' aggravju, il-Qorti Ġenerali ċertament ikkunsidrat, fil-punt 268 tas-sentenza appellata, li l-analiżi kwantitattiva ma hijiex prova determinanti sabiex tintwera l-eżistenza eventwali ta' tfixkil sinjifikattiv għal kompetizzjoni effettiva. Madankollu, hija ma ddeċidiex li din l-analiżi kienet, bħala prinċipju, nieqsa minn saħħa probatorja. Fil-fatt, il-Qorti Ġenerali kkonstatat li din l-analiżi ma kinitx suffiċjenti sabiex turi tfixkil sinjifikattiv għal kompetizzjoni effettiva.
- 210 Issa, sabiex tasal għall-konstatazzjoni li tinsab fil-punt 282 tas-sentenza appellata, li tgħid li l-Kummissjoni ma werietx li l-prezzijiet kienu ser isofru żieda sinjifikattiva wara l-konċentrazzjoni ppjanata, il-Qorti Ġenerali qieset, fl-ewwel lok, fil-punt 273 ta' din is-sentenza, li, f'din il-kawża, iż-żieda fil-prezzijiet li tista' tirriżulta minn din il-konċentrazzjoni hija ta' [kunfidenzjali] % u li din iċ-ċifra ma kinitx ġiet ikkontestata mill-Kummissjoni. Fit-tieni lok, sabiex jiġi vverifikat jekk din iż-żieda tistax tiġi kklassifikata bħala sinjifikattiva, il-Qorti Ġenerali pparagunatha maż-żidiet fil-prezzijiet mistennija fil-każijiet Irlandiżi u Ġermaniżi, li kienu ta' 6.6 % u ta' 9.5 %, rispettivament. Issa, il-Qorti Ġenerali kkonstatat li, f'dawn il-każijiet, il-Kummissjoni awtorizzat il-konċentrazzjonijiet ikkonċernati bil-kundizzjoni li jiġu osservati ċerti kundizzjonijiet.
- 211 Għaldaqstant, hemm lok li jiġi kkunsidrat li l-Kummissjoni tista' utilment tikkritika lill-Qorti Ġenerali, minn naħa, li żnaturat l-argument tagħha dwar il-valur eżatt taż-żieda fil-prezzijiet li tista' tirriżulta mill-konċentrazzjoni ppjanata u, min-naħa l-oħra, li pparagunat b'mod żbaljat il-każ inkwistjoni ma' deċizzjonijiet preċedenti tal-Kummissjoni f'każijiet oħra ta' konċentrazzjoni. Fil-fatt, dawn il-kritiki ma jstgħux jiġu miċħuda bħala ineffettivi peress li, kif irrilevat l-Avukata Ġenerali fil-punt 141 tal-konklużjonijiet tagħha, kull wieħed minn dawn l-argumenti jista' jaffettwa l-konstatazzjoni tal-Qorti Ġenerali li tinsab fil-punt 282 tas-sentenza appellata. Għaldaqstant, l-argument ta' CK Telecoms li l-ewwel parti tar-raba' aggravju hija ineffettiva u li tiġi eżaminata l-fondatezza ta' din il-parti għandu jiġi miċħud.
- 212 F'dan ir-rigward, fir-rigward tal-ewwel ilment ta' din il-parti, ibbażat fuq il-fatt li, fil-punt 273 tas-sentenza appellata, il-Qorti Ġenerali żnaturat l-argumenti tal-Kummissjoni li jinsabu fil-punt 157 tar-risposta tagħha u fil-punt 61 tal-kontroreplika tagħha, għandu jitfakkar li, meta jallega żnaturament tal-argumenti tiegħu stess, appellant għandu, skont l-Artikolu 256 TFUE, l-ewwel paragrafu tal-Artikolu 58 tal-Istatut tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea u l-Artikolu 168(1)(d) tar-Regoli tal-Proċedura tal-Qorti tal-Ġustizzja, jindika b'mod preċiż l-elementi li allegatament ġew żnaturati minnha u juri l-iżbalji ta' analiżi li, fl-evalwazzjoni tagħha, wasslu lill-Qorti Ġenerali għal dan l-iżnaturament (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tal-1 ta' Lulju 2010, Knauf Gips vs Il-Kummissjoni, C-407/08 P, EU:C:2010:389, punt 31 u l-ġurisprudenza ċċitata).

- 213 F'dan il-każ, mill-punt 273 tas-sentenza appellata jirriżulta li l-Qorti Ġenerali kkonstatat li, “f'din il-kawża, iż-żieda fil-prezzijiet prevista ma hijiex, skont ir-rikorrenti, kontradetta fuq dan il-punt mill-Kummissjoni, ta' [kunfidenzjali], filwaqt li żieda fil-prezzijiet prevista ta' 6.6 % fil-Każ Irlandiż u ta' 9.5 % fil-Każ Ġermaniż ma pprekludietx lill-Kummissjoni milli tawtorizza dawn il-konċentrazzjonijiet bil-kundizzjoni li jiġu osservati ċerti kundizzjonijiet”.
- 214 Issa, mill-punt 157 tar-risposta tal-Kummissjoni jirriżulta b'mod ċar li din kienet effettivament ikkontestat fl-ewwel istanza ċ-ċifra proposta minn CK Telecoms u kienet sostniet li, f'dan il-każ, iż-żieda fil-prezz li setgħet tirriżulta mill-konċentrazzjoni pjanata kienet ta' [kunfidenzjali] %. Din il-konstatazzjoni hija kkorroborata wkoll mill-punti 159 u 160 ta' din in-nota kif ukoll mill-punt 61 tal-kontroreplika tal-Kummissjoni.
- 215 Għaldaqstant, mill-atti tal-proċess jirriżulta li l-Qorti Ġenerali, fil-punt 273 tas-sentenza appellata, żnaturat is-sottomissjonijiet bil-miktub tal-Kummissjoni fl-ewwel istanza.
- 216 Għaldaqstant, l-ewwel ilment tal-ewwel parti tar-raba' aggravju għandu jintlaqa'.
- 217 Fir-rigward tat-tieni lment tal-ewwel parti tar-raba' aggravju, ibbażat fuq il-fatt li l-Qorti Ġenerali pparagunat b'mod żbaljat il-kawża preżenti mal-każijiet Irlandiżi u Ġermaniżi u, konsegwentement, ikkunsidrat, b'mod żbaljat, fil-punt 273 tas-sentenza appellata, li ż-żieda fil-prezzijiet li tista' tirriżulta mill-konċentrazzjoni pjanata, ta' [kunfidenzjali] %, ma kinitx sinjifikattiva peress li kienet inqas minn dawk mistennija fil-każijiet Irlandiżi u Ġermaniżi, għandu, minn naħa, jiġi rrilevat li din l-evalwazzjoni tal-Qorti Ġenerali hija bbażata, kif jirriżulta mill-punt 215 ta' din is-sentenza, fuq l-iżnaturament mill-Qorti Ġenerali tar-risposta tal-Kummissjoni dwar il-valur eżatt ta' din iż-żieda fil-prezzijiet.
- 218 Min-naħa l-oħra, kif l-Avukata Ġenerali rrilevat, essenzjalment, fil-punt 147 tal-konklużjonijiet tagħha, il-każijiet Irlandiżi u Ġermaniżi ma kinux paragonabbli ma' din il-kawża fuq punt essenzjali, peress li, b'differenza minn din tal-aħħar, il-partijiet għall-konċentrazzjonijiet inkwistjoni f'dawn l-ewwel kawżi kienu offrew impenji li tqiesu li kienu suffiċjenti sabiex jiġi eskluż it-tħassib dwar il-kompetizzjoni tal-Kummissjoni.
- 219 Fi kwalunkwe każ, kif ġie rrilevat fil-punt 164 ta' din is-sentenza, il-prassi deċiżjonali preċedenti tal-Kummissjoni ma sservix bħala qafas legali applikabbli fil-qasam tal-kontroll tal-konċentrazzjonijiet u hija biss indikattiva.
- 220 Għaldaqstant, il-Qorti Ġenerali wettqet żball ta' liġi meta, fil-punt 273 tas-sentenza appellata, hija kkunsidrat li ż-żieda fil-prezzijiet ta' [kunfidenzjali] % li tista' tirriżulta mill-konċentrazzjoni ma kinitx sinjifikattiva għaliex kienet inferjuri għal dawk mistennija fil-każijiet Irlandiżi u Ġermaniżi.
- 221 Minn dan isegwi li t-tieni lment tal-ewwel parti tar-raba' aggravju għandu jintlaqa'.
- 222 Fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet preċedenti kollha, l-ewwel parti tar-raba' aggravju għandha tintlaqa' fl-intier tagħha.

Fuq it-tieni parti

– L-argumenti tal-partijiet

- 223 Permezz tat-tieni parti tar-raba' aggravju, il-Kummissjoni ssostni li l-Qorti Ġenerali kkunsidrat b'mod żbaljat, fil-punti 277 sa 279 tas-sentenza appellata, li hija kellha tinkludi fl-analiżi kwantitattiva tagħha ż-żieda fl-effikaċja "standard" li jkunu "proprji għal kull konċentrazzjoni".
- 224 Il-Kummissjoni tenfasizza li, skont il-premessa 29 tar-Regolament Nru 139/2004, huma l-impriżi kkonċernati li għandhom jipprovdu deskrizzjoni ta' kull żieda allegata fl-effikaċja, kif ukoll dokumenti ta' sostenn relatati magħhom.
- 225 Kuntrarjament għal dak li l-Qorti Ġenerali kkonstatat fil-punt 277 tas-sentenza appellata, il-leġiżlatur tal-Unjoni ma stabbilixxiex preżunzjoni li kull konċentrazzjoni tagħti neċessarjament lok għal żieda fl-effikaċja li sistematikament għandha tittieħed inkunsiderazzjoni fil-kuntest tal-analiżi kwantitattiva mwettqa mill-Kummissjoni. Fil-fatt, mill-punti 77 sa 87 tal-Linji Gwida dwar il-konċentrazzjonijiet orizzontali jirriżulta, essenzjalment, li ż-żieda fl-effikaċja għandha tkun ta' benefiċċju għall-konsumaturi, speċifiċi għall-konċentrazzjoni u verifikabbli.
- 226 Barra minn hekk, il-Kummissjoni tqis li r-Regolament Nru 139/2004 ma jagħmilx distinzjoni bejn tipi differenti ta' żieda fl-effikaċja.
- 227 Fi kwalunkwe każ, il-Kummissjoni ssostni li fl-analiżi kwantitattiva tagħha, hija ħadet inkunsiderazzjoni ż-żieda fl-effikaċja li tista' taqa' taħt il-kunċett ta' "żieda fl-effikaċja standard", adottata mill-Qorti Ġenerali fil-punt 277 tas-sentenza appellata, u eskludietha, minħabba li ma setgħetx taffettwa l-inċentivi fuq l-entità li tirriżulta mill-konċentrazzjoni pplanata sabiex iżżid il-prezzijiet.
- 228 CK Telecoms tirribatti, fl-ewwel lok, li l-argument tal-Kummissjoni huwa ineffettiv, il-konklużjoni tal-Qorti Ġenerali li l-analiżi kwantitattiva fid-Deċiżjoni kontenzjuża kienet żbaljata ma hijiex ibbażata esklużivament fuq il-konstatazzjoni li l-Kummissjoni ma kinitx ħadet debitament inkunsiderazzjoni ż-żieda fl-effikaċja ġġenerata mill-konċentrazzjoni pplanata.
- 229 Fit-tieni lok, CK Telecoms issostni, qabel kollox, li l-argument tal-Kummissjoni huwa bbażat fuq qari żbaljat tas-sentenza appellata. Fil-fatt, il-Qorti Ġenerali qieset, essenzjalment, li l-valur probatorju ta' analiżi kwantitattiva jitnaqqas jekk din ma tiħux inkunsiderazzjoni wkoll il-fatturi kumpensatorji, inklużi ż-żieda fl-effikaċja. Il-Qorti Ġenerali kkonkludiet li l-valur probatorju tal-analiżi kwantitattiva jiżdied jekk il-Kummissjoni tassumi ċertu livell ta' żieda fl-effikaċja li jista' jirriżulta mill-konċentrazzjoni pplanata.
- 230 Sussegwentement, skont CK Telecoms, l-evalwazzjoni tal-Qorti Ġenerali tirrispondi għan-natura tal-analiżi kwantitattiva, li għet ikkonċepita bl-għan li jiġu mkejla kemm l-effetti restrittivi kif ukoll l-effetti favur il-kompetizzjoni tal-konċentrazzjonijiet. Għaldaqstant, għandhom jittieħdu inkunsiderazzjoni ż-żieda fl-effikaċja pprovata jew preżunta.
- 231 Barra minn hekk, ir-Regolament Nru 139/2004 jieħu inkunsiderazzjoni l-fatt li l-konċentrazzjonijiet ġeneralment iwasslu għal effetti favur il-kompetizzjoni kif ukoll effetti antikompetittivi. Il-konstatazzjoni tal-Qorti Ġenerali li l-konklużjonijiet tal-analiżi kwantitattiva

tal-Kummissjoni għandhom valur probatorju limitat peress li din l-analiżi ma tiħux inkunsiderazzjoni ż-żieda fl-effikaċja “standard”, hija għalhekk konformi mal-prinċipji li fuqhom huwa bbażat dan ir-regolament.

232 Fl-aħħar nett, CK Telecoms issostni li, peress li l-Linji Gwida dwar il-konċentrazzjonijiet orizzontali ma jippreskrivux il-mod kif għandha ssir l-analiżi kwantitattiva tal-Kummissjoni, ma jistax jiġi kkunsidrat li l-konstatazzjonijiet tal-Qorti Ġenerali dwar il-valur probatorju ta’ din l-analiżi jmorru kontra dawn il-linji gwida.

– *Il-kunsiderazzjonijiet tal-Qorti tal-Ġustizzja*

233 Fir-rigward tan-natura effettiva tat-tieni parti tar-raba’ aggravju, mill-punt 279 tas-sentenza appellata jirriżulta, essenzjalment, li, skont il-Qorti Ġenerali, iż-żieda fl-effikaċja “standard” hija “proprij[a] għal kull konċentrazzjoni” u tikkostitwixxi “komponent ta’ mudell kwantitattiv intiż li jstabbilixxi jekk konċentrazzjoni tistax tipproduċi tali effetti restrittivi”.

234 Għalhekk, fid-dawl tal-importanza li l-Qorti Ġenerali tat lil din il-kategorija ta’ żieda fl-effikaċja għall-finijiet tal-analiżi kwantitattiva, għandu jiġi kkunsidrat li l-Kummissjoni tista’ tikkritika b’mod utli lill-Qorti Ġenerali talli imponiet fuqha, fil-punti 277 sa 279 tas-sentenza appellata, li tinkludi f’din l-analiżi ż-żieda fl-effikaċja “standard” li, skont il-Qorti Ġenerali, hija speċifika għal kull konċentrazzjoni.

235 L-argument ta’ CK Telecoms li t-tieni parti tar-raba’ aggravju hija ineffettiva għandu għaldaqstant jiġi miċħud.

236 Fir-rigward tal-fondatezza ta’ din il-parti, għandu jtifkakar li, fil-punt 277 tas-sentenza appellata, il-Qorti Ġenerali qieset li kull konċentrazzjoni twassal għal żieda fl-effikaċja li l-portata tagħha tiddependi wkoll mill-pressjoni kompetittiva esterna. Skont il-Qorti Ġenerali, din iż-żieda tirriżulta b’mod partikolari mir-razzjonalizzazzjoni u mill-integrazzjoni tal-proċess ta’ produzzjoni u ta’ distribuzzjoni mill-entità li tirriżulta mill-konċentrazzjoni, li jista’ jwassal lil din l-entità sabiex tnaqqas il-prezzijiet tagħha.

237 Fil-punti 278 u 279 ta’ dik is-sentenza, il-Qorti Ġenerali għamlet distinzjoni bejn żewġ tipi ta’ żieda fl-effikaċja, jiġifieri, minn naħa, dawk imsemmija fil-Linji Gwida dwar il-konċentrazzjonijiet orizzontali li l-eżistenza tagħhom għandha tintwera mill-parti li tikkomunika dan u li għandhom jittieħdu inkunsiderazzjoni fl-evalwazzjoni globali tal-kompetizzjoni tal-konċentrazzjoni, sabiex jiġi vverifikat jekk dawn jistgħux jikkontrobalanċjaw l-effetti restrittivi tal-konċentrazzjoni u, min-naħa l-oħra, dawk imsemmija fil-punt 277 ta’ dik is-sentenza, li huma speċifiċi għal kull konċentrazzjoni u li huma “komponent ta’ mudell kwantitattiv intiż li jstabbilixxi jekk konċentrazzjoni tistax tipproduċi tali effetti restrittivi”. Kif jirriżulta mill-punt 278 tas-sentenza appellata, il-Qorti Ġenerali kkunsidrat, essenzjalment, li l-Kummissjoni hija obbligata, fil-kuntest tal-analiżi kwantitattiva tagħha, li tieħu inkunsiderazzjoni *ex officio* din l-aħħar kategorija ta’ żieda fl-effikaċja “standard”.

238 Issa, mill-premessa 29 tar-Regolament Nru 139/2004 jirriżulta li sabiex jiġi ddeterminat l-effett ta’ konċentrazzjoni fuq l-istruttura tal-kompetizzjoni fis-suq intern, għandhom jittieħdu inkunsiderazzjoni ż-żieda fl-effikaċja probabbli murija mill-impriżi kkonċernati.

- 239 Mit-Taqsima 9 tal-Anness I tar-Regolament Nru 802/2004 jirriżulta wkoll li hija l-impriża kkonċernata li għandha tipprovdi deskrizzjoni ta' kull żieda allegata fl-effikaċja, kif ukoll dokumenti ta' sostenn.
- 240 Il-kriterji relatati mat-teħid inkunsiderazzjoni taż-żieda fl-effikaċja huma msemmija fil-punti 76 sa 88 tal-Linji Gwida dwar il-konċentrazzjonijiet orizzontali.
- 241 Għalhekk, għandu jiġi kkonstatat, kif irrilevat l-Avukata Ġenerali fil-punt 153 tal-konklużjonijiet tagħha, li la r-Regolament Nru 139/2004, la r-Regolament Nru 802/2004, u lanqas il-Linji Gwida dwar il-konċentrazzjonijiet orizzontali ma jirreferu għal kategorija ta' żieda fl-effikaċja "standard", bħal dik imsemmija fil-punti 277 sa 279 tas-sentenza appellata, jew ma jistabbilixxu preżunzjoni li kull konċentrazzjoni twassal għal tali żieda fl-effikaċja.
- 242 Ċertament, ċerti konċentrazzjonijiet jistgħu jwasslu għal żieda fl-effikaċja li huma partikolari għalihom. Madankollu, din il-possibbiltà bl-ebda mod ma timplika li l-konċentrazzjonijiet kollha jwasslu għal tali żieda fl-effikaċja. Fi kwalunkwe każ, huma l-partijiet li jikkomunikaw dawn il-konċentrazzjonijiet li għandhom juruhom sabiex il-Kummissjoni tkun tista' teħodhom inkunsiderazzjoni waqt il-kontroll tagħha.
- 243 Barra minn hekk, il-fatt li jiġi rrikonoxxut li kull konċentrazzjoni twassal għal żieda fl-effikaċja "standard" joħloq preżunzjoni, u konsegwentement inverżjoni tal-oneru tal-prova, għal kategorija partikolari ta' żieda fl-effikaċja, filwaqt li, kif jirriżulta mill-punti 238 u 239 ta' din is-sentenza, dan l-oneru jaqa' fuq l-impriżi.
- 244 Tali inverżjoni tal-oneru tal-prova tista' tnaqqas l-effettività tal-kontroll tal-konċentrazzjonijiet u, konsegwentement, tqiegħed inkwistjoni l-effett utli tal-Artikolu 2(2) u (3) tar-Regolament Nru 139/2004. Fil-fatt, l-għan ta' kontroll effettiv tal-konċentrazzjonijiet imfittex minn dan ir-regolament, kif imfakkar fil-punt 106 ta' din is-sentenza, b'mod partikolari dak li jiġi evitat, minn naħa, li jiġu pprojbiti konċentrazzjonijiet li ma jippreżentawx riskji ta' effetti antikompetittivi u, min-naħa l-oħra, li jiġu awtorizzati konċentrazzjonijiet li jippreġudikaw kompetizzjoni effettiva, huwa ggarantit, b'mod partikolari, mit-tqassim tal-oneru tal-prova fil-qasam tal-kontroll ta' konċentrazzjonijiet stabbilit mil-leġiżlatur tal-Unjoni.
- 245 L-inverżjoni tal-oneru tal-prova li timplika r-rikonoxximent ta' preżunzjoni li kull konċentrazzjoni twassal għal tali żieda fl-effikaċja tkun ta' dannu għal dan il-bilanċ.
- 246 F'dawn iċ-ċirkustanzi, għandu jiġi kkonstatat li l-Qorti Ġenerali wettqet żball ta' liġi meta kkunsidrat, fil-punti 277 sa 279 tas-sentenza appellata, li l-Kummissjoni kellha tinkludi fl-analiżi kwantitattiva tagħha ż-żieda fl-effikaċja "standard" speċifika għall-konċentrazzjonijiet kollha.
- 247 Fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet preċedenti kollha, it-tieni parti tar-raba' aggravju għandha tintlaqa' u, konsegwentement, ir-raba' aggravju fl-intier tiegħu.

Fuq il-ħames aggravju

L-argumenti tal-partijiet

- 248 Permezz tal-ħames aggravju tagħha, il-Kummissjoni tikkritika lill-Qorti Ġenerali talli ma analizzatx jekk il-fatturi rilevanti kollha kinux jippermettu li jiġi kkunsidrat li hija kien irnexxielha, f'dan il-każ, tistabbilixxi li l-konċentrazzjoni ppjanata twassal għal tfixkil sinjifikattiv għal kompetizzjoni effettiva. Il-Qorti Ġenerali llimitat b'mod żbaljat l-eżami tagħha għal ċerti fatturi li jsostnu l-ewwel teorija tad-dannu u għall-punt dwar jekk, meħuda separatament, dawn il-fatturi kinux suffiċjenti sabiex jiġi stabbilit tali tfixkil. B'dan il-mod, il-Qorti Ġenerali żnaturat id-Deċiżjoni kontenzjuża, issostitwixxiet l-evalwazzjoni ekonomika tagħha ma' dik tal-Kummissjoni, applikat b'mod żbaljat il-kriterji legali rilevanti u kisret l-obbligu ta' motivazzjoni tagħha.
- 249 Il-Kummissjoni ssostni, b'mod iktar preċiż, li l-Qorti Ġenerali eżaminat biss erbgħa mill-fatturi li jsostnu l-ewwel teorija tad-dannu mressqa fid-Deċiżjoni kontenzjuża. B'mod iktar partikolari, il-Qorti Ġenerali eżaminat id-daqs u l-evoluzzjoni tal-partijiet tas-suq, il-klassifikazzjoni ta' Three bħala "mutur importanti tal-kompetizzjoni", il-prossimità tal-kompetizzjoni bejn Three u O2 u l-analiżi kwantitattiva tal-effetti tal-konċentrazzjoni.
- 250 Peress li llimitat b'dan il-mod l-eżami tagħha u peress li annullat fuq din il-bażi biss id-Deċiżjoni kontenzjuża, il-Qorti Ġenerali ma evalwatx jekk dawn l-erba' fatturi, flimkien ma' fatturi u konstatazzjonijiet oħra li jinsabu fid-Deċiżjoni kontenzjuża, jippermettux li jiġi konkluż li l-konċentrazzjoni ppjanata tagħti lok għal tfixkil sinjifikattiv għal kompetizzjoni effettiva.
- 251 Fil-punti 149, 171 sa 173, 249 u 268 tas-sentenza appellata, il-Qorti Ġenerali eżaminat dawn l-erba' fatturi separatament sabiex tiddetermina jekk kull wieħed minnhom huwiex suffiċjenti, waħdu, sabiex jistabbilixxi tali tfixkil. Issa, il-Kummissjoni bl-ebda mod ma kkunsidrat fid-Deċiżjoni kontenzjuża li kull wieħed minn dawn il-fatturi, meħud separatament, kien biżżejjed sabiex jistabbilixxi tfixkil sinjifikattiv għal kompetizzjoni effettiva.
- 252 Barra minn hekk, mill-punt 26 tal-Linji Gwida dwar il-konċentrazzjonijiet orizzontali jirriżulta li, meħuda separatament, il-fatturi msemmija fil-punti 27 sa 38 ta' dawn il-linji gwida ma humiex neċessarjament determinanti.
- 253 CK Telecoms issostni, qabel kollox, li ma hijiex il-Qorti Ġenerali iżda l-Kummissjoni li għandha twettaq evalwazzjoni globali tal-fatturi rilevanti kollha li jistgħu jinfluwenzaw il-probabbiltà li l-konċentrazzjoni twassal għal effetti mhux ikkoordinati sinjifikattivi. Għalhekk, il-ħames aggravju huwa inammissibbli u ineffettiv, b'mod partikolari, peress li, permezz ta' dan l-aggravju, il-Kummissjoni titlob, essenzjalment, li jiġi kkunsidrat li l-Qorti Ġenerali għandha timla l-lakuni tad-Deċiżjoni kontenzjuża u teżamina mill-ġdid il-konċentrazzjoni ppjanata, li ma jkunx kompatibbli mal-portata tal-istħarriġ ġudizzjarju tagħha.
- 254 Imbagħad, CK Telecoms issostni li l-Qorti Ġenerali eżaminat il-fatturi rilevanti kollha dwar l-ewwel teorija tad-dannu msemmija fid-Deċiżjoni kontenzjuża. F'dan ir-rigward, hija tenfasizza li, fil-punt 139 tas-sentenza appellata, il-Qorti Ġenerali kkonstatat, għustament, li, waqt is-seduta għas-sottomissjonijiet orali, il-Kummissjoni ppreċiżat li din l-ewwel teorija kienet ibbażata essenzjalment fuq tliet fatturi, jiġifieri l-fatt li Three tikkostitwixxi "mutur importanti

tal-kompetizzjoni”, il-prossimità tal-kompetizzjoni bejn Three u O2 u l-analiżi kwantitattiva tal-effetti tal-konċentrazzjoni pjanata fuq il-prezzijiet. Skont CK Telecoms, kien għalhekk leġittimu u loġiku li l-Qorti Ġenerali tikkonċentra l-eżami tagħha fuq dawn l-elementi.

255 Fl-aħħar nett, il-Qorti Ġenerali ma qisix li kull wieħed mill-fatturi relatati mal-ewwel teorija tad-dannu tal-Kummissjoni, meħud separatament, kellu jkun biżżejjed sabiex jiġi stabbilit tfixkil sinjifikattiv għal kompetizzjoni effettiva. Fil-fatt, hija kkunsidrat li l-Kummissjoni ma werietx li dawn il-fatturi huma suffiċjenti sabiex jiġi kkunsidrat li l-konċentrazzjoni pjanata twassal għal tali tfixkil.

Il-kunsiderazzjonijiet tal-Qorti tal-Ġustizzja

256 Fir-rigward tal-argument ta' CK Telecoms li l-ħames aggravju huwa inammissibbli u ineffettiv, għandu jiġi kkonstatat li, permezz ta' dan l-aggravju, il-Kummissjoni tqajjem kwistjoni ta' liġi li r-risposta għaliha jista' jkollha effett fuq il-fondatezza tal-konstatazzjoni tal-Qorti Ġenerali li tgħid li din l-istituzzjoni ma rnexxilhiex tistabbilixxi, b'mod suffiċjenti fid-dritt, l-eżistenza ta' tfixkil sinjifikattiv għal kompetizzjoni effettiva. Fil-fatt, permezz tal-imsemmi aggravju, il-Kummissjoni tikkritika, essenzjalment, lill-Qorti Ġenerali talli annullat id-Deċiżjoni kontenzjuża mingħajr ma wettqet analiżi globali jew evalwazzjoni tal-fatturi rilevanti kollha meħuda inkunsiderazzjoni fid-Deċiżjoni kontenzjuża, iżda sempliċement eżaminat ċerti fatturi li jissostanzjaw, b'mod partikolari, l-ewwel teorija tad-dannu u n-natura suffiċjenti tagħhom għall-finijiet ta' din l-analiżi.

257 Konsegwentement, għandha tiġi eżaminata l-fondatezza ta' dan il-ħames aggravju.

258 F'dan ir-rigward, għandu jifakkar li, hekk kif jirriżulta mill-Artikolu 2(1)(b) tar-Regolament Nru 139/2004, fil-kuntest tal-kontroll tagħha ta' konċentrazzjoni, il-Kummissjoni għandha tiegħu inkunsiderazzjoni l-pożizzjoni fis-suq tal-partijiet f'din il-konċentrazzjoni kif ukoll is-saħħa ekonomika u finanzjarja tagħhom, il-possibbiltajiet ta' għażla tal-fornituri u tal-utenti, l-aċċess tagħhom għas-sorsi ta' provvista jew għas-swieq, l-eżistenza fid-dritt jew fil-fatt ta' tfixkil għad-dħul, l-evoluzzjoni tal-provvista u d-domanda tal-prodotti u s-servizzi kkonċernati, l-interessi tal-konsumaturi intermedjarji u finali kif ukoll l-evoluzzjoni tal-progress tekniku u ekonomiku sakemm dan ikun ta' vantaġġ għall-konsumaturi u ma jikkostitwixxix tfixkil għall-kompetizzjoni.

259 Għandu jifakkar ukoll li l-punti 26 sa 38 tal-Linji Gwida dwar il-konċentrazzjonijiet orizzontali jistabbilixxu fatturi li jistgħu effettivament jinfluwenzaw il-probabbiltà li konċentrazzjoni twassal għal effetti mhux ikkoordinati sinjifikattivi.

260 Il-punt 26 ta' dawn il-linji gwida jindika f'dan ir-rigward, għustament, li dawn il-fatturi, meħuda separatament, ma humiex neċessarjament determinanti. Barra minn hekk, mhux dawn il-fatturi kollha għandhom neċessarjament jiġu ssodisfatti sabiex effetti sinjifikattivi mhux ikkoordinati jkun probabbli.

261 F'dan il-kuntest, għandu jiġi kkunsidrat li l-imsemmija fatturi jistgħu, bħala prinċipju, jikkostitwixxu indizji li konċentrazzjoni jkollha effetti mhux ikkoordinati sinjifikattivi, li għandhom ikunu s-suġġett ta' evalwazzjoni globali.

- 262 Għalhekk, sabiex ikun jista' jitwettaq sħarriġ ġudizzjarju effettiv tad-deċiżjonijiet tal-Kummissjoni li jiddikjaraw konċentrazzjoni inkompatibbli mas-suq intern, hija l-qorti tal-Unjoni, wara li tkun eżaminat il-fondatezza tal-ilmenti diretti kontra l-evalwazzjoni mill-Kummissjoni tal-fatturi rilevanti u fid-dawl tar-risultat li jirriżulta minnha, li għandha tevalwa jekk il-fatturi u l-elementi rilevanti kollha li fuqhom ibbażat ruħha l-Kummissjoni u li jistgħu jitqiesu bħala stabbiliti, inklużi dawk li ma ġewx ikkontestati, humiex biżżejjed sabiex juru l-eżistenza ta' tfixkil sinjifikattiv għal kompetizzjoni effettiva. Din l-evalwazzjoni globali ma timplikax li l-qorti tal-Unjoni għandha twettaq eżami *ex officio* tal-fondatezza tal-evalwazzjoni ta' fatturi jew ta' elementi oħra li ma ġewx ikkontestati mill-partijiet fil-proċedura.
- 263 F'dan il-każ, fir-rigward tal-ewwel teorija tad-dannu mressqa mill-Kummissjoni, il-punti 128 sa 136 tas-sentenza appellata jinkludu sunt tad-Deċiżjoni kontenzjuża.
- 264 Fil-punti 141 sa 283 tas-sentenza appellata, il-Qorti Ġenerali eżaminat l-argumenti ta' CK Telecoms imqajma fil-kuntest tal-ewwel motiv tar-rikors fl-ewwel istanza u li jirrigwardaw, essenzjalment, il-fatturi li jistgħu jinfluwenzaw il-probabbiltà li l-konċentrazzjoni ppjanata twassal għal effetti mhux ikkoordinati sinjifikattivi, jiġifieri l-analiżi tal-partijiet tas-suq, il-klassifikazzjoni ta' Three bħala "mutur importanti tal-kompetizzjoni", l-evalwazzjoni tal-prossimità tar-relazzjoni ta' kompetizzjoni bejn il-partijiet fil-konċentrazzjoni ppjanata kif ukoll l-analiżi kwantitattiva tal-effetti ta' din il-konċentrazzjoni fuq il-prezzijiet.
- 265 Fil-punt 154 tas-sentenza appellata, il-Qorti Ġenerali ċaħdet ir-raba' parti tal-ewwel motiv tar-rikors fl-ewwel istanza. Kif jirriżulta, essenzjalment, mill-punt 152 tas-sentenza appellata, il-Qorti Ġenerali kkonstatat li, kuntrarjament għal dak li targumenta l-appellanti fl-ewwel istanza, il-Kummissjoni qieset, fid-Deċiżjoni kontenzjuża, li d-daqs u l-evoluzzjoni tal-partijiet tas-suq ta' Three u ta' O2 kienu l-ewwel indikazzjoni tar-restrizzjoni kompetittiva qawwija eżerċitata minnhom, li hija eliminata mill-konċentrazzjoni ppjanata.
- 266 Għall-kuntrarju, fil-punti 176, 190, 198, 216, 226, 250 u 283 tas-sentenza appellata, il-Qorti Ġenerali laqgħet ċerti lmenti u partijiet tal-ewwel motiv dwar il-klassifikazzjoni ta' Three bħala "mutur importanti tal-kompetizzjoni", fuq l-evalwazzjoni tal-prossimità tar-relazzjoni ta' kompetizzjoni bejn Three u O2 u fuq l-analiżi kwantitattiva tal-effetti tal-konċentrazzjoni ppjanata fuq il-prezzijiet.
- 267 Fl-aħħar nett, fil-punti 284 sa 291 tas-sentenza appellata, il-Qorti Ġenerali eżaminat u laqgħet is-seba' parti tal-ewwel motiv tar-rikors fl-ewwel istanza li l-Kummissjoni, minn naħa, ma wettqitx evalwazzjoni globali tal-eżistenza ta' effetti mhux ikkoordinati u, min-naħa l-oħra, ma ppreċiżatx fuq liema bażi hija kkonkludiet li l-allegati tfixkil għall-kompetizzjoni li jirriżultaw mill-konċentrazzjoni ppjanata huma sinjifikattivi.
- 268 Issa, fir-rigward tal-punt dwar jekk il-Kummissjoni wettqitx, f'dan il-każ, evalwazzjoni globali tal-eżistenza ta' effetti mhux ikkoordinati, il-Qorti Ġenerali kkonstatat, fil-punt 287 tas-sentenza appellata, li, fid-Deċiżjoni kontenzjuża, il-Kummissjoni wettqet tali evalwazzjoni. Il-Qorti Ġenerali ppreċiżat li, sabiex turi l-eżistenza ta' effetti mhux ikkoordinati fis-suq bl-imnut, din l-istituzzjoni eżaminat suċċessivament diversi fatturi rilevanti.
- 269 Fid-dawl ta' dan, il-Qorti Ġenerali stess ma eżaminatx jekk, fid-dawl, minn naħa, tar-risultat tal-eżami tagħha tal-argumenti ta' CK Telecoms fl-ewwel istanza dwar ċerti fatturi rilevanti u, min-naħa l-oħra, tal-fatturi u l-konstatazzjonijiet rilevanti l-oħra li kienu jagħmlu parti mill-analiżi globali tal-Kummissjoni, li, peress li ma ġewx ikkontestati setgħux għalhekk jiġu

kkunsidrati bħala stabbiliti, bħal, pereżempju, l-evalwazzjoni speċifika tar-restrizzjoni kompetittiva eżerċitata minn O2, l-aġir probabbli tal-entità li tirriżulta mill-konċentrazzjoni ppjanata kif ukoll l-evalwazzjoni tal-pożizzjoni kompetittiva kemm tal-operaturi ta' network mobbli kif ukoll tal-operaturi ta' networks mobbli virtwali li jinsabu fil-premessi 778 sa 1174 tad-Deċiżjoni kontenzjuża, seta' jiġi kkunsidrat li l-Kummissjoni kienet uriet b'mod suffiċjenti fid-dritt l-eżistenza ta' tfixkil sinjifikattiv għal kompetizzjoni effettiva.

270 F'dawn iċ-ċirkustanzi, għandu jiġi kkunsidrat li, peress li ma wettqitx, wara l-eżami tagħha tal-fondatezza tal-fatturi u tal-konstatazzjonijiet ikkontestati minn CK Telecoms fl-ewwel istanza u fid-dawl tar-riżultat li jirriżulta minnha, evalwazzjoni globali tal-fatturi u tal-konstatazzjonijiet rilevanti sabiex jiġi vverifikat jekk il-Kummissjoni kinitx uriet l-eżistenza ta' tfixkil sinjifikattiv għal kompetizzjoni effettiva, il-Qorti Ġenerali wettqet żball ta' liġi.

271 Għaldaqstant il-ħames aggravju għandu jiġi milqugħ.

Fuq is-sitt aggravju

272 Is-sitt aggravju jinkludi żewġ partijiet. Permezz tal-ewwel parti tagħha, il-Kummissjoni tikkritika lill-Qorti Ġenerali li żnaturat id-Deċiżjoni kontenzjuża peress li kkonkludiet, fil-punti 358 sa 361 tas-sentenza appellata, li din l-istituzzjoni ma kinitx eżaminat eventwali degradazzjoni tal-kwalità tan-network tal-entità li tirriżulta mill-konċentrazzjoni ppjanata. Permezz tat-tieni parti ta' dan l-aggravju, il-Kummissjoni ssostni li l-Qorti Ġenerali qajmet, *ex officio*, ilment li ma kienx jinsab fis-sitt parti tat-tielet motiv tar-rikors fl-ewwel istanza.

Fuq in-natura effettiva tas-sitt aggravju

– L-argumenti tal-partijiet

273 CK Telecoms issostni li s-sitt aggravju huwa ineffettiv peress li l-Kummissjoni ma tikkontestax il-kunsiderazzjonijiet prinċipali tal-Qorti Ġenerali li wassluha sabiex tiċħad it-tieni teorija tad-dannu tal-Kummissjoni dwar il-ftehim ta' kondivizzjoni tan-network.

274 Minn naħa, fil-kuntest ta' dan l-appell, il-Kummissjoni ma kkontestatx il-kunsiderazzjonijiet esposti fil-punti 325, 330, 340, 344 u 346 sa 348 tas-sentenza appellata, li permezz tagħhom il-Qorti Ġenerali qieset, essenzjalment, li kien b'mod żbaljat li l-Kummissjoni kienet ikkonkludiet li allinjament ħażin possibbli tal-interessi bejn l-imsieħba fi ftehim ta' kondivizzjoni tan-network u t-taqlib fit-tul tal-ftehimiet ta' kondivizzjoni tan-network setgħu jikkostitwixxu, fihom infushom, tfixkil sinjifikattiv għal kompetizzjoni effettiva, skont teorija tad-dannu bbażata fuq effetti mhux ikkoordinati.

275 Min-naħa l-oħra, fil-kuntest tal-appell tagħha, il-Kummissjoni ma kkontestatx l-analiżi tal-Qorti Ġenerali li tinsab fil-punti 362 sa 397 tas-sentenza appellata, dwar l-effetti tal-konċentrazzjoni inkwistjoni fuq BT/EE u fuq Vodafone.

276 Issa, dawn il-kunsiderazzjonijiet kollha mhux ikkontestati kienu wasslu lill-Qorti Ġenerali tiċħad it-tieni teorija tad-dannu.

277 Il-Kummissjoni ssostni li s-sitt aggravju huwa ineffettiv.

– *Il-kunsiderazzjonijiet tal-Qorti tal-Ġustizzja*

- 278 Fl-ewwel lok, għandu jitfakkar li, fil-punti 325, 330, 340, 344 u 346 sa 348 tas-sentenza appellata, il-Qorti Ġenerali eżaminat il-kwistjoni dwar jekk it-taqlib fit-tul tal-funzjonament tajjeb tal-ftehimiet ta' kondiviżjoni tan-network minħabba, b'mod partikolari, eventwali allinjament ħażin tal-interessi bejn l-imsieħba f'dawn il-ftehimiet jistax jikkostitwixxi, fih innifsu, tfixkil sinjifikattiv għal kompetizzjoni effettiva.
- 279 Issa, il-Kummissjoni ma kkonkludietx li kien hemm tali tfixkil esklużivament abbażi ta' tali allinjament ħażin tal-interessi, peress li dan l-allinjament ħażin tal-interessi kien biss wieħed mill-fatturi meħuda inkunsiderazzjoni fid-Deċiżjoni kontenzjuża.
- 280 Għalhekk, il-fatt li l-Kummissjoni ma tikkontestax il-konstatazzjoni tal-Qorti Ġenerali li tgħid li l-allinjament ħażin tal-interessi bejn l-imsieħba fil-ftehimiet ta' kondiviżjoni tan-network, bħala tali, ma kienx suffiċjenti sabiex jiġi stabbilit tfixkil sinjifikattiv għal kompetizzjoni effettiva ma jistax jagħmel is-sitt aggravju tal-Kummissjoni ineffettiv.
- 281 Fit-tieni lok, fir-rigward tal-argument ta' CK Telecoms li s-sitt aggravju huwa ineffettiv minħabba li l-Kummissjoni ma kkontestatx l-analiżi tal-Qorti Ġenerali li tinsab fil-punti 362 sa 397 tas-sentenza appellata, dwar l-effetti tal-konċentrazzjoni ppjanata fuq BT/EE u Vodafone, għandu jiġi rrilevat, kif jirriżulta, b'mod partikolari, mill-punt 361 ta' dik is-sentenza, li l-Qorti Ġenerali eżaminat jekk l-analiżi tal-Kummissjoni dwar l-effetti tal-konċentrazzjoni fuq BT/EE u Vodafone kinitx partikolarment solida u konvinċenti. Issa, il-Qorti Ġenerali qieset neċessarju li tipproċedi għal dan l-eżami, abbażi tal-premessa, esposta fil-punti 358 sa 361 tal-imsemmija sentenza u kkontestata fil-kuntest tal-ewwel parti ta' dan l-aggravju, li tgħid li d-Deċiżjoni kontenzjuża ma kinitx tinkludi analiżi ta' "degradazzjoni tas-servizzi offruti jew tal-kwalità tan-network tagħha stess mill-entità fuża".
- 282 F'dawn iċ-ċirkustanzi, kif l-Avukata Ġenerali rrilevat, essenzjalment, fil-punt 181 tal-konklużjonijiet tagħha, peress li l-kunsiderazzjonijiet tal-Qorti Ġenerali li jinsabu fil-punti 358 sa 361 tas-sentenza appellata jikkostitwixxu l-bażi tal-evalwazzjoni tal-effetti tal-konċentrazzjoni ppjanata fuq BT/EE u Vodafone, imwettqa fil-punti 362 sa 397 ta' dik is-sentenza, il-fatt li l-Kummissjoni ma tikkontestax direttament din l-evalwazzjoni tal-Qorti Ġenerali ma jistax jagħmel is-sitt aggravju ineffettiv.
- 283 Għaldaqstant hemm lok li jiġi miċħud l-argument ta' CK Telecoms ibbażat fuq in-natura ineffettiva tas-sitt aggravju u, għaldaqstant, li tiġi eżaminata l-fondatezza tiegħu.

Fuq l-ewwel parti

– *L-argumenti tal-partijiet*

- 284 Permezz tal-ewwel parti tas-sitt aggravju, il-Kummissjoni targumenta li, peress li kkunsidrat, b'mod żbaljat, fil-punti 358 sa 361 tas-sentenza appellata, li hija ma kinitx wettqet evalwazzjoni ta' degradazzjoni possibbli tal-kwalità tan-network tal-entità li tirriżulta mill-konċentrazzjoni, il-Qorti Ġenerali żnaturat id-Deċiżjoni kontenzjuża u kkonkludiet, bi żball, li t-tieni teorija tad-dannu kellha tiġi miċħuda.

- 285 F'dan ir-rigward, il-Kummissjoni tenfasizza li t-tnaqqis probabbli tal-inċentivi tal-operaturi ta' network mobbli, inkluża l-entità li tirriżulta mill-konċentrazzjoni pjanata, li jinvestu fit-titjib tal-kwalità tan-networks minħabba din il-konċentrazzjoni jikkostitwixxi element fundamentali tal-analiżi li tinsab fid-Deċiżjoni kontenzjuża.
- 286 Fl-ewwel lok, mill-premessi 1293 sa 1297 tad-Deċiżjoni kontenzjuża jirriżulta li l-Kummissjoni eżaminat l-ipoteżi prinċipali ta' tnaqqis probabbli tal-inċentiv tal-entità li tirriżulta mill-konċentrazzjoni pjanata li tinvesti fit-titjib tal-kwalità tan-network tagħha meta mqabbla mas-sitwazzjoni preċedenti għal din il-konċentrazzjoni.
- 287 Fit-tieni lok, il-Kummissjoni eżaminat diversi xenarji possibbli, prinċipalment ibbażati fuq il-pjanijiet ta' konsolidazzjoni tan-networks indikati minn Three. Minn naħa, mill-premessi 1558 sa 1562 tad-Deċiżjoni kontenzjuża jirriżulta li l-Kummissjoni eżaminat it-tnaqqis tal-inċentivi tal-entità li tirriżulta mill-konċentrazzjoni pjanata li tinvesti fil-kuntest tal-pjan [A]. Min-naħa l-oħra, mill-premessi 1732 sa 1742 ta' din id-deċiżjoni jirriżulta li l-Kummissjoni eżaminat, fil-kuntest tal-pjan [B], tnaqqis tal-investiment globali fin-networks minħabba t-trasparenza ikbar tal-investimenti magħmula minn kull operatur ta' network mobbli, inklużi l-investimenti tal-entità li tirriżulta mill-konċentrazzjoni pjanata.
- 288 F'dan il-kuntest, il-Kummissjoni ssostni li hija evalwat ir-riskju ta' tnaqqis tal-kwalità tan-network tal-entità li tirriżulta mill-konċentrazzjoni pjanata kif ukoll it-tnaqqis tal-pressjoni kompetittiva fuq l-operaturi l-oħra ta' network mobbli li jirriżulta minn dan.
- 289 CK Telecoms tirribatti li l-Qorti Ġenerali ma żnaturatx il-kontenut tad-Deċiżjoni kontenzjuża u li hija ma injoratx il-premessi ta' din id-deċiżjoni li għalihom tirreferi l-Kummissjoni.
- 290 Din il-kumpannija tenfasizza li, sabiex jinftiehm u l-argumenti tal-Kummissjoni, għandha tittieħed inkunsiderazzjoni l-istruttura tat-tieni teorija tad-dannu.
- 291 F'dan ir-rigward, l-imsemmija kumpannija tfakkar li din it-teorija tad-dannu tinkludi żewġ subteoriji relatati mal-ftehimiet ta' kondivizzjoni ta' network. L-ewwel waħda tikkonċerna l-eventwali tnaqqis tal-pressjoni kompetittiva eżerċitata mill-kompetituri l-oħra (BT/EE u/jew Vodafone) fuq l-entità li tirriżulta mill-konċentrazzjoni pjanata (Three) filwaqt li t-tieni subteorija tirrigwarda s-sitwazzjoni ta' kondivizzjoni tan-network li tirriżulta minn din il-konċentrazzjoni li żżid it-trasparenza globali u tnaqqas l-investimenti fil-livell tas-settur tal-infrastruttura tan-networks.
- 292 Il-Kummissjoni eżaminat dawn iż-żewġ subteoriji tad-dannu fir-rigward tal-pjanijiet ta' konsolidazzjoni tan-network ippreżentati minn CK Telecoms.
- 293 F'dan il-kuntest, skont din il-kumpannija, il-premessi tad-Deċiżjoni kontenzjuża li għalihom tirreferi l-Kummissjoni u li, skont din l-istituzzjoni, jinkludu analiżi tad-degradazzjoni tan-network tal-entità li tirriżulta mill-konċentrazzjoni pjanata, ma humiex relatati mal-ewwel subteorija tad-dannu, iżda mat-tieni waħda.
- 294 Issa, il-punti 358 sa 361 tas-sentenza appellata jagħmlu parti mill-analiżi mill-Qorti Ġenerali tal-ewwel subteorija tad-dannu, dwar tnaqqis tal-pressjoni kompetittiva eżerċitata mill-kompetituri l-oħra, jiġifieri BT/EE u/jew Vodafone, fuq l-entità li tirriżulta mill-konċentrazzjoni pjanata.

- 295 Għaldaqstant, il-Qorti Ġenerali ma tistax tiġi kkritikata li ma ħaditx inkunsiderazzjoni, fl-imsemmija punti, il-premessi tad-Deċiżjoni kontenzjuża li għalihom tirreferi l-Kummissjoni u li għalhekk żnaturat din id-deċiżjoni.
- 296 F'dawn iċ-ċirkustanzi, CK Telecoms tippreċiża li l-Qorti Ġenerali eżaminat u ħadit it-tieni subteorija tad-dannu mhux fil-punti 358 sa 361 tas-sentenza appellata, iżda fil-punti 398 sa 418 ta' dik is-sentenza u li hija ħadet inkunsiderazzjoni preċiżament il-premessi tad-Deċiżjoni kontenzjuża li għalihom tirreferi l-Kummissjoni b'mod partikolari fil-punti 400 sa 403 tal-imsemmija sentenza.
- *Il-kunsiderazzjonijiet tal-Qorti tal-Ġustizzja*
- 297 Permezz tal-ewwel parti tas-sitt aggravju, il-Kummissjoni ssostni, essenzjalment, li peress li kkunsidrat fil-punti 358 sa 361 tas-sentenza appellata, li l-Kummissjoni ma wettqitx evalwazzjoni ta' degradazzjoni possibbli tal-kwalità tan-network tal-entità li tirriżulta mill-konċentrazzjoni ppjanata, il-Qorti Ġenerali żnaturat id-Deċiżjoni kontenzjuża u kkonkludiet, bi żball, li t-tieni teorija tad-dannu kellha tiġi miċħuda.
- 298 Preliminarjament, għandu jitfakkar li, kif jirriżulta mill-punt 292 tas-sentenza appellata, matul il-proċedura amministrattiva, Three ppreżentat żewġ pjanijiet ta' konsolidazzjoni tan-networks, jiġifieri l-“pjan [A]” u l-“pjan [B]”. Dawn il-pjanijiet kienu bbażati fuq iż-żewġ ftehimiet ta' kondivizzjoni tan-network imsemmija fil-punt 18 ta' din is-sentenza, jiġifieri, minn naħa, il-ftehim MBNL, konkluż bejn BT/EE u Three, u, min-naħa l-oħra, il-ftehim Beacon, konkluż bejn Vodafone u O2. Permezz ta' dawn il-ftehimiet, dawn l-operaturi kienu kkonsolidaw in-networks rispettivi tagħhom sabiex ikunu jistgħu jaqsmu l-ispejjeż ta' installazzjoni filwaqt li jkomplu jikkompetu fis-suq bl-imnut. Skont dawn il-pjanijiet, l-entità li tirriżulta mill-konċentrazzjoni ppjanata ma kinitx intiża li żżomm żewġ networks separati għal żmien twil, iżda kien previst li jinħoloq network ikkonsolidat wieħed.
- 299 Fil-punt 295 tas-sentenza appellata, il-Qorti Ġenerali ppreċiżat li, fil-kuntest tat-tieni teorija tad-dannu relatat mal-ftehimiet ta' kondivizzjoni tan-network, il-Kummissjoni żviluppat żewġ subteoriji.
- 300 Mill-punt 298 ta' dik is-sentenza jirriżulta li l-ewwel subteorija tikkonsisti, essenzjalment, fil-kunsiderazzjoni li, wara l-konċentrazzjoni ppjanata, ikun hemm tnaqqis tal-pressjoni kompetittiva eżerċitata mill-kompetituri l-oħra (BT/EE u/jew Vodafone) fuq l-entità li tirriżulta minn din il-konċentrazzjoni (Three).
- 301 Fir-rigward tat-tieni subteorija, mill-punt 299 tal-imsemmija sentenza jirriżulta li din it-teorija sussidjarja tikkonsisti, essenzjalment, fil-kunsiderazzjoni li s-sitwazzjoni ta' kondivizzjoni tan-network li tirriżulta mill-konċentrazzjoni ppjanata twassal għal tnaqqis fl-investimenti fil-livell tas-settur tal-infrastruttura tan-networks. Fil-fatt, fil-premessa 1233 tad-Deċiżjoni kontenzjuża, il-Kummissjoni tafferma li l-konċentrazzjoni tista' twassal għal tnaqqis fis-sinerġiji li jaffettwaw lis-sħab tal-ftehimiet ta' kondivizzjoni tan-network u tippermetti aġir ta' investment opportunist tal-entità li tirriżulta mill-konċentrazzjoni, u dan inaqqas l-investimenti fil-livell tas-settur, u, konsegwentement, il-grad ta' kompetizzjoni effettiva li kien jipprevali fl-assenza tal-imsemmija konċentrazzjoni.

- 302 F'dan il-kuntest, għandu jiġi rrilevat li, wara li enfasizzat, fil-premessi 1235 sa 1243 tad-Deċiżjoni kontenzjuża, l-importanza ta' allinjament tal-interessi bejn il-partijiet fi ftehim ta' kondivizzjoni ta' network, huwa fid-dawl ta' dawn iż-żewġ subteoriji tad-dannu li l-Kummissjoni eżaminat, fil-premessi 1244 sa 1784 ta' din id-deċiżjoni, il-pjanijiet ta' konsolidazzjoni tan-networks.
- 303 Fil-premessi 1293 sa 1297 tal-imsemmija deċiżjoni, il-Kummissjoni sussegwentement eżaminat l-ipoteżi prinċipali ta' tnaqqis probabbli tal-inċentiv tal-entità li tirriżulta mill-konċentrazzjoni ppjanata li tinvesti fit-titjib tal-kwalità tan-network tagħha meta mqabbla mas-sitwazzjoni preċedenti għal din il-konċentrazzjoni.
- 304 L-iżviluppi potenzjali tas-suq wara l-konċentrazzjoni inkwistjoni huma esposti fil-premessi 1368 sa 1784 tad-Deċiżjoni kontenzjuża, li l-premessi 1391 sa 1567 tagħha jirrigwardaw l-effetti tal-pjan [A] u l-premessi 1598 sa 1749 jirrigwardaw dawk tal-pjan [B]. Għalhekk, il-Kummissjoni eżaminat l-effetti ta' dawn il-pjanijiet, qabel kollox, fuq BT/EE u b'mod partikolari fuq in-network MBNL, imbagħad, fuq Vodafone u b'mod partikolari fuq in-network Beacon, u fl-aħħar nett, fuq l-investment globali fin-networks ikkonċernati.
- 305 Fil-kuntest tal-analiżi tagħha tal-effett tal-imsemmija pjanijiet fuq l-investment globali fin-networks mobbli, il-Kummissjoni enfasizzat, b'mod partikolari, fil-premessi 1556 sa 1562 u fil-premessi 1732 sa 1742 tad-Deċiżjoni kontenzjuża, li t-trasparenza ikbar tal-investimenti bejn l-operaturi ta' networks mobbli tista' tnaqqas l-inċentiv tagħhom li jinvestu fin-networks u għalhekk jkollha effett negattiv sinjifikattiv fuq l-investimenti f'dawn in-networks fil-livell tas-settur.
- 306 B'mod partikolari, minn naħa, fil-premessi 1559 sa 1561 u 1734 tad-Deċiżjoni kontenzjuża, il-Kummissjoni kkonstatat, essenzjalment, li, minħabba din it-trasparenza ikbar, l-entità li tirriżulta mill-konċentrazzjoni ppjanata setgħet tiġi informata bl-investimenti min-naħa ta' BT/EE f'teknoloġija għall-benefiċċju tan-network MBNL u għalhekk tiddeċiedi li timplimenta hija stess tali teknoloġija għall-benefiċċju tan-network Beacon [kunfidenzjali]. Skont id-deċiżjoni inkwistjoni, Vodafone tista' tiegħu konjizzjoni tal-fatt li l-entità li tirriżulta mill-konċentrazzjoni ppjanata tippredvi li timplimenta din it-teknoloġija u għalhekk tkun inċentivata tirrinunzja li tagħmel tali investimenti teknoloġiċi sakemm din l-entità tagħmel dan.
- 307 Min-naħa l-oħra, fil-premessi 1735 u 1736 ta' din id-deċiżjoni, il-Kummissjoni qieset li, bis-saħħa tal-pjan [B], l-entità li tirriżulta mill-konċentrazzjoni ppjanata tista' tkun informata bl-investimenti previsti minn BT/EE jew minn Vodafone u tkun inċentivata tipproċedi għal investimenti analogi, kemm fil-Lvant kif ukoll fil-Punent tar-Renju Unit [kunfidenzjali]. Fil-premessa 1737 tal-imsemmija deċiżjoni, hija kkonkludiet li t-trasparenza ikbar twassal għar-riskju li BT/EE u Vodafone jistennew li l-entità li tirriżulta mill-konċentrazzjoni ppjanata tipproċedi għal tali investimenti fl-iżvilupp ta' teknoloġiji ġodda importanti, qabel ma jinvestu huma.
- 308 F'dan il-kuntest, kif l-Avukata Ġenerali rrilevat, essenzjalment, fil-punt 189 tal-konklużjonijiet tagħha, għandu jitqies li l-Kummissjoni wettqet analiżi tal-possibbiltà ta' degradazzjoni tal-kwalità kemm tan-network MBNL kif ukoll tan-network Beacon. Meta wettqet din l-analiżi, il-Kummissjoni telqet mill-premessa, imsemmija fil-premessa 1275 tad-Deċiżjoni kontenzjuża, li tgħid li mezz ieħor sabiex titnaqqas il-pressjoni kompetittiva eżerċitata minn sieħeb fi ftehim ta' kondivizzjoni tan-network jikkonsisti fid-degradazzjoni tal-kwalità tan-network peress li jipprekludi jew jittardja l-investimenti fin-network minn sieħeb ieħor f'dan il-ftehim. Minn dan

isegwi li l-Kummissjoni kkunsidrat mill-bidu li t-tnaqqis tal-pressjoni kompetittiva jista' jikkonsisti, b'mod partikolari, f'tali degradazzjoni mill-entità li tirriżulta mill-konċentrazzjoni ppjanata tal-kwalità tan-network tagħha stess.

309 F'dawn iċ-ċirkustanzi, għandu jiġi kkonstatat li mid-Deċiżjoni kontenzjuża jirriżulta li l-Kummissjoni evalwat il-possibbiltà ta' degradazzjoni tal-kwalità tan-network tal-entità li tirriżulta mill-konċentrazzjoni ppjanata.

310 Għalhekk, peress li kkonstatat, fil-punti 358 sa 361 tas-sentenza appellata, li l-Kummissjoni ma kinitx wettqet tali evalwazzjoni, il-Qorti Ġenerali żnaturat din id-deċiżjoni.

311 Kif irrilevat l-Avukata Ġenerali fil-punt 191 tal-konklużjonijiet tagħha, din il-konstatazzjoni ma tistax tiġi invalidata mill-argument ta' CK Telecoms li jgħid li fid-dawl tal-istruttura tad-deċiżjoni kontenzjuża, il-Kummissjoni evalwat l-effetti tal-pjanijiet [A] u [B] fuq l-investment globali fin-networks rispettivi taħt żewġ titoli distinti.

312 Ċertament, peress li l-evalwazzjonijiet tal-Kummissjoni dwar l-effetti tal-pjan [A] u tal-pjan [B] fuq l-investment globali fin-networks rispettivi saru f'żewġ taqsimiet ta' din id-deċiżjoni, intitolati, rispettivament, "L-effetti tal-pjan [A] jew tal-pjan [B] fuq l-investment globali fin-networks", u "L-effetti tal-pjan [B] fuq l-investment globali fin-networks", huma jistgħu jidhru li huma marbuta iktar mill-qrib mat-tieni subteorija tad-dannu. Barra minn hekk, il-punti 358 sa 361 tas-sentenza appellata, ikkontestati mill-Kummissjoni, jesponu kunsiderazzjonijiet ġenerali tal-Qorti Ġenerali li jirrigwardaw l-ewwel subteorija tad-dannu li tnaqqis tal-pressjonijiet kompetittivi eżerċitati fuq il-kompetituri tal-entità li tirriżulta mill-konċentrazzjoni ppjanata jista' jiġi osservat. Madankollu, fl-analiżi tagħha tal-effetti taż-żewġ pjani ta' konsolidazzjoni tan-networks fuq BT/EE u fuq Vodafone kif ukoll fuq l-investment globali f'dawn in-networks, il-Kummissjoni ma għamlitx formalment distinzjoni skont is-subteorija mressqa, iżda, għall-kuntrarju, għamlet riferimenti għad-diversi partijiet rilevanti tad-Deċiżjoni kontenzjuża.

313 Fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet preċedenti, l-ewwel parti tas-sitt aggravju għandha tiġi milqugħa.

Fuq it-tieni parti

– L-argumenti tal-partijiet

314 Permezz tat-tieni parti tas-sitt aggravju tagħha, il-Kummissjoni, filwaqt li tinvoka nuqqas ta' motivazzjoni, issostni, essenzjalment, li, sabiex tilqa', fil-punt 417 tas-sentenza appellata, is-sitt parti tat-tielet motiv tar-rikors fl-ewwel istanza ta' CK Telecoms, il-Qorti Ġenerali eżaminat *ex officio* kwistjoni li ma tqajmitx minn din il-kumpannija u li, konsegwentement, ir-raġunament li jinsab fil-punti 408 sa 416 tas-sentenza appellata ma jikkorrispondix għall-ilmenti ta' CK Telecoms ifformulati fil-kuntest ta' din il-parti.

315 F'dan ir-rigward, il-Kummissjoni tfakkar li, permezz tas-sitt parti tat-tielet motiv tagħha tar-rikors fl-ewwel istanza, CK Telecoms kienet sostniet, minn naħa, li l-Kummissjoni wettqet żball ta' liġi meta kklassifikat bħala effett mhux ikkoordinat it-tnaqqis eventwali tal-investimenti globali li jirriżulta minn trasparenza ikbar tal-investimenti bejn l-operaturi ta' network mobbli u, min-naħa l-oħra, li l-Kummissjoni ma ħaditx inkunsiderazzjoni b'mod sħiħ l-impenji ppreżentati minn CK Telecoms.

- 316 Skont il-Kummissjoni, il-motivi esposti fil-punti 398 sa 416 tas-sentenza appellata ma jippermettux li jinftiehem r-raġunijiet li għalihom il-Qorti Ġenerali ddeċidiet, fil-punt 417 ta' dik is-sentenza, li l-Kummissjoni wettqet żball ta' liġi meta kklassifikat it-tnaqqis eventwali tal-investimenti globali li jirriżulta minn trasparenza ikbar tal-investimenti bejn l-operaturi ta' network mobbli bħala effett mhux ikkoordinat.
- 317 Il-Kummissjoni tippreċiża li, fil-punti 408 sa 416 tal-imsemmija sentenza, il-Qorti Ġenerali ttrattat *ex officio* kwistjoni oħra, li ma tqajmitx minn CK Telecoms fl-ewwel istanza, dwar jekk il-Kummissjoni naqsitx milli tistabbilixxi, fid-Deċiżjoni kontenzjuża, il-kuntest temporali xieraq li fih hija kellha l-intenzjoni li turi tfixkil sinjifikattiv għal kompetizzjoni effettiva.
- 318 F'dawn iċ-ċirkustanzi, il-Kummissjoni ssostni li r-raġunament tal-Qorti Ġenerali espost fil-punti 404 sa 416 tas-sentenza appellata ma jikkorrispondix mal-konstatazzjoni li waslet għaliha fil-punt 417 tas-sentenza appellata. Għaldaqstant, dik is-sentenza ma tinkludi ebda raġunament relatat mal-kwistjoni dwar jekk il-Kummissjoni kklassifikatx b'mod żbaljat it-tnaqqis eventwali tal-investimenti globali li jirriżulta minn trasparenza ikbar tal-investimenti bejn l-operaturi ta' network mobbli bħala effett mhux ikkoordinat u jekk hija wettqitx żbalji manifesti ta' evalwazzjoni fil-analiżi tagħha tal-effett tal-konċentrazzjoni fuq l-investimenti fil-livell tas-settur.
- 319 CK Telecoms tirribatti li l-Qorti Ġenerali esponiet b'mod ċar u eżawrjenti r-raġunament li wassalha sabiex tiċħad it-tieni subteorija tad-dannu, li tippermetti lill-persuni kkonċernati jkunu jafu l-motivi tad-deċiżjoni tal-Qorti Ġenerali, u lill-Qorti tal-Ġustizzja teżerċita l-istħarriġ tagħha.
- 320 F'dan ir-rigward, CK Telecoms issostni, fl-ewwel lok, li, fil-punt 408 tas-sentenza appellata, il-Qorti Ġenerali kkunsidrat li l-Kummissjoni ma kinitx ippreċiżat il-perijodu li fih hija qieset li kien ser iseħħ tfixkil sinjifikattiv għal kompetizzjoni effettiva. Sabiex tasal għal din il-konstatazzjoni, fil-punt 415 ta' dik is-sentenza, il-Qorti Ġenerali qieset li l-analiżi tal-effetti ta' konċentrazzjoni fuq suq oligopolistiku fis-settur tat-telekomunikazzjonijiet, li jeħtieġ investimenti fit-tul u fejn il-konsumaturi huma ta' spiss marbuta b'kuntratti għal diversi snin, hija analiżi prospettiva dinamika li teħtieġ it-teħid inkunsiderazzjoni ta' effetti kkoordinati jew unilaterali eventwali fuq perijodu ta' żmien relattivament estiż fil-futur.
- 321 Fit-tieni lok, il-Qorti Ġenerali kkunsidrat li l-Kummissjoni lanqas ma ppreċiżat liema minn diversi xenarji ta' konsolidazzjoni tan-networks previsti fid-Deċiżjoni kontenzjuża huwa l-iktar probabbli.
- 322 F'dan ir-rigward, fil-punti 410 sa 413 tas-sentenza appellata, il-Qorti Ġenerali stabbilixxiet li, ikun xi jkun il-pjan ta' konsolidazzjoni tan-networks finalment adottat mill-partijiet fil-konċentrazzjoni ppjanata, l-entità li tirriżulta minn din il-konċentrazzjoni ma żżommx fuq perijodu twil żewġ networks separati. Din l-entità għalhekk tikkonċentra għal żmien twil fuq wieħed miż-żewġ ftehimiet ta' kondivizzjoni tan-network.
- 323 F'dawn iċ-ċirkustanzi, il-Qorti Ġenerali qieset, għustament, li t-tieni subteorija tad-dannu kellha tiġi miċħuda peress li kienet ibbażata fuq l-ipoteżi, kuntrarja għall-fatti kkonstatati mill-Qorti Ġenerali, tal-eżistenza fit-tul ta' żewġ networks separati.

– *Il-kunsiderazzjonijiet tal-Qorti tal-Ġustizzja*

- 324 Mir-regoli dwar il-proċedura quddiem il-qorti tal-Unjoni, b'mod partikolari mill-Artikolu 21 tal-Istatut tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea kif ukoll mill-Artikolu 76 u mill-Artikolu 84(1) tar-Regoli tal-Proċedura tal-Qorti Ġenerali jirriżulta li t-tilwima bħala

prinċipju hija ddeterminata u ddefinita mill-partijiet u li l-qorti tal-Unjoni ma tistax tiddeċiedi *ultra petita* (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tal-10 ta' Diċembru 2013, Il-Kummissjoni vs L-Irlanda *et*, C-272/12 P, EU:C:2013:812, punt 27).

- 325 Għalkemm ċerti motivi jistgħu, jew saħansitra għandhom, jitqajmu *ex officio*, bħal nuqqas jew insuffiċjenza ta' motivazzjoni tad-deċiżjoni inkwistjoni, li jaqa' taħt ir-rekwiżiti formali essenzjali, motiv ibbażat fuq il-legalità sostantiva tal-imsemmija deċiżjoni, li jaqa' taħt il-ksur tat-trattati jew ta' kwalunkwe dispożizzjoni legali oħra marbuta mal-applikazzjoni tagħhom, fis-sens tal-Artikolu 263 TFUE, jista', min-naħa l-oħra, jiġi eżaminat mill-qorti tal-Unjoni biss jekk jiġi invokat mir-rikorrent (sentenza tal-10 ta' Diċembru 2013, Il-Kummissjoni vs L-Irlanda *et*, C-272/12 P, EU:C:2013:812, punt 28).
- 326 F'dan il-każ, għandu jiġi kkonstatat li, permezz tas-sitt parti tat-tielet motiv tagħha tar-rikors fl-ewwel istanza, CK Telecoms kienet sostniet, minn naħa, li l-Kummissjoni wettqet żball ta' liġi meta kklassifikat it-tnaqqis eventwali tal-investimenti globali li jirriżulta minn trasparenza ikbar tal-investimenti bejn l-operaturi ta' network mobbli bħala effett mhux ikkoordinat u, min-naħa l-oħra, li l-Kummissjoni ma ħaditx inkunsiderazzjoni b'mod sħiħ l-impenji ppreżentati minn CK Telecoms.
- 327 Fil-punti 398 sa 401 tas-sentenza appellata, il-Qorti Ġenerali fakkret, essenzjalment, din is-sitt parti tat-tielet motiv kif ukoll l-argument tal-Kummissjoni. Fil-punti 402 sa 407 ta' dik is-sentenza, il-Qorti Ġenerali eżaminat il-premessi tad-Deċiżjoni kontenzjuża li jirrigwardaw l-eventwali tnaqqis tal-investimenti globali fin-networks minħabba t-trasparenza ikbar tal-investimenti bejn l-operaturi ta' network mobbli li tirriżulta mill-konċentrazzjoni pplanata.
- 328 Issa, f'dan il-kuntest, minflok ma eżaminat jekk il-Kummissjoni kklassifikatx b'mod żbaljat dan it-tnaqqis eventwali tal-investimenti bħala effett mhux ikkoordinat u jekk hija ma ħaditx inkunsiderazzjoni b'mod sħiħ l-impenji ppreżentati minn CK Telecoms, il-Qorti Ġenerali kkunsidrat, fil-punt 408 tas-sentenza appellata, li, f'dan il-każ, hija kienet qiegħda taffaċċja "diffikultà partikolari" fir-rigward tal-istħarriġ ġudizzjarju li hija għandha teżerċita fir-rigward tad-Deċiżjoni kontenzjuża, peress li l-Kummissjoni naqset milli tistabbilixxi l-kuntest temporali xieraq li fih hija kellha l-intenzjoni tistabbilixxi tfixkil sinjifikattiv għal kompetizzjoni effettiva.
- 329 Fil-punt 410 tas-sentenza appellata, din il-qorti kkonstatat, essenzjalment, li, fid-Deċiżjoni kontenzjuża, il-perijodu twil ma ġiex ikkunsidrat mill-Kummissjoni bħala l-kuntest temporali xieraq sabiex jiġu evalwati l-effetti tal-konċentrazzjoni pplanata.
- 330 F'dan ir-rigward, il-Qorti Ġenerali ppreċiżat, fil-punt 415 ta' dik is-sentenza, li l-analiżi tal-effetti ta' konċentrazzjoni fuq suq oligopolistiku fis-settur tat-telekomunikazzjonijiet, li jeħtieġ investimenti fit-tul u fejn il-konsumaturi huma ta' spiss marbuta b'kuntratti għal diversi snin, hija analiżi prospettiva dinamika li teħtieġ it-teħid inkunsiderazzjoni ta' effetti kkoordinati jew unilaterali eventwali fuq perijodu ta' żmien relattivament estiż fil-futur.
- 331 Il-Qorti Ġenerali kkonkludiet, essenzjalment, fil-punti 416 u 417 tas-sentenza appellata, li, fid-dawl tal-fatt li l-partijiet fil-konċentrazzjoni ma humiex ser iżommu żewġ networks separati għal żmien twil, il-Kummissjoni wettqet żball ta' liġi peress li kklassifikat l-effett ta' trasparenza msaħħa fuq l-investment globali fin-networks bħala effett mhux ikkoordinat, "sa fejn [it-tieni subteorija] h[ij]a bbażat[a] fuq l-ipoteżi [żbaljata] tal-eżistenza ta' żewġ networks separati".

- 332 Issa, kif irrilevat l-Avukata Ġenerali fil-punt 200 tal-konklużjonijiet tagħha, għandu jiġi kkonstatat li, fil-kuntest tan-noti tagħha fl-ewwel istanza, CK Telecoms ma kkritikatx lill-Kummissjoni talli naqset milli tippreċiża jew tanalizza l-kuntest temporali xieraq li fih din l-istituzzjoni kellha l-intenzjoni tistabbilixxi l-eżistenza ta' effetti mhux ikkoordinati u ta' tfixkil sinjifikattiv għal kompetizzjoni effettiva.
- 333 Għaldaqstant, għandu jiġi kkonstatat li, mingħajr ma eżaminat l-ilmenti li kienet ippreżentat CK Telecoms fil-kuntest tal-motiv ikkonċernat, il-Qorti Ġenerali qajmet *ex officio* l-ilment ibbażat fuq l-assenza ta' preċiżjoni tal-kuntest temporali u tal-analiżi tal-effetti mhux ikkoordinati fit-tul.
- 334 Issa, huwa manifest li dan l-ilment ma jistax jiġi kklassifikat bħala motiv ta' ordni pubbliku fis-sens tal-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja mfakkra fil-punt 325 ta' dik is-sentenza.
- 335 Għalhekk, peress li, sabiex tilqa', fil-punt 417 tas-sentenza appellata, is-sitt parti tat-tielet motiv tar-rikors fl-ewwel istanza ta' CK Telecoms, il-Qorti Ġenerali qajmet *ex officio*, fil-punti 408 sa 416 tas-sentenza appellata, ilment li ma jistax jiġi kklassifikat bħala motiv ta' ordni pubbliku u, konsegwentement, ir-raġunament li jinsab f'dawn il-punti ma jikkorrispondix mal-ilmenti ta' CK Telecoms ifformulati fil-kuntest ta' din il-parti, għandu jiġi kkunsidrat li din il-qorti wettqet żball ta' liġi.
- 336 Konsegwentement, it-tieni parti tas-sitt aggravju hija fondata u s-sitt aggravju għandu għalhekk jintlaqa' fl-intier tiegħu.
- 337 Fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet kollha preċedenti u fid-dawl tal-portata, tan-natura u tal-portata tal-iżbalji mwettqa mill-Qorti Ġenerali, identifikati f'din is-sentenza, li jaffettwaw ir-raġunament tal-Qorti Ġenerali fl-intier tiegħu, hemm lok li s-sentenza appellata tiġi annullata.

Fuq il-kawża mibgħuta lura lill-Qorti Ġenerali

- 338 Konformement mal-Artikolu 61 tal-Istatut tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea, meta l-appell huwa fondat, il-Qorti tal-Ġustizzja tannulla d-deċiżjoni tal-Qorti Ġenerali. Hija tista' allura jew tiddeċiedi hija stess definittivament il-kawża, meta din tkun fi stat li tiġi deċiża, jew tibgħat lura l-kawża quddiem il-Qorti Ġenerali sabiex din tiddeċidiha.
- 339 F'dan il-każ, mill-punti 291, 397, 417, 418, 454 u 455 tas-sentenza appellata jirriżulta li, peress li laqgħet il-motivi tar-rikors fl-ewwel istanza elenkati fil-punt 41 ta' din is-sentenza, il-Qorti Ġenerali annullat id-Deċiżjoni kontenzjuża u qieset li ma kienx hemm lok li tiġi eżaminata s-sitt parti tal-ewwel motiv, ibbażata fuq il-fatt li l-Kummissjoni kkunsidrat b'mod żbaljat li l-inċentivi tal-entità li tirriżulta mill-konċentrazzjoni pjanata li tidħol f'kompetizzjoni probabbilment ikunu inqas minn dawk ta' Three u ta' O2 qabel din il-konċentrazzjoni. Hija lanqas ma eżaminat it-tieni motiv dwar l-evalwazzjoni tax-xenarju kontrofattwali mwettqa mill-Kummissjoni, li fuq hija bbażata l-evalwazzjoni tas-swieq bl-imnut u bl-ingrossa u lanqas it-tieni u s-seba' parti tat-tielet motiv dwar, minn naħa, l-evoluzzjoni taż-żewġ ftehimiet ta' kondivizzjoni tan-network eżistenti fix-xenarju kontrofattwali u, min-naħa l-oħra, l-evalwazzjoni tal-impenji dwar il-kondivizzjoni tan-network. Il-Qorti Ġenerali lanqas ma ddeċidiet dwar ir-raba', il-ħames u s-sitt parti tar-raba' motiv, li jirrigwardaw, rispettivament, l-evalwazzjoni tal-Kummissjoni li tgħid li l-entità li tirriżulta mill-konċentrazzjoni pjanata kienet inqas inċentivata tikkompeti, l-evalwazzjoni ta' din l-istituzzjoni li l-kompetituri ta' din l-entità la kellhom il-kapaċità u lanqas

l-inċentivi neċessarji sabiex jikkompetu magħha, kif ukoll dwar it-teħid inkunsiderazzjoni mill-Kummissjoni ta' ċerti affermazzjonijiet ta' terzi. Fl-aħħar, il-Qorti Ġenerali ma ddeċidietx fuq il-ħames motiv tar-rikors fl-ewwel istanza, li permezz tiegħu CK Telecoms ikkontestat l-evalwazzjoni tal-Kummissjoni ta' wħud mill-impenji tagħha.

- 340 Il-motivi li ma ġewx eżaminati mill-Qorti Ġenerali jimplikaw l-eżami ta' diversi kwistjonijiet fattwali u legali abbażi ta' elementi li, minn naħa, ma ġewx evalwati mill-Qorti Ġenerali fis-sentenza appellata u, min-naħa l-oħra, ma ġewx diskussi quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja. Barra minn hekk, in-natura u l-portata tal-iżbalji mwettqa mill-Qorti Ġenerali, identifikati f'din is-sentenza, huma tali li l-eżami tal-motivi invokati fl-ewwel istanza, li huma vvizzjati b'dawn l-iżbalji, jeħtieġu li l-Qorti Ġenerali essenzjalment twettaq analiżi ġdida ta' dawn il-motivi, li hija sostanzjalment differenti minn dik li tinsab fis-sentenza appellata.
- 341 F'dan il-kuntest, għandu jiġi kkonstatat li, f'dan il-każ, il-Qorti tal-Ġustizzja ma għandhiex l-elementi neċessarji għad-dispożizzjoni tagħha sabiex tiddeċiedi b'mod definittiv fuq il-motivi kollha invokati fl-ewwel istanza.
- 342 F'dawn iċ-ċirkustanzi, hemm lok li l-kawża tintbagħat lura quddiem il-Qorti Ġenerali u li l-ispejjeż jiġu rriżervati.

Fuq l-ispejjeż

- 343 Peress li l-kawża qiegħda tintbagħat lura lill-Qorti Ġenerali, hemm lok li l-ispejjeż jiġu rriżervati.

Għal dawn il-motivi, Il-Qorti tal-Ġustizzja (Awla Manja) taqta' u tiddeċiedi:

- 1) Is-sentenza tat-28 ta' Mejju 2020, CK Telecoms UK Investments vs Il-Kummissjoni (T-399/16, EU:T:2020:217), hija annullata.**
- 2) Il-kawża hija mibgħuta lura quddiem il-Qorti Ġenerali tal-Unjoni Ewropea.**
- 3) L-ispejjeż huma rriżervati.**

Firem

ⁱ Il-kelma "qsim" inbidlet għall-kelma "kondivizzjoni". Fil-punti 41 u 61 ta' dan id-dokument, saret modifika ta' natura lingwistika u terminoloġika, wara li kien tqiegħed online għal-ewwel darba.